# L-Ħajja f'Għawdex

€2

Awwissu - Settembru 2010 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 65 SENA * Nru. 920

# DRITT?



BANIF **CREDIT CARDS**

# EMMEN F'
# **AKTAR BENEFIĊĊJI U INQAS INTERESSI**

**Qatt emmint li jeżistu kards ta' kreditu li joffrulek aktar?**

**Il-Banif Credit Cards** jagħtuk il-possibilta` li jkollok limitu ta' kreditu għola, aktar għażla fil-mod ta' kif tħallas il-kreditu u rata ta' interessi aktar baxxa. Il-Kards tal-Banif jistgħu jintużaw kemm f'Malta kif ukoll madwar id-dinja u jħaddnu t-teknoloġija 'EMV' Chip.

**Ibda emmen fl-għażla li toffrilek aktar benefiċċji.**




BANIF
BANK
*The power of believing*

Ċemplilna fuq **2260 1000 • www.banif.com.mt**

**FGURA • GĦAWDEX • Ħ'ATTARD • ĦAL QORMI • NAXXAR • SAN ĠILJAN • SAN ĠWANN • SAN PAWL IL-BAĦAR**

Termini u Kundizzjonijiet japplikaw. Il-Kards ta' Kreditu huma suġġett għall-kriterji ta' self tal-Bank. Il-Banif Bank (Malta) plc huwa liċenzjat mill-MFSA biex joffri servizzi bankarji, skond it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju 1994. Reġistrat f'Malta C41030 – 203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira, GŻR 1368, Malta.

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 920*
*Awwissu - Settembru 2010*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 14
Stqarrija • 15
Kummentarju (2) • 16
Kummentarju (3) • 18
Attwalità • 20
Sfidi ta' Żmienna • 21
Fatti u Kummenti • 23
Passatempi tal-Għawdxin (1) • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (12) • 28
Snajja Qodma (32) • 30
Anniversarji • 32
Kultura Kristjana • 35
Passiġġata Biblika (57) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (27) • 40
Għawdex 300 sena ilu (185) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (21) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (20) • 44
Play-Forum • 46
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (7) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Richard Grech, Kurja ta'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Disinn Simboliku tad-Divorzju. Ara artikli f'paġni 3, 23 u 26-27.*




# *Id-Driegħ Twil tad-Divorzju*

*Sabiex nikkonsidraw id-divorzju strettament mil-lat soċjali, ħalli għal mument inwarrbu l-kunċett li l-Kattoliku li jixraqlu l-isem ma jistax ma jagħtix kas tat-tagħlim tal-Knisja.*

*L-għalqa soċjali, taħt klima ta' kurrenti minn barra u minn ġewwa, diġà maħduma, (biex ma ngħidx "inħadmet" jew "ħallejnieha tinħadem"), u l-ħamrija hi diġà fertilizzata (biex ma ngħidx "imdemmla"), bil-mentalità li* ***quddiem il-konvenjenza egoista titwarrab kull konsiderazzjoni ta' uġigħ lil ħaddieħor.*** *Hu f'dan il-kuntest soċjali li d-diskussjoni dwar id-divorzju qiegħda tinħema.*

*Fl-istess nifs li qed ngħid dan, irrid nemfasizza wkoll il-fatt li ħafna koppji f'pajjiżna li huma maħkumin minn firdiet qegħdin ibatu – u kemm l-Istat u kemm il-Knisja huma fid-dmir li jtaffulhom it-tbatija. Il-firdiet fiż-żwieġ, taħt diversi suriet, ilhom jeżistu bi tbatija għall-koppja u aktar u aktar għall-ulied, iżda d-divorzju jagħti lill-firda qagħda uffiċjali u definittiva. Jista' jkun il-każ li jtaffi t-tbatija lill-koppja.* ***Iżda għat-tfal xi ngħidu?***

*Huwa fatt ukoll li d-divorzju, la darba jidħol, jittieħed – bħall-ħosba. F'ħafna soċjetajiet, l-istatistika tixhed dan u tikkonferma dak li hu minn ewliddinja. Il-mentalità divorzista, ukoll b'mod subkonxju, iddgħajjef l-impenn dejjiem tal-għaqda u therri ftit jew wisq il-persistenza quddiem id-diffikultajiet.* ***Min iqis id-divorzju bħala xi mediċina ta' fejqan soċjali għandu talanqas jammetti dan is-'side effect' negattiv u progressiv.***

*Għaldaqstant, la d-divorzju jkompli jiżdied fis-soċjetà, jiżdiedu wkoll fis-soċjetà "it-tfal tad-divorzju". U r-riċerka soċjoloġika turi li dawn it-tfal, aktar minn oħrajn ta' familji b'żewġ ġenituri, iġarrbu problemi emozzjonali, kemm fit-tfulija tagħhom kif ukoll meta jikbru : għandhom aktar tendenza għad-delinkwenza u jiksbu inqas suċċess fl-istudji; għandhom ukoll aktar probabbiltà li ż-żwieġ tagħhom ifalli u hekk jipperpetwaw iċ-ċiklu taż-żwieġ-divorzju-żwieġ-divorzju. Aktar minn hekk,* ***ir-riċerka* turi li l-effetti tad-divorzju jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Saħansitra, il-konsegwenzi tad-divorzju jaffettwaw negattivament il-ħajja tat-tfal li għadhom ma twieldux.***

*Quddiem dan kollu, kemm qiegħda s-soċjetà tagħna, filwaqt li tiddiskuti d-divorzju, tipproponi attitudnijiet u soluzzjonijiet prattiċi biex xi familji li għà theżhżu jkunu rikonċiljati?* ***U kemm qiegħda din is-soċjetà tħejji ż-żgħażagħ tagħna biex 'il quddiem ikun jista' jkollhom familja soda?***

*Ħalli nagħti eżempju wieħed. Din tagħna saret soċjetà li trewwaħ is-sess qabel iż-żwieġ, u kas ma tagħtix li dan iqiegħed lill-ġuvni u lit-tfajla fi stat ta' infatwazzjoni u sakra li jċajpru l-ġudizzji u l-għażliet li għandhom isiru. Persuna ma tistax tersaq xurbana quddiem is-sindku biex tiżżewweġ, iżda, bil-prattika tas-sess qabel iż-żwieġ, f'din it-tip ta' dehwa qegħdin jersqu xi żgħażagħ tagħna biex jieħdu l-istat tagħhom.*

**Amato, P.R., Jacob Ch.: " The Long Reach of Divorce: Divorce and Child Well-Being Across Three Generations." Journal of Marriage and Family, 67, Feb.2005 ; 191-206*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org






### *Ċerimonja tal-Pussess*

Mons. Jimmy Xerri ħa l-pussess bħala s-Seba' Arċipriet u l-Ħmistax-il Ragħaj Spiritwali tal-Parroċċa Arċipretali, Matriċi, Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur, iddedikata lill-APPOSTLI SAN PIETRU U SAN PAWL, nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju, bil-motto magħżul 'Fittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom' ( 2 Pietru 1, 10 )

Fis-6.00 p.m., Mons. Jimmy Xerri, akkompanjat mill-Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa, mill-familjari u poplu Naduri, telaq f'*korteo* mid-Dar Parrokkjali fi Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber sal-Kolleġġjata Bażilika akkompanjat mill-Banda 'Mnarja'. Diskors ta' merħba, u wara Mons. Xerri flimkien ma' Mons. Isqof Grech ħabbat fuq il-bieb prinċipali tal-Bażilika. Mad-dħul fil-Bażilika u tislima xierqa lill-istatwa titulari tal-Appostli San Pietru u San Pawl minn Mons. Xerri, inqara d-digriet tal-ħatra ta' Mons. Xerri bħala l-Arċipriet il-ġdid u wara Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Pontifikal Sollenni li fih Mons. Jimmy Xerri ingħata l-pussess tal-Parroċċa. Waqt din iċ-ċerimonja, l-Arċipriet Mons. Xerri ingħata l-pussess tat-Tabernaklu, tal-Fondi tal-Magħmudija, tal-Konfessjonarju u tas-Sedja tiegħu fil-Kor tal-Bażilika. Ma' dan hu daqq ukoll tlett tokki tal-qanpiena l-kbira minn nofs il-korsija tal-knisja. Fi tmiem tkanta t-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla u wara l-Arċipriet il-ġdid għamel id-diskors tiegħu li fih elenka l-pjan ta' ħidma tiegħu bħala ragħaj spiritwali. Wara ġiet eżegwita l-Antifona lill-Appostli San Pietru u San Pawl li ġabet fi tmiem din iċ-ċerimonja u sar festin tal-okkażjoni fi Pjazza 28 t'April 1688.





### *Egħluq is-Sena Saċerdotali*

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Qdusija tas-Saċerdoti u fl-okkażjoni tas-Sollennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju, wara nofsinhar, fir-Rabat Għawdex, saret ċelebrazzjoni ta' għeluq is-Sena Saċerdotali.

Fl-4.30 p.m. is-Saċerdoti Għawdxin iltaqgħu fil-kappella tas-Seminarju fejn flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech saret espożizzjoni tal-Ewkaristija u tkanta l-innu *L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi.* Wara tkantat it-talba tas-Salmi, tat-tieni Għasar tas-Sollennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Inqrat lezzjoni qasira dwar il-ħniena u l-imħabba kbira li għandu Alla għal bniedem u tkanta s-salm responsorjali konness mal-istess lezzjoni. Imbagħad tkanta l-kantiku ta' Marija *Ir-ruħ tifraħ fil-Mulej* u ngħad talb għas-saċerdoti, b'mod speċjali dawk msefrin, li qed jaqdu l-Knisja 'l bogħod minn art twelidhom; dawk morda u anzjani kif ukoll għal dawk kollha li mietu fil-paċi mal-Mulej.

Ma naqasx talb għall-ordinandi ġodda Noel Debono (Nadur) u Maximillian Grech (Rabat) u għad-djakni Krystof Buttigieg (Qala), Simon Mario Cachia (Rabat), Samuel Grech (Għajnsielem), John Meilaq (Rabat), Trevor Sultana u Franklin Vella (Xewkija), sabiex il-Qalb ta' Ġesù tiġbidhom lejha ħalli jagħrfu s-sbuħija u l-kobor tas-sejħa li Ġesù għamlilhom.



Imbagħad wara, is-saċerdoti mxew f'purċissjoni Ewkaristika, mis-Seminarju lejn il-knisja parrokkjali tal-Fontana. Tul il-mixja tkantaw diversi innijiet, fosthom *Jien nadurak bil-qima* u *Nagħtuk qalbna, nagħtuk ruħna*; inqraw siltiet mill-evanġelju,skont San Mattew (11,28-30). Wara bdiet titkanta il-litanija tal-Qalb ta' Ġesù, bil-qari ta' diversi siltiet mill-evanġelju skont San Ġwann (15, 4-5) (15,9-11), (15, 15-16), (17, 11-12) (17, 21-23), (17, 25-26) (15, 18-19) (13, 13-15).

Mal-wasla fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana, tkanta l-innu *Nadurawk, ja Ħobż tas-sema*, saret ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla, bil-qari mill-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu (1,9-20), messaġġ mill-Isqof Mons. Mario Grech u Att ta' Konsagrazzjoni tas-Saċerdoti lill-Qalb ta' Ġesù, adattament mill-att ta' konsagrazzjoni ta' Santa Margerita M. Alacoque.

Wara Mons. Isqof Grech poġġa fil-kalċi li qed iżomm wieħed mill-anġli tal-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, l-ismijiet tas-saċerdoti u reliġjużi Għawdxin ħajjin, li jgħoddu mal-230. Imbagħad ingħatat il-Barka Sagramentali.

Iċ-ċelebrazzjoni spiċċat bil-kant *Faħħru 'l-Mulej*.



***Ordinazzjoni Saċerdotali***

L-Eċċellenza tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ordna żewġ qassisin ġodda waqt ċerimonja ta' l-ordinazzjoni fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-Ħadd 13 ta' Ġunju 2010. Noel Debono mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u Maximilian Grech mill-parroċċa ta' Maria Assunta fil-Katidral ta' Għawdex ġew mogħtija s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri fil-preżenza ta' qrabathom, il-Kapitlu tal-Katidral u l-kleru tad-djoċesi ta' Għawdex flimkien ma' għadd ta' parruċċani mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

Kemm Dun Noel kif ukoll Dun Maximilian mistennija jkomplu bl-istudji tagħhom waqt li jaqdu xogħol pastorali fl-Italja.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Ġarar Vojta"

***Sintesi tal-omelija tal-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna Ta' Pinu li saret nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju 2010.***

**"Għandu jħassibna l-fatt li madwarna jinħass vojt eżistenzjali: tnaqqir ta' valuri, nixfa ta' ideali għolja, defiċit etiku, rifjut spiritwali, nuqqas ta' viżjoni.** Din l-iskarsezza għandha rifless fil-ħajja personali, familjari u soċjali. Effett ta' dan il-vojt eżistenzjali huma għamliet ta' evażjoni trasgressivi, il-pessimiżmu, id-dieqa u l-frustrazzjoni.

**Aktar ma l-bniedem għandu responsabbiltà lejn l-oħrajn, aktar għandu jgħasses fuqu nnifsu biex ma jsibx ruħu f'dan il-baħħ eżistenzjali; altrimenti flok il-ġid jiżra' d-deni.**

Meta tkun imħaddma bis-sens, il-ħidma politika hija arti nobbli ħafna u s-soċjetà għandha tkun rikonoxxenti lejn il-politiċi. Imma xi drabi l-messaġġi u l-eżempji li jagħtu xi politiċi juru faqar ta' ideali għolja li għandhom iservu ta' ispirazzjoni għal ġensna. **Ċerti proposti ta' liġijiet rigward il-ħajja umana, iż-żwieġ u l-familja u l-ġustizzja soċjali huma konferma ta' dan il-vojt!**

Il-vojt ta' valuri jinħass ukoll f'uħud li jħaddmu l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Il-ġurnaliżmu huwa professjoni serja ħafna għax jista' jifrex l-informazzjoni u jgħin fit-tiswir tal-fehmiet. Imma **xi drabi l-midja tintuża biex ixxerred il-qlajjiet, tiżra' d-diżordni u l-firda, timmanipula l-imħuħ u toqtol il-karattri. Dan kollu jkattar il-vojt eżistenzjali.**

Anke fil-Knisja hemm "ġarar votja". In-Nisrani awtentiku jaf jagħti sehmu għal soċjetà aktar umana; imma dan l-effett ma jidhirx meta n-nies tal-Knisja jkunu mimlija bl-imbarazz minflok bi Kristu u t-tagħlim tiegħu. **It-tradizzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi waħidhom mhumiex garanzija li għandna kontenut evanġeliku u uman.**

Bħalma kien l-intervent ta' Marija li għen biex fit-tieġ ta' Kana ntebħu li l-ġarar kienu vojta, illum ukoll id-devozzjoni lejn Marija tgħinna nindunaw bil-vojt li hemm fina u madwarna. Dan il-vojt nistgħu nimlewh jekk noqogħdu għall-istedina ta' Marija: "Agħmlu dak li jgħidilkom Ġesù". **Kristu għandu l-verità li neħtieġu biex il-ħajja battala mis-sens terġa' tibda tieħu sura.**

# *"Il-Kulturi għas-servizz tal-Verità"*

***Sintesi tal-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Martri, Rabat, Għawdex - Il-Ħadd 18 ta' Lulju 2010.***

Fl-Ewropa qed nassistu għal konfront bejn il-kultura Kristjana u dik Illuminista. Għalkemm ir-razzjonalità xjentifika kienet kawża ta' kisbiet importanti, huwa veru wkoll li meta l-iżvilupp xjentifiku ma jkunx imsieħeb minn żvilupp morali, il-ħila tal-bniedem xi drabi tista' tkun qerrieda.

Infatti **fl-Ewropa qed ngħixu fi żmien ta' skwilibriji kbar: min hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra! Il-kbir aktar qed isir b'saħħtu, anke politikament, u ż-żgħir aktar qed isir dgħajjef. Għandna min hu reliġjuż fanatiku u min qed jgħix l-ateiżmu prattiku.**

Billi l-bniedem għaraf il-qawwa tar-raġuni, imma fl-istess hin mhux konxju tal-limiti tal-istess raġuni, huwa kapaċi jasal biex jagħmel manipulazzjoni tan-natura.

Billi kixef il-mappa ġenetika tiegħu nnifsu, illum il-bniedem kapaċi "joħloq" il-bniedem fil-laboratorju skont il-gosti u l-ħtiġijiet tiegħu!

Apparti li l-għerf uman wassal biex il-bniedem joħloq frott ġenetikament modifikat, huwa wkoll fatt li minħabba motivi ekonomiċi, il-bniedem jaf jeqred l-istess frott tal-art! Huma l-istituzzjonijiet li jitolbu li jintrema l-frott biex ma jaqax il-prezz tas-suq! L-istess ħaġa ġieli tiġri fejn jidħol is-sajd, u x'aktarx li minħabba prassi bħal din, l-aktar li jbati huwa ż-żgħir.

Ir-raġunar tagħna qed jgħidilna li nistgħu nilagħbu bl-istituzzjonijiet naturali, bħalma huwa ż-żwieġ u l-familja, u nippromovu stili ta' ħajja li jmorru kontra l-istess natura umana.

Dan kollu qed iseħħ għax l-enerġija umana mhix akkumpanjata minn enerġija etika u morali. Mhux biss iddgħajfet il-morali personali, imma qed tgħib il-morali pubblika. Ir-raġuni dejqa mbuttat kultura li b'mod verament ineditu fl-istorja tal-umanità qed teskludi lil Alla mill-kuxjenza pubblika.

F'pajjiżna sikwit nisimgħu eku ta' din il-kultura sekularista ċinika meta direttament jingħad li Alla m'għandux jidħol meta qed jiġu diskussi temi umani u soċjali. L-istess diskors jingħad indirettament meta ċ-ċittadin Nisrani jsib ruħu eskluż mid-dibattitu pubbliku sempliċement għax ir-raġuni tiegħu hija mgħejjuna mid-dawl tal-fidi fi Kristu. Dan kollu f'soċjetà Illuminista li tiftaħar li maż-żmien kisbet drittijiet fundamentali kbar, bħalma huma d-dritt tal-espressjoni u d-dritt għal-libertà reliġjuża!

Mhux ir-riferiment għal Alla li għandu jbeżża', imma t-tentattiv li hemm fl-Ewropa u fostna biex ikollna soċjetà li assolutament tbarri lil Alla. Min joqtol lil Alla, joqtol lill-bniedem!

Il-Martri tal-Kappadoċja, San Ġorġ, fi żmien id-dekadenza tal-Imperu Ruman meta l-imperatur għamel lilu nnifsu alla, stinka biex jerġa' jagħti ċittadinazza lil Alla fil-belt ta' Nikomedija. Illum ukoll, iċ-ċittadin Nisrani għandu din ir-responsabbiltà li jgħin lis-soċjetà kontemporanja tagħmel spazju għal Alla, għax kif jgħid Kristu hija l-verità li teħlisna tassew.

Kummentarju (1)

# Il-Prokreazzjoni Medikalment Assistita



kitba ta' DUN RENATO BORG

Bħalissa fil-parlament qed isir studju biex il-kamra tad-deputati tkun tista' tasal biex tagħti regolamentazzjonijiet dwar *L-użu tal-bioteknoloġija, Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita.* Il-Kamra tad-deputati ġiet ippreżentata b'sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li kienu approvati fil-11 ta' Lulju, 2005, mill-Kumitat Permanenti Dwar l-Affarijiet Soċjali. Il-Parlament fil-mozzjoni 113, (21 ta' Ottubru 2009) talab biex jitwaqqaf kumitat biex jiddiskuti tliet temi partikolari (DOI – 04.02.2010) dwar r-regolamentazzjoni tal-prokreazzjoni medikament assistita. Ir-regolamentazzjonijiet juru biċ-ċar li l-orjentament huwa li "in vitro fertilization" jiġi aċċettat bħala mezz biex jgħin lill-koppji li jkunu infertili. Tajjeb għalhekk li aħna naraw x'tgħallem il-Knisja dwar *"in vitro fertilization"* jew bħalma ħafna isibuhom *"test-tube babies."* Tista koppja kattolika tirrikorri għal dan il-mezz fil-każ li ma jistax ikollha tfal? X'inhuma r-raġunijiet li ġġib il-Knisja fil-ġudizzju li hija tagħti?

Dan l-aspett tal-prokreazzjoni assistita kif ukoll aspetti oħra marbuta mal-bioteknoloġija ġew trattati mill-Maġisteru tal-Knisja f'żewġ dokumenti prinċipali: l-ewwel wieħed hija l-istruzzjoni li ħarġet fit-22 ta' Frar tas-sena 1987 mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi u jġib l-isem ta' *Donum Vitae*, (DV) ir-rispett tal-ħajja umana li twieldet u d-dinjita` tal-prokreazzjoni. Reċentament ħarġet l-Istruzzjoni *Dignitas Pensonae*, (DP) ta' l-istess kongregazzjoni dwar xi problemi ta' bijoetika (8 ta' Settembru 2008).

## *Il-fertilizzazzjoni eterologa*

Fit-trattament tal-**fertilizzazzjoni eterologa** li fiha il-gameti (l-isperma tar-raġel jew l-ovum tal-mara jew it-tnejn) jiġu minn persuni li mhumiex il-koppja miżżewġa biex jiġġeneraw ħajja ġdida umana, jiġifieri meta tidħol it-tielet persuna bħala "donor", l-Istruzzjoni tikkonkludi li dan il-mod li wieħed iġib ħajja ġdida huwa moralment ħażin (gravi). Dan għaliex fertilizzazzjoni ta' din ix-xorta hija "kuntrarja għall-għaqda taż-żwieġ, għad-dinjità tal-miżżewġin, għall-vokazzjoni propja tal-ġenituri, u għad-dritt tat-tarbija li tkun ikkonċeputa u miġjuba fid-dinja fiż-żwieġ u permezz taż-żwieġ" (DV 1987, II, A,2).

Huma ħafna dawk li għad li mhux dejjem jaqblu mat-tagħlim tal-Knisja Kattolika u ġie li f'xi każijiet jiġġustifikaw ukoll il-mod eterologu ta' kif tkun ġenerata tarbija, jagħrfu li meta tnejn jiżżewġu huma "jagħtu" lilhom infushom esklussivament lil xulxin u li "l-għotja tagħhom infushom" tinkludi kemm is-sesswalità kif ukoll il-prokreattività tagħhom. Hekk kif l-impenn taż-żwieġ ikun miksur meta xi ħadd mill-koppja miżżewġa jagħti lilu nnifsu fl-għaqda sesswali lil xi ħadd ieħor (adulterju), hekk ukoll il-koppja miżżewġa tkun tiddiżonora il-patt taż-żwieġ meta tagħżel li teżerċita l-qawwa prokreattiva mingħajr wieħed mill-imsieħba fiż-żwieġ - dik il-persuna li lilha tkun ingħatat kollha kemm hi, u tirrikorri għal donatur/donattriċi biex ikollhom tarbija.

## *Il-każ omologu jew hekk imsejjaħ "sempliċi"*

Issa ħalli naraw x'jgħallem il-Maġisteru tal-Knisja dwar l-*"in vitro fertilization"* (IVF) omologa (bejn raġel u mara miżżewġin). Dan il-każ jissejjaħ "sempliċi" meta tiġi eskluża għal kollox il-qerda ta' xi embrijuni. Madankollu, il-Knisja tikkundannah.

Xi moralisti fi ħdan il-Knisja Kattolika (Shannon u Cahill, 1988) u McCormick, 1989; Vespieren, 1987) ma jaqblux ma' din il-kundanna u jikkunsidrawha bħala waħda rigoruża u iebsa ħafna. Huma josservaw li f'dan il-każ hekk imsejjaħ "sempliċi":

- m'hemmx materjal ta' gameti minn terzi persuni (donor); it-tarbija konċeputa hija ġenetikament tal-mara u r-raġel fiż-żwieġ, li huma u li ser jibqgħu l-ġenituri tagħha.
- ma jkunx hemm ħolqien liberu ta' ħajjiet umani "żejda"(embrijuni) li jiġu mormija (pregnancy reduction), jew li jiġu ffriżati, jew mogħtija għall-isperimentazzjoni li ma jkun ta' ebda benefiċċju (ġid) għalihom.
- ma jkun hemm ebda intenzjoni li jiġi monitorjat l-iżvilupp tat-tarbija fil-ġuf bil-prospettiva li jekk l-embrijun ma jkunx f'saħħtu jew jekk tinħoloq xi anomalija (difett) matul l-ewwel fażijiet tal-iżvilupp isir l-abort.
- jista' ma jkunx hemm lanqas l-użu tal-masturbazzjoni biex jieħdu l-isperma tar-raġel (l-att tal-masturbazzjoni huwa kkonsidrat mill-Knisja bħala att intrinsikamet ħażin u immorali) dan għaliex l-isperma tista' tittieħed mingħajr att ta' masturbazzjoni,
- apparentament jidher li hemm biss il-ħsieb li tintuża it-teknoloġija moderna biex tgħin lill-koppja miżżewġa, li ma jistax ikollha tfal, sabiex ikollha tarbija tagħhom minħabba r-raġunijiet ta' infertilità fir-raġel jew fil-

mara jew fit-tnejn; li jkollhom tarbija tagħhom li lilha jkunu jistgħu jagħtuha kura f'darhom u li hi trabbi l-għeruq u tikber taħt il-kura kollha mħabba ta' ommha u ta' missierha.

Dawn it-teologi jikkonsidraw is-"*simple case*" bħala wieħed kompletament leġittimu, sakemm ma jikser id-drittijiet ta' ħadd, anzi jidher li jgħin lill-imħabba tal-miżżewġin biex tagħti l-frott. F'dan il-każ huma jistaqsu x'hemm moralment ħażin? X'hemm ħażin li huwa fix-xewqa u fl-għemil ta' dawn il-ġenituri? Ma tidhirx il-Knisja f'dan il-każ li mhix qed tkun sensittiva għall-esperjenza doloruża, agonizzanti tal-infertilità li minnha tkun għaddejja l-koppja? Imbagħad dawn il-miżżewġin x'ikunu jagħmlu ħlief li sempliċement ifittxu li jirrealizzaw wieħed mill-"bonum" taż-żwieġ billi jagħmlu użu intelliġenti mit-teknoloġija moderna?

Huma mistoqsijiet li forsi ġieli għamilnihom aħna stess. Għaldaqstant jeħtieġ li nagħrfu aħjar fuq liema prinċipji l-Magisteru tal-Knisja jgħid li anke f'dak il-każ "sempliċi" mhux permessibbli li l-koppji miżżewġa jirrikorru għalih.

L-Istruzzjoni *Donum Vitae* tippreżenta tliet raġunijiet prinċipali biex tasal u żżomm il-konklużjoni tagħha li koppji miżżewġin ma jistgħux jirrikorru għall-użu tal-*IVF* u l-*Embryo transfer*, anke meta l-embrijun huwa frott ta' l-istess miżżewġin li jipprovdu l-isperma u l-ovum għal fekondazzjoni u li l-isperma tar-raġel ma tkunx akkwistata b'att ta' masturbazzjoni.

### *1. L-inseparabbiltà bejn l-att prokreattiv u l-att unittiv*

Il-prinċipju "tal-inseparabbiltà bejn l-att prokreativ u l-att unittiv" kien prinċipju li ġie użat mill-Papa Pawlu VI fl-enċiklika "*Humanae Vitae*". Huwa kien użah għall-każi tal-użu tal-kontraċettivi. Meta l-Istruzzjoni tapplika dan it-tagħlim għal każ "sempliċi" hija tikkwota t-tagħlim tal-Papa Piju XII (1956) fejn jgħid, li "qatt ma huwa permess li wieħed jissepara dawn l-aspetti differenti, sa jasal biex pożittivament jeskludi jew l-intenzjoni prokreattiva (bħalma jsir fil-każ ta' l-użu tal-kontraċettivi) jew ir-relazzjoni konjugali (bħalma jiġri fl-użu tal-IVF)" (Il-parentesi huma tagħna. Ara DV 1987, II B,4,a). Għalhekk l-istruzzjoni tikkonkludi li "il-fertilizzazzjoni hija leċita meta hija r-riżultat ta' l-att konjugali li huwa fih innifsu adatt għall-ġenerazzjoni ta' l-ulied li għalih iż-żwieġ huwa ordnat mill-istess natura u li bih il-miżżewġin isiru ġisem wieħed (Kodiċi tal-Liġi kanonika, 1983, can. 1061). Iżda mill-aspett morali, l-prokreazzjoni hija nieqsa mill-perfezzjoni propja tagħha meta mhix mixtieqa bħala frott tal-att konjugali, tal-att speċifiku tal-għaqda tal-miżżewġin (DV, 1987, II, B, 4,a).

Skont dan l-argument, huwa moralment ħażin għall-koppji miżżewġa li jiġġeneraw il-ħajja umana barra mill-att taż-żwieġ, għaliex meta huma jagħmlu dan huma liberament jagħżlu li jiksru l-għaqda li teżisti bejn it-tifsira unittiva u t-tifsira prokreattiva tal-att konjugali. Din l-għażla tagħhom tneħħi t-tjubija mill-prokreazzjoni li għandha tkun frott ta' l-att taż-żwieġ.

### *2. Id-dinjità tat-tarbija konċeputa*

It-tieni argument huwa bbażat fuq id-dinjità tat-tarbija li hija konċeputa b'dan il-metodu. Id-dokument tal-Vatikan jinsisti li t-tarbija "qatt ma għandha tkun mixtieqa jew konċeputa bħala prodott ta' xi intervent tat-teknika medika jew tat-teknika bijoloġika, għaliex dan ikun jekwivali li tirriduċi t-tarbija għall-oġġett tat-teknoloġija xjentifika. Ħadd ma jista' jissoġġetta il-miġja ta' tarbija fid-dinja għall-kondizzjonijiet tal-effikaċja teknologika li għandhom huma, valutati skont l-istandard ta' kontroll u dominju" (DV, 1987, II B, 1,c). Iżda l-Istruzzjoni tkompli tgħallem li: "l-konċepiment huwa riżultat tal-azzjoni teknika li tippresiedi fuq il-fertilizzazzjoni. Fertilizzazzjoni bħal din la hija fil-fatt ir-rizultat u lanqas pożittivament mixtieqa bħala espressjoni u frott ta' att speċifiku tal-unjoni konjugali. Fl-IVF omologa u fit-trasferiment tal-embrijun (ET), għalhekk, anke jekk hija kkunsidrata fil-kuntest li fil-fatt jeżistu relazzjonijiet sesswali - il-ġenerazzjoni tal-persuna umana oġġettivament hija miċħuda mill-perfezzjoni propja tagħha, dik, li tkun ir-riżultat u l-frott ta' att konjugali li fih il-miżżewġin jistgħu jkunu "koperaturi ma' Alla biex jagħtu l-ħajja lil persuna ġdida" (Ġwanni Pawlu II, 1981, n.14) (DV, 1987, II, B,5).

Dan l-argument jista' jiġi miġbur b'dan il-mod: li tixtieq jew li tikkawża li tarbija tkun il-prodott tat-teknika huwa li tagħmel it-tarbija oġġett. Issa din mhix ħaġa kompatibbli mad-dinjità tal-persuna tat-tarbija, li hija ugwalment persuna daqs il-ġenituri tagħha.

### *3. "It-teoloġija tal-ġisem"*

It-tielet prinċipju huwa mibni fuq "it-teoloġija tal-ġisem". Skont l-Istruzzjoni l-miżżewġin jesprimu l-imħabba personali tagħhom reċiprokament fil-"lingwaġġ tal-ġisem" li b'mod ċar jinvolvi kemm l-għotja tal-miżżewġin kompletament lil xulxin, kif ukoll dawk ta' parentela. L-att konjugali li bih l-koppja miżżewġa reċiprokament jesprimu l-għotja tagħhom infushom lil xulxin u fl-istess ħin jesprimu wkoll l-apertura tagħhom għall-għotja tal-ħajja, huwa att li fl-istess ħin huwa korporju (tal-ġisem) u spiritwali, u dawn iż-żewġ realtajiet qatt ma jistgħu jiġu mifruda minn xulxin. Huwa f'ġisimhom li l-miżżewġin jikkunsmaw iż-żwieġ tagħhom u huma kapaċi li jsiru missirijiet u ommijiet (DV, 1987, II, B, 4,b).



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Imfakkar il-196 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija*





Nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju, filgħaxija, tkomplew f'Għawdex l-attivitajiet konnessi mal-196 sena tal-korp tal-pulizija. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet, tal-anniversarju mit-twaqqif tal-korp, fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, f'Victoria, il-Kappillan tal-Pulizija f'Għawdex, Mons. Emanuel Curmi, ċċelebra quddiesa flimkien mal-Kappillan tal-Korp fil-Gżejjer Maltin, Fr Raymond Bonnici u wara sar talb u tbierku ż-żewġ oqbra tal-pulizija li hemm f'dan iċ-ċimiterju. Tpoġġew ukoll diversi kuruni tal-ward, fosthom mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo; mill-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u minn oħrajn, fosthom waħda f'isem il-Ministru tal-Intern u oħra mill-Għaqda Pulizija Pensjonanti. Aktar tard fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, ingħataw diversi wirjiet fosthom wieħed mill-*Precision Drill Team* taħt id-direzzjoni tal-iSpettur Stephen Mallia u *display* mit-taqsima tal-klieb, waqt illi l-Banda tal-Korp taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, l-iSpettur Mro. Anthony Cassar daqqet diversi xogħlijiet.





## *Kjosk tgħaddi f'idejn il-Kunsill tar-Rabat*


*Waqt l-iffirmar tal-ftehim ta' devoluzzjoni ta' kjosk*

Wara li ftit tax-xhur ilu, id-Dipartiment tal-Artijiet għadda lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex *playing field* fiċ-ċentru tal-lokalità, issa kien imiss li tgħaddi b'devoluzzjoni kjosk fl-istess post. F'qasir żmien kemm il-kjosk kif ukoll il-*playing field* se jkunu parti integrali minn proġett ta' tisbiħ li se jsir f'dan l-ispazju għar-rikreazzjoni tal-familji.

Id-devoluzzjoni tal-kjosk saret waqt żjara li l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet Jason Azzopardi u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said għamlu fil-*playing field*, fejn ġew milqugħa mis-Sindku tar-Rabat, l-Avukat Samuel Azzopardi.

Is-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi qal li din hija waħda minn 24 devoluzzjoni li saru minn Jannar ta' din is-sena sa Lulju. Żied jgħid illi l-Gvern jagħti importanza kbira u jħaddan politika ta' devoluzzjoni għax permezz tagħha jkun qed isir investiment dirett fil-komunitajiet.

Fil-każ tad-devoluzzjoni tal-*playing field*, il-Kunsill Lokali tar-Rabat iħallas kirja annwali mnaqqsa minn dik li l-Gvern seta' jdaħħal kieku krieh b'mod kummerċjali. Id-differenza bejn il-valur kummerċjali u dak li ser iħallas il-Kunsill tar-Rabat għall-*playing field*, hi ta' qrib l-għoxrin elf ewro fis-sena. Il-Gvern jemmen li dawn il-flus mhux ser jintilfu iżda se jkunu investiti fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-lokalità.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said tkellem dwar l-impenn tal-Gvern li jkompli jgħin lill-Kunsilli Lokali b'diversi modi biex itejbu l-infrastruttura fil-lokalitajiet tagħhom u b'hekk igawdu l-komunitajiet li jirrappreżentaw.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fakkret kif il-Gvern permezz tal-Ministeru għal Għawdex ikkollabora flimkien mal-Kunsilli Lokali Għawdxin matul is-snin u kif illum dawn huma ta' servizz validu għar-residenti fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

## *Studenti ta' SkolaSajf iżuru l-Ġgantija*



Madwar 40 student Għawdxi li qed jattendu f'wieħed mill-għaxar ċentri ta' Skola Sajf f'Għawdex, għamlu żjara b'differenza fis-sit storiku tal-Ġgantija. Din iż-żjara hija parti mill-mawriet edukattivi li *Heritage Malta* qed jorganizza għall-istudenti li qed jattendu Skola Sajf f'Għawdex din is-sena, bil-għan li t-tfal jaraw u jmissu b'idejhom ix-xogħol b'rabta ma' l-arkeoloġija, waqt li jieħdu gost u jaħdmu f'tim.

It-tfal qattgħu n-nofstanhar sħiħ jiskavaw għadam u statwetti minn ġol-ħamrija, f'post li kien ippreparat apposta minn *Heritage Malta* fil-Ġgantija stess.

Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono ltaqgħet mat-tfal preżenti għal dik l-attività fejn ħeġġithom biex jitgħallmu aktar dwar l-istorja ta' pajjiżna filwaqt li jagħrfu wkoll japprezzaw il-wirt storiku u kulturali tal-gżejjer tagħna.

## *Il-Banda San Ġużepp fi Sqallija*



Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem, ħadet sehem fil-festi ad unur San Pawl li saru f'Palazzolo Acreide, ħdejn Sirakuża fi Sqallija. Il-Banda ffurmata minn ħamsin bandist daqqet diversi marċi madwar it-toroq prinċipali ta' din il-belt storika kif ukoll esegwiet program mużikali ta' sagħtejn fil-pjazza f'Jum il-Festa. Programm illi ntlaqa' b'applaws kbir mill-folla preżenti.

Kemm damu Sqallija, il-bandisti u tletin persuna oħra li akkumpanjawha, żaru diversi postijiet ta' interess, fosthom Mount Etna u Toarmina.

## *Kor ta' żgħażagħ f'Ruma*

Il-Kor taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa tal-Katidral, akkumpanjat mill-Arċipriet, Mons. Joseph Attard, bejn id-9 u t-13 ta' Lulju, għamel żjara f'Ruma.



Il-Kor ħa sehem sħiħ b'kant ta' innijiet bil-Malti, fosthom *Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema* u l-*Ave Maria*, taħt id-direzzjoni ta' Matthew Sultana, waqt quddiesa li ċċelebra l-Arċipriet Attard fil-Bażilika tal-Vatikan, is-Sibt 10 ta' Lulju.

Il-Kor kanta wkoll waqt quddiesa fil-parroċċa ta' Sant' Injazju, iċċelebrata mill-Arċipriet Attard, flimkien mas-saċerdot Għawdxi, li bħalissa jinsab fuq ħidma pastorali fl-imsemmija parroċċa, Dun Richard N. Farrugia, fejn Mons. Attard serva għal numru ta' snin. Hawnhekk il-Kor ingħata merħba kbira mill-parruċċani. Wara sar riċeviment tal-okkażjoni, għall-membri tal-Kor u għaż-żgħażagħ Taljani.

Fil-jiem li l-Kor dam Ruma, ħa l-opportunità li jattendi għall-kunċert *Ligabue's live*, mtella' minn artist Taljan ta' mużika rock, fl-i*Stadio Olimpico.*

Il-mawra inkludiet ukoll żjarat lil diversi postijiet ta' attrazzjoni storika u artistika tal-belt eterna.

## *Kunċert Sinfoniku 'Big Bang Adventures'*



Is-Soċjeta Filarmonika Mnarja ppreżentat lill-pubbliku Għawdxi, il-Kunċert Mużikali Annwali tagħha fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju , fid-9 ta' filgħaxija, fi Pjazza Dun Martin Camilleri, Nadur.

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech, il-Banda daqqet ħdax il-biċċa mużikali. L-ewwel parti tal-kunċert kienet tinkludi siltiet klassiċi fosthom: Selezzjoni *'Italienische Operngala'*, *medley 'Tchaikovsky's Greatest Hits'* u *Overture 'Il-Barbiere di Siviglia'*. L-aħħar silta ta' din il-parti l-Banda daqqet *Medley 'Mozart Pop Symphony'*.

Ta' kull sena l-Banda Mnarja tinkludi silta mużikali fejn bandist tal-Banda juri l-ħiliet tiegħu fuq l-istrument rispettiv li jdoqq. Din is-sena kien imiss lil Michael Camilleri fuq id-*DrumKit* li daqq *'Concerto for Drum Set and Band'* flimkien mal-Banda. Din is-silta kienet tinkludi tlett movimenti: *60's Rock & Roll*, *Jazz Waltz* u *Swing*. Wieħed ta' minn isemmi ukoll li Michael huwa l-ewwel mużiċist Għawdxi li ġab id-Diploma (A.T.C.L.) fuq id-*DrumKit*.

Wara kien imiss li l-Banda ddoqq silta umoristika bl-isem ta' *'Amboss Polka'* fejn żewġ solisti daqqew fuq żewġ inkwini flimkien mal-Banda.

Fit-tieni parti tal-kunċert rajna lill-kantanta Christine Camilleri (eks-mużiċista tal-Banda Mnarja) li kantat *'You Raise Me Up'* u *'Gloria'* akkumpanjata mill-Banda.

Fit-tielet u l-aħħar parti tal-kunċert il-Banda Mnarja daqqet siltiet popolari, *medleys* u mużika *pop*, li kienu jinkludu *'John Williams in Concert'* u *'Super Hits of the 90's'*. Il-Kunċert ġie fi tmiemu b'*medley 'Selections from Mary Poppins'*.

Matul dan il-kunċert Mons. Salvu Muscat u Charlie Xuereb ġew maħtura bħala Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja.

## *Il-Kor 'Anguelos' fil-Qala.. vuċijiet anġeliċi minn Marsilja*

Il-Kor magħruf Franċiż, minn Marsilja, "Anguelos," ta kunċert ta' mużika sagra nhar il-Ġimgħa 23 ta' Lulju fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala. Il-kor kien magħmul minn 70 student, ta' età bejn 12 u 18-il sena. Dan il-kor esegwixxa l-kant b'eżattezza professjonali kbir lil attendenza numeruża ta' Għawdxin u residenti barranin f'Għawdex li mlew il-knisja tal-Qala għal din l-okkażjoni rari.



## Pavaljuni Ġodda fil-Fontana



Il-parroċċa tal-Fontana, għall-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, din is-sena żanżnet sett ta' seba' pavaljuni ġodda għal Triq l-Isptar San Ġiljan, b'disinn u sfumar ta' Josef Camilleri. Camilleri għandu xogħlijiet ta' disinni, sfumar u pittura f'diversi rħula fil-gżejjer Maltin. Il-ħjata tal-pavaljuni tal-Fontana saret minn Simon Micallef.

Fiċ-ċentru tal-pavaljun hemm simbolu tal-Qalb ta' Ġesù bir-raġġi fuq sfond mużajk u nkurunata. Fil-ġnub tal-pendenti hemm impittra s-simboli tal-appostli u l-martirju tagħhom. Dan ix-xogħol fuq dan is-sett ta' seba' pavaljuni beda daqs sena ilu.

*Josef Camilleri waqt l-aħħar rtokki tiegħu fuq wieħed mill-pavaljuni.*

## Saċerdot Ġdid Għawdxi fl-Iskozja



Nhar it-Tlieta 29 ta' Ġunju, jum l-Imnarja fil-knisja Katidrali ta' St Mary's, Edinburgh, il-Kardinal Keith Patrick O'Brien mexxa Quddiesa Sollenni li fiha amministra s-Sagrament tal-Ordni Sagri lis-saċerdot ġdid Anthony George Caruana li twieled ix-Xagħra fl-22 ta' Lulju 1982, bin Anthony u Stella Caruana xebba Camilleri. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm preżenti fost l-oħrajn l-Arċipriet tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo u l-Arċipriet Emeritu, Mons. Eucaristico Sultana.

Anthony attenda l-iskola primarja tal-Vajringa r-Rabat, Għawdex. Kompla l-iskola sekondarja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ir-Rabat u bl-istudji tiegħu fil-*Pontifical Scots College*, Ruma. L-Ordinazzjoni tad-Djakonat saret fl-istess Kulleġġ nhar il-26 ta' April 2009.

L-għada, l-Erbgħa 30 ta' Ġunju, l-Arcidjoċesi ta' Edinburgh laqgħet b'ferħ kbir lil dan is-saċerdot ġdid waqt iċ-ċelebrazzjonji ta' l-Ewwel Quddiesa Sollenni tiegħu fl-istess Katidral. Fost il-mistiedna ghal din l-okkażjoni, attendew ukoll familjari, ħbieb u xi saċerdoti li telgħu l-Iskozja biex jaqsmu l-ferħ tagħhom miegħu.

Sadattant Dun Anthony iċċelebra l-ewwel Quddiesa Sollenni ta' Radd il-Ħajr, fil-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, nhar il-Ħadd 25 ta' Lulju fid-9.30 ta' filgħodu, b'korteo li telaq mid-dar tal-familja, f'6 Triq Ġnien Xibla, ix-Xagħra akkumpanjat ukoll b'daqq ta' marċi ferrieħa mill-Banda *Victory*. Wara sar riċeviment fl-Iskola Patri Mattew Sultana, ix-Xagħra.

## Żjara ta' korteżija lill-Isqof ta' Għawdex



Delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-i*Scouts* għamlet żjara ta' korteżija lill-Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana fir-Rabat. Id-delegazzjoni kienet magħmula minn Kenneth De Martino, *Chief Scout*, Leslie Bonnici, *Chief Commissioner*, Robert Gonzi, Segretarju Ġenerali Onorarju, mid-Delegat tal-Arċisqof għall-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts*, ir-Reverendu Dun Anton Briffa OFM Cap u minn Lorrie Saliba, Kummissarju Distrettwali għal Għawdex.

L-Isqof laqa' u ta merħba mill-qalb lid-delegazzjoni. Wara li l-partijiet introduċew ruħhom u wrew apprezzament reċiproku għall-għajnuna kontinwa li tingħata bejn iż-żewġ naħat, inġabru għal-laqgħa informali. Matul din il-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Isqof, il-kelliema ffukaw fuq l-importanza ta' l-għanijiet, il-valuri u l-aspett tal-edukazzjoni mhux formali marbuta mal-i*scouts* fis-soċjetà tagħna. Tkellmu wkoll dwar l-isfidi li ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom. Id-delegati saħqu li għalkemm f'Malta u Għawdex, l-i*scouts* għadhom iħaddnu prinċipji tradizzjonali b'saħħithom, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-i*scouts* hu moviment li qed jaġġorna ruħu maż-żminijiet u mal-bidliet soċjali bil-għan li jiġbed lejh membri ġodda u jdewwaqhom esperjenzi sbieħ u pożittivi kif ukoll jedukahom f'qafas multikulturali.

Fi tmiem din iż-żjara, l-Isqof ġie ppreżentat b'tifkira li nħadmet bl-idejn.

## Ġieħ Kerċem lil Sagristan - Servizz għal 40 sena



Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, Chris Said, ippresieda ċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' Ġieħ Kerċem li saret fi Pjazza Orvieto f'Kerċem. Din is-sena Ġieħ Kerċem ingħata lil George Mizzi, is-Sagristan tal-Knisja Parrokkjali. George ilu jaqdi dmirijietu bħala sagristan għal dawn l-aħħar 40 sena. Mizzi ġie ppreżentat b'tifkira mis-Sindku ta' Kerċem Joe Grima.

Matul l-istess attività kienu ppreżentati pjani dettaljati dwar Ġnien il-Familja, spazju rikreattiv li x-xogħol fuqu mistenni jibda f'qasir żmien wara li kienu approvati l-permessi mill-MEPA.

*Is-Sindku Joe Grima (lemin) jidher jippreżenta Ġieħ Kerċem lil George Mizzi*

## L-MV Noordam jagħmel waqfa barra l-Port ta l-Mġarr



Aktar minn 2,140 passiġġier u madwar 800 membru ta' l-ekwipaġġ nhar it-Tnejn 9 t'Awwissu, daħlu fil-gżira Għawdxija abbord il-*cruiseliner MV Noordam,* li sa issa huwa l-akbar vapur ta' dan it-tip li waqaf qrib Għawdex. It-Tnejn kmieni filgħodu, dan il-*cruiseliner* li hu twil 285 metru, ħalla l-Port il-Kbir fil-Belt Valletta fejn wasal mit-Tuneżija, u ankra ftit 'il barra mill-port ta' l-Mġarr għal ħabta ta' l-10.00 ta' filgħodu. L-*MV Noordam* jagħmel parti mil-linja *Holland America Line,* li l-aġenti tagħhom f'Malta huma *O.F. Gollcher & Sons Ltd.*

L-atmosfera fl-Imġarr ħadet xejra differenti hekk kif il-passiġġieri bdew nezlin l-art b'dgħajjes żgħar. Permezz ta' koordinazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex, il-passiġġieri ngħataw merħba, b'daqq u żfin mill-grupp folkloristiku Tal-Qiegħa. Barraminhekk rappreżentanti ta' l-Awtorità tat-Turiżmu (MTA) u l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex (GTA) qassmu materjal promozzjonali u informattiv dwar il-gżira ta' Għawdex.

Mal-waqfa tagħhom f'Għawdex, għadd ta' passiġġieri ħadu numru ta' eskursjonijiet varji madwar Għawdex u Kemmuna, li kienu koordinati mill-kumpanija *Mifsud Brothers Ltd* li huma promoturi ewlenin ta' Għawdex fis-settur turistiku tal-*cruiseliners.* L-attivitajiet kienu jinkludu esperjenzi agro-turistiċi f'inħawi agrikoli fejn it-turisti setgħu wkoll iduqu ikel tradizzjonali Għawdxi. Familji bit-tfal żaru l-bajja tar-Ramla l-Ħamra filwaqt li dawk aktar avventużi ngħataw l-opportunità li jmorru l-*Blue Lagoon* jew bil-*jeep safaris.* Ġiet organizzata ukoll mawra ta' arti u kultura fejn it-turisti żaru ċ-ċentru ta' l-artiġjanat f'Ta' Dbieġi, San Lawrenz, kif ukoll għand skultur lokali. Xi wħud għażlu li jesploraw il-gżira b'mod liberu. Aktar minn 1,700 passiġġier niżlu l-art. Il-maġġor parti tal-passiġġieri kienu ġejjin mill-Istati Uniti (969), mill-Kanada (278) u mir-Renju Unit (222).

Il-Kaptan Johannes Mateboer ta merħba lill-Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex u lill-Assistent Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Frederick Azzopardi, fi żjara qasira li dawn għamlu fuq l-MV Noordam waqt li kien sorġut barra l-port ta' l-Mġarr. Il-Ministru esprimiet is-sodisfazzjon għal mod ta' kif Għawdex beda jibbenefika mis-settur turistiku tal-*cruiseliners* permezz ta' ħidma koordinata bejn il-Ministeru għal Għawdex u kumpaniji lokali li jaħdmu f'dan is-settur. Il-Ministru rringrazzjat lil Kaptan u lil dawk kollha li kienu strumentali għaż-żjara tal-*MV Noordam* f'Għawdex.

L-*MV Noordam* ħalla Għawdex għal ħabta tas-7.00 ta' filgħaxija fi triqtu lejn Napli.



**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*



# Il-Pjaga tat-Traffiku fil-Belt Għawdxija

Ara ma taħsbux li sa nikteb dwar xi ħaġa li qatt ma nkiteb dwarha! Wara kollox x'hawn ġdid taħt il-kappa tax-xemx! Imma kif jgħidu: *Ripetuta Iuvant*! U għalhekk, għid illum u għid għada, fl-aħħar forsi naslu. Min jitlob jaqla', u min iħabbat jiftħulu! Min jistenna jithenna! (jew jitherra!)

Ilni ngħix fir-Rabat t'Għawdex għal dawn l-aħħar erbgħa u sittin sena. Dawn l-aħħar snin il-volum tat-traffiku żdied sewwa u bir-rata li mexjin biha, ma nafx fejn ser naslu! Biex tagħqad, minn għadd kbir ta' vetturi għadek tara ħerġin dħaħen suwed u ħoxnin li żgur ma huma ta' ġid għal ħadd. L-arja saret wisq imċajpra u mdennsa għalkemm introduċejna l-petrol bla ċomb. Ċerti vetturi huma qodma wisq u forsi posthom m'għadux fit-toroq tagħna, b'mod speċjali fit-toroq ta' beltna fejn it-toroq bosta drabi ma humiex lesti u ma jifilħux għal volum kbir ta' traffiku ta' żmienna. Inżid ngħid li miċ-ċentru tar-Rabat ta' spiss tara għaddejjin trakkijiet mgħobbijin bil-ġebel u materjal ieħor li jħallu warajhom ħsejjes u foga tal-biża', meta wkoll mhux xi serbut trab jew xi sinjal ieħor! Lanqas jogħġobni l-ksur bl-addoċċ ta' vetturi bħal dawn li jgħaddu bla ebda skruplu jew mistħija minn ċerti toroq li mhux suppost jgħaddu minnhom. Għalkemm fuq iż-żewġ naħat tat-triq tara tabelli li jindikaw li **heavy vehicles** ma jistgħux jgħaddu minn hawn, matul il-jum qisu ma ġara xejn u dawn jgħaddu bla xkiel. Mhux darba u tnejn tazza fuq xi komodina ta' darek taraha titriegħed hekk kif xi "ġgant" minn dawn ikun għaddej minn taħt il-gallerija tiegħek! Fi triqat bħal dawn nixtieq nara l-preżenza ta' xi gwardjan u mhux noqogħdu nintilfu f'xi "Parking Area" nfittxu xi arloġġ jew skadilux il-ħin! Sabiħa d-dixxiplina imma trid tkun imħallta b'doża kbira ta' "sens komun"!

Fir-Rabat tagħna hemm bżonn li ssir xi ħaġa malajr. Ilu jingħad u jinkiteb li ssir **Ring Road** madwar il-Belt biex b'mod speċjali dawk il-karozzi li ma ma jkollhomx bżonn jgħaddu mir-Rabat biex imorru f'xi raħal ieħor ikollhom alternattiva. Iżda sewwa jgħid il-qawl: Bejn il-kliem u l-fatti, hemm baħar jikkumbatti! Qed jiġri li kull min jixtieq, per eżempju, minn Nadur imur l-Għarb, irid bil-fors jgħaddi mir-Rabat u vice versa. U xi ngħidu għall-problema li tinqala' mitt darba kuljum, meta xarabank goffa tkun trid minn Pjazza San Franġisk tinżel għal *Bus Terminus* ta' Triq Putirjal! Xenata kull darba u konġestjoni tat-traffiku! Dil-problema meta se nsolvuha?

Statistika mhux daqstant qadima turi li f'Għawdex jekk ma niżbaljax għandna rreġistrati 'l fuq minn 23,700 vettura f'popolazzjoni li taqbeż il-31,700 ruħ. Meta wieħed iqabbel ma' Malta li hija ferm ikbar minn Għawdex kemm fil-popolazzjoni kif ukoll f'dik li hija art, isib li għal kull elf ruħ, għandna reġistrati 750 vettura jekk mhux iktar ukoll issa, waqt li f'Malta għal kull elf ruħ hemm irreġistrati mas-610 vettura. Qatt kontu smajtu b'dawn il-figuri li naħseb sakemm qed nikteb żdiedu u mhux naqsu!

Ma tridux tinsew ukoll li fi żmien il-Għid u fi żmien is-sajf, it-total tal-vetturi f'Għawdex jitla' m'ogħla s-sema u jiżdied b'madwar 5000 vettura. Mhux ċajta din! Araw ftit il-figuri tal-*Gozo Channel* għal dawn iż-żminijiet! Iż-żieda ġie li tkun notevoli wkoll fi żmien il-Milied u fil-Karnival. Altru li neħtieġu xi forma ta' triq barra l-belt Victoria biex forsi nnaddfu xi ftit l-arja u t-triqat. Fl-Ewropa ma ssib l-ebda triq fil-belt li minnha jgħaddu t-trakkijiet kbar u goffi. Il-problema tkompli tikber meta wieħed iqis li ma tgħaddix minn triq u ma tarax il-karozzi pparkjati fuq xi naħa! U dan ma jistax ikun mod ieħor meta l-ispazju għal *parking* huwa wieħed limitat.

Beltna kif jaf kulħadd fiha d-dipartimenti tal-Gvern, il-Kurja, il-Posta, żewġ każini, postijiet ta' interess, ħwienet u ċentri kummerċjali u għadd kbir ta' djar residenzjali flimkien ma' l-isptar u għalhekk ma tistax ma tiġbidx lejha numru kbir ta' nies. Dawn mnejn sa jgħaddu u fejn sa jipparkjaw! Illum kemm kemm għadek tista' timxi bil-kumdità fit-toroq ta' beltna, għax malajr issib xi mutur jew vettura fuqek. Naħseb li jekk inżidu l-*one-ways* inkomplu ntaffu xi ftit il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku. Kemm nixtieq li Pjazza San Ġorġ tkun ħielsa minn kull *parking* u timtela b'imwejjed u siġġijiet fejn wieħed jista' joqgħod bil-kumdità jieħu kafe mal-ħbieb, imżejna bi qsari u fjuri u art iktar komda u lixxa! Diġà sar ħafna hawn iżda fadal xi jsir!

Sadanittant ma rridux inwarrbu fil-ġenb it-tisbiħ ta' iktar pjazez u triqat fil-belt tagħna la darba din tilqa' fiha l-ġimgħa kollha mhux biss Għawdxin iżda wkoll influss qawwi ta' barranin u Maltin ħutna li għandna dejjem nibżgħu għalihom.

Naħseb li jekk niġbdu ħabel wieħed u ninsew id-differenzi ta' bejnietna, il-Belt Victoria tgawdi, u jekk tgawdi hi, tgawdi int ukoll!

STQARRIJA INTERDJOĊESANA



# IL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT DWAR IL-PROĠETT TA' ĦONDOQ IR-RUMMIEN

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent sostniet li hija tal-fehma li l-iżvilupp kif propost f'Ħondoq ir-Rummien mhuwiex wieħed sostenibbli u diffiċli tiġġustifika li dan jirrappreżenta ġid akbar u kwalità ta' ħajja aħjar għall-Għawdxin għal żmien twil

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent qalet dan f'dokument dwar il-proposta għall-iżvilupp f'Ħondoq ir-Rummien u saħqet li l-proġett mhux se jservi sabiex jikkonserva l-identità tal-pajsaġġ u s-sbuħija tal-inħawi li għandhom ikunu l-attrazzjoni prinċipali li biha tiġbed l-aqwa turist lejn Għawdex.

Argumentat li jitwaqqaf dan il-proġett mhux biżżejjed, iżda hemm bżonn urġenti li l-poplu jkun aktar proattiv fil-mod kif jindokra l-wirt Għawdxi. Qalet li hi tħoss li l-proposta għall-iżvilupp turi insensittività soċjali kbira, kif ukoll tenniet li ma tistax tifhem kif l-iżviluppatur għażel li jinjora l-fatt li l-maġġoranza tar-residenti tal-Qala, li sa jkunu milqutin direttament mill-proġett, huma kontra dan l-iżvilupp kif propost.

Fl-istess waqt uriet il-preokkupazzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' investiment, u minħabba f'hekk in-nuqqas ta' xogħol f'Għawdex. Semmiet li dan qed iwassal sabiex l-akbar riżorsa ta' din il-gżira, jiġifieri n-nies bieżla u intelliġenti tagħha, spiss ikunu sfurzati jfittxu ġejjieni aħjar 'il hinn minn xtutha.

Stqarret li l-pożizzjoni tagħha mhix li tagħmel presepju minn Għawdex, iżda li tiżgura li kull żvilupp li jseħħ f'din il-gżira jkun wieħed li jtejjeb verament il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u jħares lejn gwadann ekonomiku fit-tul u għall-ġid komuni.

Temmet tgħid li l-argument bażiku tal-proposta hu li jekk irid jitnaddaf Ħondoq hemm bżonn il-flus, u dawn il-flus ikunu ġġenerati biss mill-proġett fih innifsu.

Intant, is-Segretarju tal-*Moviment Ħarsien Ħondoq*, Paul Buttigieg, wera s-sodisfazzjon tiegħu għal dan id-dokument għax fi kliemu dan wera biċ-ċar li l-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien hija bżonnjuża, speċjalment għall-aspett soċjali tagħha fejn familji bi dħul baxx u medju jkunu jistgħu jgawdu l-post liberament.

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Kummentarju (2)*

# Il-Kelma Maltija u t-Tifsir Tagħha



*kitba ta'* CARM C. CACHIA

**Fis-snin twal li ilni midħla sewwa tal-Malti, bla ma ridt drajt inħares lejn ilsien art twelidi minn aspetti li mhux soltu naħsbu fuqhom jew nitkellmu dwarhom. Huma aspetti lingwistiċi, jekk trid issejħilhom hekk, li juru kemm din il-lingwa tagħna hi għanja u sabiħa. Meta kont bdejt nistudja l-Malti f'livell post-sekondarju, xi erbgħin sena ilu, kont studjajt il-ktieb ta' Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics*, li fih iltqajt għall-ewwel darba mal-fenomenu lingwistiku tas-*Semantika* – it-tibdil fit-tifsira tal-kelma. Kelli nisma' aktar dwar dan il-fenomenu snin wara meta dħalt l-università biex nistudja l-Malti. Imma x'inhi s-semantika?**

Għandkom tkunu tafu li l-kliem li ngħidu jista' jibdel it-tifsir li jkollu. Ħa ngħidilkom kif. Il-Malti jissejjaħ lingwa mħallta għax matul iż-żminijiet issellef minn lingwi differenti u daħħal kliem ġdid minnhom li mbagħad għamlu tiegħu. Imma dan il-kliem li ssellifna u għadna nisselfu mhux dejjem iżomm it-tifsira oriġinali tiegħu. Ħa nieħdu xi eżempji. Fl-Għarbi, bħal fil-Malti, teżisti l-kelma 'bejt'. Imma filwaqt li għalina dan ifisser il-parti ta' fuq ta' binja (is-saqaf) għall-Għarbi dan ifisser 'dar'. U jekk noqogħdu naħsbu ftit nindunaw li l-kelma 'bejta' hi dar ċkejkna. In-nies taż-Żebbuġ, tal-Għarb u ta' San Lawrenz kultant għadhom jużaw din il-kelma bit-tifsira oriġinali tagħha, meta jgħidu 'wara l-bjut' biex ifissru 'wara d-djar'. L-istess jgħodd għall-kelma 'ġebel'. Din fl-Għarbi tfisser 'muntanja'. Infatti Ġibiltà mhix għajr 'Ġebel Tarik' (il-muntanja ta' Tarik). Imma fil-Malti din il-kelma ħadet post oħra Għarbija, il-kelma 'ħaġar', u saret tfisser frak/biċċiet tal-blat (*stones*).

Dan li għedna jgħodd ukoll għal kliem Rumanz li ġej mit-Taljan jew mill-Isqalli. Nieħdu l-kelma 'pittma'. Din nużawha għal bniedem li jrid kollox preċiż. Imma fit-Taljan din hi isem ta' tajra partikulari. Il-kelma Taljana '*panchina*' (bank tal-ġnien) fil-Malti saret tfisser passaġġ fit-triq mnejn jgħaddu n-nies bil-mixi. U xi ngħidu għall-kelma 'rota'. Fil-Malti, bħal fit-Taljan, din tfisser oġġett tond (eżempju rota ta' trakk, jew rota ta' arloġġ). Imma fil-Malti din il-kelma saret tfisser ukoll mezz ta' trasport, il-'*bicycle*' biex inkun aktar preċiż. Għandna wkoll il-kelma 'ċanga' (laħam tal-barri) li fit-Taljan tfisser blokka tal-injam. Kliem li jixbah lil din u li ġej minnha hemm 'ċangun' u 'ċangatura' li, kif tafu, ebda waħda minnhom m'għandha x'taqsam ma' laħam. Dan għaliex dari l-biċċier kien iqatta' dan it-tip ta' laħam fuq blokka tal-injam, iċ-ċanga, u minn hemm dan it-tip ta' laħam ħa ismu.

L-aktar li jaffaxxinani, imma, hu l-kliem li daħħalna mill-Ingliż dawn l-aħħar mitejn sena jew ftit aktar. Pereżempju, qatt kontu tafu li l-kelma 'tibblakka' (iż-żarbun) ġejja mill-kelma '*black*', u li aħna nibblakkaw iż-żarbun anke jekk ikun kannella?! Jew inkella, tafu li l-kelma 'ġamboll' (dak li tnaddaf ir-ram bih) ġejja mill-kelmiet 'John Bull', l-isem tad-ditta li kienet tagħmel dan it-tip ta' lostru? U xi ngħidu għall-kelma 'skamel' (il-vettura li tiġbor l-iskart)? Din mhi xejn ħlief l-isem tad-ditta Ingliża Scammell li kienet tagħmel vetturi goffi bħal trakkijiet, gafef, u x'naf jien. Imma billi f'Malta l-ewwel vetturi tal-iskart aktarx li kienu ta' din id-ditta, l-isem tagħha ħa din it-tifsira. L-istess jgħodd għal kliem bħal bajro (Biro), kjutiks (Cutex) u naget (Nugget). Fl-aħħar insemmi l-kelma 'fajjar' (tefa' bl-addoċċ u kif ġie ġie). Din ġejja mill-kelma '*fire*' li tfisser 'nar' jew 'spara'. Aktarx li aħna l-Maltin konna nisimgħu lill-uffiċjali Ingliżi jagħtu l-ordni '*Fire!*' bl-aċċent Anglo-Sassonu tagħhom, u ta' Maltin li aħna bdejna nużawha eżatt kif smajnieha 'Fajar!' Is-sabiħ hu li barra li dani l-verb ikkonjugajnieh skont ir-regoli semitiċi (fajjart, fajret, infajru) minn din il-kelma Ingliża vvintajna wkoll kelma ġdida - 'fajjara'.

L-istudjużi jaqsmu l-istudju tas-semantika (it-tibdil fit-tifsira tal-kelma) f'żewġ kategoriji. Meta kelma tibdel it-tifsira tagħha mal-mixja taż-żmien, bħal meta tgħaddi minn pajjiż għal ieħor jew fl-istess pajjiż meta t-tifsira tinbidel matul is-sekli, din taqa' taħt l-ewwel kategorija. Il-kelma 'għanqbuta' fl-Għarbi tirreferi għall-ħlejqa, imma maż-żmien fil-Malti din il-kelma saret tirreferi għan-nisġa li tagħmel din il-ħlejqa. Flok il-kelma Għarbija 'għanqbuta' aħna ħloqna l-kelma 'brimba' mill-verb 'tobrom' (tinsġ). L-istess ġara fil-każ tal-kelma 'żiemel' li fl-Għarbi tfisser 'annimal tat-tagħbija' (bħal gendus, ħmar, bagħal, eċċ). Għal 'żiemel' l-Għarab għandhom il-kelma 'ħisan'.

It-tieni kategorija aħna nagħmlu użu minnha kontinwament, ħafna drabi mingħajr ma nintebħu. Ħa nieħdu ftit eżempji. Tiġini f'moħħi l-kelma 'sinna' li tista' tfisser parti mix-xedaq, jew tewma, jew ponta ta' rota t'arloġġ. Hekk ukoll il-kelma 'għajn' li tista' tfisser parti mill-ġisem, jew parti minn labra, jew sors ta' informazzjoni. Dawn it-tifsiriet tal-istess kelma nużawhom kontinwament, dejjem skont il-bżonn jew l-okkażjoni.

Hekk, meta ngħidu: 'Tani daqqa t'għajn', infisser ħarsa u mhux xi daqqa ta' labra.

L-aktar mod popolari li bih kelma tibdel it-tifsira tagħha fid-diskors tagħna ta' kuljum hu permezz tal-metafora. Xi tkun din? Fil-bniedem jeżisti dak li l-istudjużi jsejħulu 'għażż lingwistiku' jiġifieri meta nkunu nitkellmu, jekk nistgħu, nużaw kelma waħda flok erba' kelmiet. Issa l-metafora tgħinna biex inkunu preċiżi f'diskorsna mingħajr ma nużaw ħafna kliem. Ħa nieħdu eżempju ċkejken. Jekk bniedem għandu vista tajba ħafna, tant li ma jaħrablu xejn minn taħt għajnejh, ngħidu, "Dak seqer". Hawn m'aħniex ngħidu li dan it-tali hu xi forma ta' tajra, imma li jara ħafna. Il-kelma 'seqer' iddeskrivietu aħjar minn ħafna kliem ieħor li forsi anqas jiddesrivih daqstant preċiż. Dan hu eżempju ta' metafora.

Aħna l-Maltin nużaw ħafna ismijiet ta' ħxejjex jew ta' annimali u nużawhom metaforikament biex infissru ruħna aħjar. Aħsbu ftit fuq dawn li l-ġejjin. Ngħidu 'ħmar' jew 'muntun' għal min hu injorant, 'ħanżir' għal min hu bla manjieri fl-ikel, 'nagħġa' min hu bla kuraġġ, 'żiemel' għal min hu intelliġenti, u 'ġurdien xiħ' għal min hu makakk. U la qegħdin nużaw il-kelma 'makakk', imħatra ma tafux li din il-kelma tirreferi għal tip ta' xadin li jaf iħaddem moħħu ħafna? Fejn jidħlu l-ħxejjex ngħidu 'ġidra' jew 'basla' għal min hu bla skola, 'sifja' għal min hu rqiq, 'zokk' għal min hu twil u rqiq, 'tengħuda' għal min moħħu jilħaqlu, u l-bqija. Kultant nużaw ismijiet ta' oġġetti għal tifsiriet simili. Hekk ngħidu 'arloġġ' għal min hu preċiż, 'pinnur' għal min hu bla prinċipju, 'tilef il-boxxla' jew 'b'rota nieqsa' għal min ma jirraġunax. Anke ismijiet ta' persuni jew ta' pajjiżi jwasslulna tifsiriet partikulari. 'Ġaħan' tintuża għal min hu baħnan, 'spiżjar' jew 'dittur'(duttur) għal min hu fitt jew preċiż. 'Spanjola' u 'Ġermaniża' huma wkoll ismijiet ta' mard, filwaqt li 'Ingliża' tirreferi wkoll għal tip ta' pjanta bil-fjuri sofor. F'kull wieħed minn dawn l-eżempji, il-kelma qiegħda tibdel it-tifsira oriġinali tagħha.

Kultant aħna nużaw parti minn oġġett biex nirreferu għall-oġġett sħiħ. Hawn ukoll għandna tibdil fit-tifsira oriġinali. Pereżempju, meta ngħidu 'saq il-mutur' inkunu nirreferu għall-mezz tat-trasport u mhux għall-magna tiegħu. Meta ngħidu 'belgħa brodu' nfissru 'mimli platt', u meta' ngħidu 'għamel kelmtejn' infissru li għamel diskors sħiħ ta' xi elfejn kelma. Il-bdiewa ġieli jirreferu għall-bhejjem tagħhom permezz tar-ras; eżempju, "Kemm għandek baqar? Għandi tletin ras".

Fl-aħħar nett nixtieq nirreferi għal meta neżaġeraw jew nistagħġbu fid-diskors li ngħidu. Biex nisħqu l-messaġġ li rridu nwasslu, aħna ġieli neżaġeraw f'diskorsna. Biex nuri li kont bla paċenzja ngħid 'kont fuq ix-xwiek' (litt. kont fuq ħafna xewk) jew biex nuri stagħġib, ngħid: 'ġibt għajnejja wara widnejja'. Biex nuri li kont attent ngħid: 'qgħadt b'seba' għajnejn' Dawn ma jridux jittieħdu b'mod litterali imma skont il-messaġġ li jridu jwasslu. Anke meta ngħidu 'rajt film babaw' jew 'rajt film tal-ġenn' dan ma jfissirx li kien film ikrah jew imġerfex, imma li kien film tassew sabiħ.

Permezz ta' dawn il-mekkaniżmi lingwistiċi l-istess kliem jista' jieħu tifsira pożittiva jew negattiva. Hekk ġara lill-kelma 'pastaż' li dari kienet tirreferi għal bniedem li jġorr l-affarijiet ta' ħaddieħor (*porter*), imma llum 'pastaż' jew 'pastażata' jirreferu għal bniedem bla manjieri tajba. Forsi għax il-psataż ta' dari kienu ta' spiss bla manjieri? Hekk ukoll il-kelma burdnar. Barra li tirreferi għal min iġorr it-tagħbija, tirreferi wkoll għal min jitkellem ħażin. Imbagħad, għall-kuntrarju, jekk lil tifel ċkejken ngħidulu 'ħalliel' jew 'nirrak mgħarraq kemm inti ħelu', ma nkunux ngħajruh jew nixtiqulu d-deni, imma niggustawh.

Nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn (!) billi ngħid li anke jekk xi kelmiet mingħalina jkollhom l-istess tifsira, dawn mhux tassew li jwasslu eżatt l-istess messaġġ. Min jaf kieku lil bniedem imġissem tgħidlu 'oħxon'? Dan aktarx li jieħu għalih. Imma jekk tgħidlu 'qawwi' jew 'fih tifel', kemm kemm ma jħossux imfaħħar. Issa 'oħxon', 'imġissem', 'imbaċċac', 'mibrum' u 'qawwi' mhux l-istess ifissru? Mhux eżatt. Dan hu l-għaġeb tas-semantika.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

HILITE
Hardware Store
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Kummentarju (3)*

# Qabduha dwar Eko-Għawdex 'sajfi'



*kitba ta'* **Mons. SALV GRIMA**

**Kienu għadhom kemm ħarġu l-aħħar ċifri dwar dawk li qasmu minn Malta f'wieħed mill-weekends twal ta' das-sajf u minn hemm bdew ħerġin punt wara ieħor x'kellu x'jaqsam dan il-fenomenu mal-imbierek Eko-Għawdex, jekk hux ta' benefiċċju jew tfixkil. Issa drajna nisimgħu b'dawn iż-żidiet għal ħafna okkażjonijiet matul is-sena, kemm għal dawk kulturali, rikreattivi, reliġjużi jew għall-mistrieħ fix-xhur sajfin. Dan barra l-influss ta' Maltin li jagħżlu lil Għawdex fi tmiem il-ġimgħa meta qed isibu servizz iktar frekwenti tal-vapuri sa tard filgħaxija u anki matul il-lejl.**

"Ma taħsibx li dir-rotta li qabdet se żżid minn sena għall-oħra?" Irrimarka l-ewwel wieħed. "Iktar u iktar meta Għawdex qed ikun spiss reklamat fuq il-mezzi tax-xandir u permezz ta' siti elettroniċi b'dawk il-karatteristiċi kollha tiegħu, inklużi l-veduti u l-pajsaġġ iħaddar li tistħajlu mhux minsus mill-qilla tas-sħana li taħkimna. Għalhekk kurjuż kif nistgħu norbtu l-ambjent u s-sbuħija naturali mal-ammont ta' viżitaturi li jaslu fostna, jekk irridu nibqgħu mexjin mal-proġett ta' Eko-Għawdex".

**"Qabel xejn għandi nifhem li dan il-moviment pjuttost ġdid m'għandux jitkejjel biss f'termini ta' numri fejn jidħol it-turiżmu intern, jew bil-kalkoli ta' impiegi ġodda, jew kemm jirrendi għall-ekonomija lokali. Lanqas m'għandu wieħed jillimita ruħu safejn tidħol l-indafa, is-saħħa jew id-dehra attraenti ta' dak li suppost nibżgħu għalih bla ma nħammġuh"**, osserva ieħor minnhom.

"Hawn naqbel miegħek, għax ħażin għalina jekk ninsew li l-identità Għawdxija għandna nirriduċuha għall-progress finanzjarju biss, għall-kwantità ta' attivitajiet ta' massa li kapaċi noħolqu, bla ma nibżgħu għal dawk il-valuri l-iktar prezzjużi li huma denji għall-persuna umana. Inkella x'jiswa li nitkellmu mill-Eko-Għawdex?" kompla juri fehmtu t-tielet wieħed.



Hawnhekk bdew iwessgħu l-ideat tagħhom dwar x'jeħtieġ jitħaddan fil-kunċett ta' Eko-Għawdex. **Fil-proposti ppubblikati dan l-aħħar mill-Ministeru għal Għawdex tissemma' "l-identità u l-kultura" u li "hi tabilħaqq Għawdxija fl-għamla tagħha". Hu fatt ukoll li "l-kultura moderna u mgħaġġla bil-mod bdiet toħloq theddida serja għal xi karatteristiċi partikulari u għal drawwiet u tradizzjonijiet awtentiċi tal-irħula.** Hu f'dan l-ispirtu li l-viżjoni Eko-Għawdex tfittex li tippreserva l-identità Għawdxija waqt li ttejjeb id-drawwiet qodma tal-ħajja rurali ta' Għawdex li bihom qatt ma saret ħsara lill-ambjent".

**Din l-identità ma tridx tinjora jew tiskarta valuri ta' natura umana magħġunin anki ma' sentimenti reliġjużi li mhux dejjem huma rispettati minn oħrajn. Il-barranin fostna, anki jekk huma ħutna Maltin, huma mistiedna biex qabel kollox jistmaw il-fehmiet ġenwini u sinċieri tal-oħrajn bla ma jesprimu xi sens ta' superjorità jew agħar u agħar xi forma ta' stmerrija fejn jidħlu aspetti u drawwiet qaddisa tal-fidi nisranija.**

"Eko-Għawdex għandu jibqa' joffri sehmu għall-ġmiel u s-sabiħ fi ħwejjeġ sempliċi imma sostanzjali bħal dawn u min-naħa tagħna qatt m'għandna nibqgħu lura li nesprimuhom mal-viżitaturi tagħna. **Il-ġentilezza, id-dħulija, l-ospitalità u l-manjieri għandhom jakkompanjaw il-ħajja reliġjuża tagħna wkoll, bħala prodott mill-aqwa u ta' siwi x'wieħed joffri lil ħaddieħor.** Hawn tidħol anki l-edukazzjoni u l-imġiba miż-żewġ naħiet, xi ħaġa li tant niftaħru li għamilna avanzi kbar fiha permezz tas-sistema skolastika u mezzi oħra ta' tagħlim. Din għandna nibżgħu għalija kulfejn inkunu, waqt vjaġġi, f'kampeġġi, fil-pubbliku u xejn inqas



waqt attivitajiet insara". **Jixraq li fl-istess proposti għall-Eko-Għawdex tiżdiet b'mod speċifiku riferenza għal dak li huwa "reliġjuż" fejn jissemma' "l-apprezzament tal-wirt kulturali u naturali, u t-tradizzjonijiet u l-valuri qodma tal-gżira".**

"Sewwa qed tgħid, imma ħafna jħobbu jibqgħu lura. Jaħsbu li l-onestà fl-ilbies, fil-kliem u f'imġiba oħra għadda żmienha u tilfet kull dritt għax kollox sar permess f'isem il-libertà. Kemmkemm ma jaħsbux li qed toffendihom jekk tiġbdilhom l-attenzjoni fejn ikun meħtieġ. Issib minn dawk responsabbli miż-żamma tal-ordni pubblika li jagħżlu li jagħlqu għajnejhom quddiem xi abbużi bħal dawn, u dan xejn mhu ta' kontribut għall-ħarsien ekoloġiku f'Għawdex. Jekk ma ssibx ukoll lil min minn fostna lest li jibda jimita drawwiet ġodda jew jistieden oħrajn biex jitħallat magħhom f'imġibiet simili, bla ma jimpurtah mill-kawża ġusta favur il-wirt hekk prezzjuż ta' gżiritna", kompliet id-diskussjoni.

**"Għalhekk nara kemm hu sabiħ u ta' valur kbir l-iskambju li jista' jinħoloq anki dwar il-ħajja u t-twemmin nisrani, b'impenn qawwi min-naħa tal-komunità nisranija.** Hawn jidħol ukoll ix-xogħol tal-volontarjat li f'Għawdex "hu riżorsa prezzjuża". Min-naħa tagħna għandna x'noffru u min iżurna m'għandux iħossu minsi jew mitluq fid-dmirijiet reliġjużi tiegħu. Dan jista' jiġri bl-iskuża tal-vaganzi jew għax tħallat ma' ħbieb ġodda u jkollu jagħmel bħalhom".

Dir-rimarka b'xejra reliġjuża kompliet turi aspetti sbieħ oħra li Għawdex m'għandux x'jitlef. Dejjem skont kemm wieħed iħossu konvint minn dmiru, anki quddiem l-oħrajn, li mhux dejjem jifhmu biżżejjed l-importanza tal-ħarsien tal-prinċipji nsara u l-prattika tat-twemmin nisrani. **Bħala komunità li tħaddan il-fidi Kattolika, Għawdex jista' u għandu x'jgħaddi anki lill-Maltin, mhux biss bix-xhieda u l-onestà f'oqsma bħalma huwa fil-bejgħ, servizzi fit-trasport, fl-użu tal-flats u *farm houses* mikrija u f'għajnuniet oħra, imma b'servizzi reliġjużi indirizzati aħjar l-iktar f'dawk il-postijiet l-iktar frekwentati mill-barranin.**

Bdew ħerġin iktar suġġerimenti, bħalma huma: addattament ta' orarju b'servizzi aħjar f'ċerti knejjes bħal dawk tal-villeġġjatura, kura spiritwali b'attivitajiet varji għat-tfal waqt il-vaganzi fostna, jitqassam tagħrif reliġjuż u informazzjoni oħra fl-appartamenti u postijiet pubbliċi, anki permezz tal-Bullettin tal-Ħadd, stediniet biex jipparteċipaw fil-programm ta' festi lokali, żjajjar jew kuntatti magħhom anki permezz ta' membri ta' għaqdiet reliġjużi, u oħrajn. Kollox jitlob ħidma u ħsieb!

**Jintemmu l-granet li ħafna jgħaddu fostna minn żmien għall-ieħor, imma għandhom kull dritt li jerġgħu lura b'togħma nisranija wkoll, u f'qalbhom tibqa' x-xewqa li jerġgħu jsibu 'l Għawdex kif jixtiequh huma u aħna l-Għawdxin. Hemm eżami x'isir jekk tassew irridu nikkollaboraw kif jixraq ma' Eko-Għawdex kif imiss.**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Attwalità*

# *Il-Programmi Edukattivi tal-Unjoni Ewropea – Għaxar snin ta' Parteċipazzjoni minn Għawdex*



*notamenti ta'* **SAVIOUR GRECH**

***Programmi siewja u ta' ġid kbir***

Jien żgur li kulħadd f'Malta u f'Għawdex jaf li pajjiżna issa ilu sitt snin li ngħaqad mal-Unjoni Ewropea. Iżda naħseb li ftit jafu li pajjiżna ilu madwar għaxar snin minn meta beda jipparteċipa fil-programmi edukattivi tal-Unjoni Ewropea.

Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ħolqot dibattitu qawwi bejn dawk li kienu kontra u dawk li kienu favur. Kien hemm bżonn ta' referendum u elezzjoni biex il-kwistjoni tiġi riżolta. Minn naħa l-oħra, s-sħubija ta' pajjiżna fil-Programmi Edukattivi tal-Unjoni Ewropea ma ħolqot l-ebda kontroversja. Il-partiti politiċi Maltin kollha mill-ewwel għarfu li parteċipazzjoni f'dawn il-programmi tissarraf f'ġid kbir għal dawk kollha li jieħdu sehem fihom.

It-tħejjijiet biex Malta tipparteċipa f'dawn il-programmi edukattivi bdew ftit wara li fl-1990 ġiet ippreżentata l-applikazzjoni biex Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. It-tħejjijiet komplew anke wara li l-applikazzjoni għas-sħubija ta' Malta ġiet irtirata, wara l-bidla fil-Gvern fl-1996. Dan għaliex, għalkemm il-Gvern ġdid kien kontra s-sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea, kien min-naħa l-oħra favur il-parteċipazzjoni fil-programmi edukattivi tal-istess Unjoni.

Wara l-bidla oħra fil-Gvern fl-1998, u r-rijattivazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, l-affarijiet ħadu żvolta differenti. U r-ritmu ta' tħejjijiet kiseb urġenza gdida. Dan wassal biex fi żmien qasir ġew iffirmata il-protokolli neċessarji bejn Malta u l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea. B'hekk fl-2000, anke qabel is-sħubija, skejjel u studenti Maltin setgħu bi dritt jipparteċipaw f'dawn il-programmi edukattivi. Fl-istess ħin il-Kummissjoni Ewropea allokat fondi lill-Malta biex b'hekk tiġi ffaċilitata s-sħubija f'dawn il-programmi.

***L-Ewwel proġett edukattiv minn Għawdex.***

Min-naħa tagħna l-Għawdxin ma qagħdniex lura. Għall-ewwel l-affarijiet ma kinux faċli. Konna għadna rridu nifhmu u nitħarrġu dwar kif issir l-appplikazzjoni u kif wara jiġi implimentat il-proġett attwali, jekk u meta t-tali proġett jiġi approvat. Iżda dak li kien nieqes fl-esperjenza, patta għalih l-entużjażmu.

L-unur tal-ewwel parteċipazzjoni minn skejjel Għawdxin f'dawn il-programmi ħaditu l-Iskola Post Sekondarja Sir Mikelanġ Refalo, dakinhar tat it-tmexxija tas-Sur Michael Cassar. Mhux biss. Kellha tkun din l-iskola l-ewwel waħda mill-gżejjer Matin li, fis-sena 2000 ipparteċipat fi proġett hekk magħruf ta' Lingua. Permezz ta' dan il-proġett, f'dak li dakinhar kien jissejjaħ il-Programm SOCRATES, grupp ta' Studenti Għawdxin flimkien mal-għalliema tagħhom kienu qattgħu ħmistax il-ġurnata fi Vienna, l-Awstrija. Wara grupp ta' studenti mill-iskola 'Haydn Realgymnasium', Vienna, qattgħu ħmistax il-ġurnata f'Għawdex. Waqt dawn iż-żewġ 'exchanges' u matul is-sentejn li dam sejjer il-proġett, l-istudenti taż-żewġ skejjel studjaw il-wirt folkloristiku taż-żewġ pajjiżi b'enfasi fuq il-ħrejjef u leġġendi Għawdxin u Awstrijaċi. Fl-aħħar tal-proġett l-istudenti kitbu għadd ta' leġġendi mmaġinarji. L-istudenti Għawdxin kitbu l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża, waqt li l-istudenti Awstrijaċi ħejjew il-verżjoni bl-Ingliż.

Jien, li flimkien mas-Sur Frankie Muscat u Dr. Vivien Camilleri (dakinhar ilkoll għalliema f'Sir Mikelang Refalo) konna involuti f'dan il-proġett, għadni niftakar is-sodisfazzjon li aħna lkoll flimkien mal-istudenti konna ħassejna meta bħala konklużjoni tal-proġett ippreżentajna dawn il-leġġendi oriġinali f'forma ta' pubblikazzjoni.

***Il-parteċipazzjoni għadha sejra.***

Minn dakinhar din l-iskola u skejjel oħra Għawdxin ħadu sehem fi proġetti oħra simili. Għadd kbir ta' studenti u numru ta' għalliema minn skejjel primarji u sekondarji Għawdxin ipparteċipaw fi proġetti taħt 'l hekk imsejħa Azzjoni COMENIUS ta' dawn il-programmi. M'hux hekk biss. Numru sabiħ ta' studenti Universitarji Għawdxin għamlu żmien ta'studju f'universitajiet Ewropej permezz tal-Azzjoni ERASMUS. Fl-istess ħin għadd ta' studenti universitarji minn universitajiet Ewropej qattgħu żmien fi skejjel Għawdxin. Dawn hekk imsejħa *Comenius Language Asssitants* għenu fit-tagħlim tal-lingwi Ewropej fl-iskejjel sekondarji Għawdxin. Kien hemm ukoll parteċipazzjoni fl-Azzjoni hekk imsejħa LEONARDO.

Mill-2007 il-programmi edukattivi Ewropej bdew jissejħu 'Lifelong Learning Programme' jew il-Programm għat-Tagħlim għal Matul il-Ħajja. Għalkemm l-isem inbidel, l-għanijiet baqgħu l-istess. U l-parteċipazzjoni minn skejjel Għawdxin ma naqsitx. Fost l-iskejjel Għawdxin li matul l-aħħar sentejn skolastiċi kienu qed jipparteċipaw fi proġett edukattiv Ewropew kien hemm l-iskola Sekondarja tal-Bniet Agius de Soldanis. Din l-iskola flimkien ma' seba' skejjel oħra minn sitt pajjiżi Ewropej ħadmu fuq proġett bit-titlu ta' *'Let's Learn Through the Cultural Heritage and its Diversity'.* Permezz ta' dan il-proġett studenti u għalliema mill-iskola Agius de Soldanis kellhom l-opportunità li jaħdmu ma' studenti mill-Italja, Ġermanja, Ungerija, Polonja, Turkija u l-Gżejjer Kanarji.

Lokalment il-kordinazzjoni tal-partċipazzjoni f'dawn il-programmi hija afdata lill-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA).

Minn hawn nieħu l-opportunità li nifraħ lil dawk kollha involuti fil-programmi edukattivi Ewropej u nawgura li l-parteċipazzjoni minn Għawdex tkun dejjem waħda qawwija.

*Sfidi ta' Żmienna*

# *Inħobbu l-Qaddisin! ... imma għaliex niddejqu "nitqaddsu" bħalhom?*



*kitba ta'* VICTOR DEGABRIELE S.J.

**Fl-aħħar ħarġa spiċċajt l-artiklu fuq il-ħajja reliġjuża fid-djoċesi t'Għawdex billi fakkart fuq il-ħtieġa li kull membru ikun persuna ta' talb. San Pawl insista li kull nisrani għandu jkun bniedem ta' talb kontinwu.** (Ara l-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin kap 5, vers 17)

Bla dubju li għal bosta t-talb hu magħġun ma' ħajjithom, li Alla hu parti importanti ħafna minn ħajjithom, hu ċar għalihom li t-talb mhux xi ħaġa żejda. Biss jidher li bosta ma jikbrux fil-ħajja ta' talb. Dan jidher meta tara kompromessi, għemejjel ħżiena, korruzzjoni ta' ħafna xorti, propju minn nies li jidhru jitolbu. It-talb ikun ġej pjuttost mill-moħħ milli mill-qalb. Jekk mill-moħħ, fejn jaqbillek tinsih u twarrbu. Jekk ikun ġej mill-qalb ma tantx twarrbu malajr. Il-qalb tfisser relazzjoni personali u r-relazzjonijiet ma tistax taqbad u twarrabhom qisu mhu xejn. Nagħti eżempju: persuna li tgħid kliem kif ġie ġie fuq Alla, toqgħod b'seba' għajnejn kif titkellem fuq xi persuna oħra, ngħidu aħna li tiġi minnha, jew timpjegaha. Dawn il-persuni huma importanti għaliha aktar minn Alla, m'għandhiex relazzjoni tal-qalb ma' Alla, tħobb lil Alla pjuttost bil-kliem, b'moħħha u mhux b'qalbha. Dan hu ħasra kbira għaliex Alla ma qalilniex li hu xi idejjiet, jew virtujiet, jew drawwiet, jew devozzjonijiet, imma li hu mħabba. (ara l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann kap 4, vers 16) U hi propju din l-imħabba li bosta ma jridux jisimgħu biha, għax l-imħabba titlob l-imħabba bħala risposta, u tistiednek tmut għalik innifsek, li ma ġġibx ruħek kif jaqbillek.

**Fuq hekk it-talb, jew aħjar it-talbiet li jingħaddu, jeħtieġ joħorġu tassew mill-qalb. Kieku biss tagħti attenzjoni għal dak li tkun qed tgħid (speċjalment jekk ta' bl-amment), it-talb jinbidel f'għajta ħierġa mill-qalb. M'hemm ebda obbligu li tgħid xi numru ta' talbiet u għalhekk jixraq li tlissen inqas u aktar sew. Almenu, jekk taħseb li qed tkellem lil Alla, kellmu bil-galbu kif tkellem lill-bnedmin li tridhom tassew li jisimgħuk. Jekk trid li ħaddieħor jagħti kas tiegħek mill-qalb, kellmu sew; dan jgħodd għal Alla wkoll.**

L-Appostolat tat-Talb għallimna 'l-offerta tal-ġurnata'. Din hi l-intenzjoni li matul il-jum tagħti kas ta' Alla. Jekk int sempliċement tgħidha għax soltu, malajr tinsiha u ma jkollhiex effett matul il-jum. Jekk għal ftit ħin tagħti l-attenzjoni tiegħek kollha għal dak li tkun qed tgħid, din tagħtik qawwa biex tgħix għal Alla u ma' Alla, matul il-ġurnata.

**Il-quddiesa hi l-laqgħa speċjali tagħna m'Alla. Titlob minna attenzjoni u devozzjoni. Il-fatt li tkun drajtha, u li tmur għaliha sikwit u kuljum, ma jfissirx li kull darba ma tagħtihiex attenzjoni u serjetà. Kull talb, anki dak ta' bl-amment, u ta' kuljum, hu ġdid kull darba li nlissnuh u jeħtieġ qalb u moħħ mġeddin. Jekk qabel il-quddiesa toqgħod tpaċpaċ, moħħok f'dak u l-ieħor, kif tippretendi li l-quddiesa tkun għalik laqgħa ma' Alla? Hekk ħajtek tibqa' sejra, ma tinbidilx.**

**Ħafna jgħidu r-rużarju kuljum, imma la jikkonsidraw u anqas jikkontemplaw il-misteri li suppost ikunu jitolbu. Ir-rużarju li hu mixja mal-Madonna fil-ħajja ta' Ġesù, isir biss ħin ta' ripetizzjoni. Mhux ta' b'xejn li ż-żgħażagħ jiddejqu. Aħjar titlob posta sew milli ħamsa b'ħafna ġiri u monotonija. M'hemm ebda obbligu marbut mar-rużarju, biss jekk tħobbu, almenu itolbu u mhux biss tgħidu. Mingħajr l-ingredjent ta'l-attenzjoni bl-imħabba, it-talb isir thewdin ħiereġ mill-fomm u mhux kliem sabiħ ħiereġ mill-qalb. Mhux eżattament ħin mitluf; imma jekk tista' tieħu teżor, għax għandek tikkuntenta biċ-ċekċik?**

Kull dar ikollha xi rokna qaddisa, xi nkwatri, kurċifissi, u xi kotba reliġjużi. Tant nidrawhom li lanqas nagħtu kashom. Imma aħna poġġejnihom hemm mhux biex inżejnu, (ma żżejjinx b'kurċifiss!), imma biex jiġbduna lejn Alla. Permezz tagħhom int tgħid lil Alla, 'Qed nagħti kas tiegħek.' F'kull dar ikollna ritratti ta' nies għeżież. Dawn



mhux biex ifakkruna li għandna nies għeżież, imma biex inżommu ħaj fina mħabbitna lejhom, u kultant noqgħodu nħarsu lejhom biex nikbru f'din l-imħabba. Hekk mal-Mulej u mal-qaddisin tiegħu. Innota wkoll illi kif inti għandek ir-ritratti favoriti tiegħek, li l-aktar iqanqluk għall-imħabba, hekk ukoll mal-Mulej u mal-qaddisin tiegħu, għandna l-istampi, l-istatwi favoriti tagħna li jqanqluna għall-aktar imħabba u għotja. Meta aħna mdawrin b'tant memorji sbieħ tal-Mulej, kif nistgħu ngħalqu qalbna?

Wieħed ġuvnott kien jinnamra ma' tfajla. Kull meta kien jiltaqa' magħha kien joqgħod jaqralha xi poeżija sabiħa li jkun sab x'imkien. Kien jaqralha wkoll xi biċċiet li jkun sab f'xi kittieba, fuq l-imħabba. Dak li kien jaqralha kien mirqum u miktub sew u kien jesprimi tajjeb il-qalb ta' min kiteb. Imma t-tfajla bdiet tiddejjaq. Qaltlu: 'Jien miegħek irrid ninnamra u mhux ma' dawk il-kittieba. Iftaħ il-qalb tiegħek għalija, u għidli int fuq imħabbtek għalija, u mhux permezz ta' ħaddieħor, fi kliem li ħiereġ mill-qalb tiegħek. Dan ma jfissirx li ma nieħux gost nisma fuq l-imħabba ta' ħaddieħor, imma jien lilek irrid nisma fuq l-imħabba ta' ħaddieħor, imma jien lilek irrid niżżewweġ.' Hekk il-Mulej irid jisma' t-talb tiegħek, jilqa' l-imħabba tiegħek. Tal-qaddisin tiegħu jafha sew. **Qalbek irid jara. Naqqas il-qari tat-talbiet, u itlob aktar minn qalbek.** Possibbli li xi ftit kliem sabiħ ma tafx tgħidlu lill-Mulej?

Barra dan ittallab anqas u rringrazzja aktar, u faħħar ftit iżjed. Ma nafx kif il-Mulej ma jiddejjaqx sew bil-krib tal-ħbieb tiegħu. Kieku kellek ħabib li kull meta jarak irid jitolbok xi pjaċir, ma jiġikx mument ta' ftit nervi? Ara kemm naqraw u ngħidu talb – tant minnhom irid bilfors ikollhom xi karba. Dan lil Alla li tant tana b'xejn u bla ma tlabnih. Darba waħda mara qaltli: 'Uliedi ftit li xejn jgħiduli grazzi.' Forsi l-Mulej jista' jgħid l-istess ħaġa fuqna!

**Hemm realtà fil-ħajja tagħna li tfixkilna ħafna, in-nuqqqas ta' maħfra. Kultant naħseb li ċ-ċokon tal-popolazzjoni f'Għawdex jintensifika n-nuqqasijiet bejn in-nies u l-maħfra issir aktar diffiċli. Din id-diffikultà isir aktar kumplessa meta dak li jkun jaħseb li għandu d-dritt ma jaħfirx u hekk il-weġgħat jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dan hu ta' tfixkil kbir fit-talb. Peress li aħna qalb waħda għandna, meta nwebbsuha kontra xi ħadd, inkunu webbisniha kontra kulħadd u anki kontra Alla.** Il-qalb tkun twebbset, ma tibqax kollha mimlija mħabba, parti minnha tkun mtebbgħa bil-mibegħda. Qalb waħda għandna, u mhux tnejn jew aktar. In-nuqqas ta' maħfra (mhux li tħossok hekk, iżda li ma tridx taħfer), jagħmilha impossibbli li nħobbu totalment, jew li nirċievu mħabba totali. Il-maħfra hi parti mit-talba ta' Ġesù (il-Missierna), u ma tistax ma tkunx parti mit-talb tagħna.

Dwar il-quddiesa tal-Ħadd. Għal bosta dan hu l-uniku kuntatt tagħhom ma' Alla. Ibda mur għall-quddiesa b'xewqa li tiltaqa' m'Alla. Jekk tmur b'mod passiv (ħa naraw x'ser jiġri llum, nisperaw li ma jdumx jipprietka, dak ser iqaddes, etc.) ma tiħux il-ġid li Alla jkun qed joffrilek. U għax għandek timxi bil-biża' (ma rridx nintilef, issa hekk drajt, ma rridhomx jgħidu fuqi) u mhux bi ftit imħabba? Meta nżuru lil xi ħadd importanti, ma mmorrux b'idejna




f'idejna, l-aktar jekk nafu li ser jagħmlilna xi pjaċir, għax kull qalb trid oħra, u kemm tipprepara ruħek sew u tagħmel sagrifiċċji. Alla li ħalqek, jagħtik il-ħajja, li jagħtik tama u maħfra, li għad jiġġudikak, ma jixraqlux xi rigal? Hu diġà tana rigal kbir, li huwa Ibnu Ġesù. Aħna dan ir-rigal naċċettawh kollu kemm hu. Immorru għall-quddiesa sabiex nilqgħu dan ir-rigal li jitlob minna rigal ieħor jiġifieri li nilqgħuh bil-qalb u mhux kif ġie ġie. U meta titqarben ftakar li lill-Mulej irċevejt, il-Mulej li jiġi għandek bis-serjetà u li jrid jiġi milqugħ bis-serjetà.

**Hemm teżor ieħor li hu s-sagrament tal-qrar, jew rikonċiljazzjoni. Huwa laqgħa mal-Mulej li jrid dejjem jirrikonċiljana miegħu, mal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja. Fih xi ħaġa aktar minn rendikont tad-dnubiet u assoluzzjoni (kemm niskorri!). hemm fejqan, parir, kuraġġ, xewqa ta' aktar fedeltà, xewqa ta' ħajja aktar dedikata fil-Knisja.** Fejn tidħol l-imħabba (bħal fiż-żwieġ), in-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' nuqqasijiet u n-nuqqas ta' maħfra, itaqqlu r-relazzjoni. Hekk ma' Alla.

**Is-sejħa għall-qdusija hija lil kull nisrani u mhux lil xi wħud biss. Mhux sewwa li taħseb li għal xi wħud triq speċjali, u għall-bqija triq ordinarja. L-istess triq għal kulħadd, li hi l-Mulej Ġesu', li qalilna lilna lkoll: "Kunu perfetti."** (Ara San Mattew, kap 5, vers 48) Il-Mulej irid isalva lil kull persuna, totalment. Permezz ta' din il-kitba xtaqt nuri li l-qdusija hi diġà parti minn hajjitna, ġa għandna t-teżor, imma rridu nieħdu ħsiebu, inkella jimtela bit-trab u anqas nibqgħu nagħtu kas tiegħu. It-teżor jinsab fil-qalb ta' kull nisrani, irċevejnih fil-magħmudija, hu l-Ispirtu s-Santu li jiffurmana f'Ġesù. Parabbola li tista' tgħinek hu ta' vażett mimli fwieħa fina, li qiegħed f'darek. Jekk iżżommu magħluq id-dar timtela bir-riħa tad-'dinja' mxerrda minn xi programmi tat-*television* u xi artikoli f'gazzetti, indifferenza u bruda. Jekk i-vażett tieħu ħsiebu u tiftħu jimlielek id-dar bir-riħa tfuħ tal-ħniena, tjubija, qdusija, fedeltà fiż-żwieġ u fil-familja, paċi, rispett, maħfra, rikonċiljazzoni, mogħdrija, bi Kristu Ġesù stess. U l-fwieħa li fih il-vażett ma tispiċċax, ma tiżvintax, anzi ssir dejjem aktar fina u qaddisa.

***Nota** Li kieku minn dan kollu ssuġġerit, taqbad ħaġa waħda biss bis-serjetà, tara l-Fidi tiegħek issir aktar interessanti għalik, u tibda relazzjoni sabiħa ma' Alla.*

*Ftit fatti u kummenti*

# *Id-Diskussjoni miftuħa dwar id-Divorzju f'pajjiżna*



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA

**Il-Membru Parlamentari Nazzjonalista Jeffrey Pullicino Orlando ħasad il-kulħadd fl-aqwa tas-sajf u fetaħ id-dibattitu fuq id-divorzju beraħ. Il-Prim Ministru, Dr Gonzi baqa' jinsisti li hu personalment kontra d-divorzju u l-kap ta' l-oppożizzjoni, Dr Muscat rega' stqarr li huwa personalment favur li tidħol il-liġi tad-divorzju u fil-fatt kien ġa ddikjara li jekk il-partit laburista jirbaħ l-elezzjoni li jmiss, huwa lest li jressaq dak li jissejjaħ *Private Member's Bill* fil-Parlament u li se jagħti vot ħieles lid-deputati laburisti biex jivvotaw skont il-kuxjenza tagħhom dwar dan is-suġġett. Fl-istess ħin il-Prim Ministru għamilha ċara li ma jaqbilx mal-mod kif qed jipprova jagħmel l-affarijiet id-deputat tiegħu u qal li d-divorzju ma kienx fuq il-programm elettorali li bih il-partit tiegħu kien elett, u għalhekk m'għandux ikun il-partit tiegħu li f'din il-leġiżlazzjoni jressaq liġi tad-divorzju fil-Parlament.**

### *Għandu jsir referendum?*

Għalhekk fid-diskussjoni li għaddejja bħalissa dwar id-divorzju sikwit tissemma' l-possibbiltà li jsir referendum dwar jekk il-poplu jridx li d-divorzju jidħol b'liġi f'pajjiżna jew le. Ħafna jirraġunaw li jekk il-maġġoranza ma tridx li tidħol il-liġi tad-divorzju allura l-liġi m'għandhiex tidħol. Min jirraġuna hekk jista' jwassal lil ħaddieħor biex jgħid li jekk il-maġġoranza tkun trid li d-divorzju jidħol fil-pajjiż, allura d-divorzju għandu jidħol.



Għall-kattoliku, f'dan il-qasam, m'hemmx maġġoranza jew minoranza. Il-kattoliku jirraġuna li m'għandux jidħol id-divorzu għaliex Kristu għallem li dak li Alla għaqqad flimkien ħadd m'għandu jifirdu. Dan huwa t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja Kattolika. Ħadd ma għandu jippretendi li l-mexxejja tal-Knisja ser ikunu xi darba favur id-divorzju. Il-problema hija li s-soċjetà tal-lum hija waħda pluralista. Hawn Malta mhux kulħadd għadu jipprattika r-reliġjon Kattolika u hawn ukoll diversi nies Ewropej u minn pajjiżi oħra li qed jitħalltu ma' Maltin.

Id-dritt għad-divorzju huwa **dritt ċivili individwali**, u liġi li ddaħħal id-divorzju, għalkemm jista' jkollha effetti negattivi fuq il-familja u s-soċjetà in ġenerali, xorta jibqa' dritt għal dawk li jixtiequ jagħmlu użu min din il-miżura ċivili fis-sitwazzjoni matrimonjali tagħhom. **Dan id-dritt ċivili ma jistax jiġi mċaħħad mil-liġi tal-pajjiż.** Għalhekk, anke jekk isir referendum u l-maġġoranza tkun trid li d-divorzju ma jidħolx, dawk il-persuni li jħossu li għandhom bżonn u jridu l-liġi tad-divorzju, qed ikunu iddiskriminati mill-maġġoranza. Għalhekk hawn min jisħaq li l-użu tar-referendum mhux demokratiku! Min-naħa l-oħra hawn min jargumenta li f'pajjiż fejn il-maġġoranza hija kattolika ma nistgħux nifirdu l-aspett reliġjuż minn dak ċivili. Skont dan l-argument, dawn huma dipendenti u marbutin ma' xulxin, tant li **f'pajjiż kattoliku fejn ir-reliġjon hija speċifikata fil-Kostituzzjoni tal-pajjiż, m'għandha ssir ebda liġi li tmur kontra l-valuri reliġjużi tal-maġġoranza tal-poplu.** Dan l-aspett kemm-il darba ġie sostnut mill-Maġisteru tal-Knisja. Għalhekk jista' jkun li l-vot kontra d-divorzju jkun ibbażat prinċipalment fuq l-aspett morali u dak li jkun jivvota kontra għax jibża' li jkun ser jagħmel dnub jekk jivvota favur. Min-naħa l-oħra l-maġġoranza ta' dawk kontra d-divorzju f'pajjiżna qegħda tiċkien matul il-medda taż-żmien. Allura meta l-maġġoranza tkun trid id-divorzju, id-divorzju se jsir tajjeb? Ovvjament le, imma l-proċess demokratiku hekk jitlob.

**Illum iċ-ċittadini jridu jifhmu li l-liġijiet tal-istat mhumiex l-istess bħal tal-Knisja. U mhux il-liġijiet tal-istat huma kollha tajbin!** Permezz tal-liġi ta' l-abort qed jinqatlu miljuni ta' trabi innoċenti f'ġuf ommhom, dan wara li l-abort sar dritt tal-mara. Dawn il-kreaturi innoċenti għandhom id-dritt li jiġu konċepiti, imma m'għandhomx id-dritt li jitwieldu. Minkejja dan, wieħed ma jridx iħallat l-abort, li huwa qtil, mad-divorzju. Jiena nsostni li fid-

dibattitu dwar id-divorzju ma għandniex indaħħlu l-abort. L-effetti negattivi ta' separazzjoni fiż-żwieġ huma l-istess daqs dawk tad- divorzju. Fl-istess ħin, **ara kemm il-liġijiet tal-pajjiż jistgħu jkunu ħżiena minkejja li huma legali! Għalhekk kull nisrani jrid jimxi skont dak li jemmen hu personali u jekk huwa kontra d-divorzju ma għandux jagħmel użu minn din il-liġi u għandu jsegwi dak biss li tgħidlu l-liġi tal-Knisja.** Dejjem inħobb nikkwota l-kliem mir-rumanz famuż "*Gone with the wind*", li jgħid: "*What people do and what is right are different things*" (Dak li jagħmlu n-nies u dak li hu tajjeb huma żewġ affarijiet differenti).

Ir-relazzjoni bejn persuna u oħra hija xi ħaġa li ma tiddependix mit-tip ta' liġijiet li jkun hemm imma minn fatturi inter-personali tal-persuni infushom. Dawn huma l-karattru individwali, ir-rispett lejn xulxin u ċ-ċirkostanzi tal-ħajja. Għalhekk **ma għandux ikollna l-liġi tad-divorzju għax in-numru ta' separazzjonijiet qed jiżdiedu kif jippriedkaw xi uħud. Għax allura qed inqisu d-divorzju bħala l-uniku soluzzjoni għall-problemi taż-żwieġ. Jien nirraġuna li s-soluzzjoni għandha tkun l-ewwelnett ħidma pożittiva biex iż-żwieġ jirnexxi.** Jekk xorta jinqalgħu l-intoppi u ż-żwieġ ma jkunx jista' jkun salvat wieħed għandu jimxi skont kif l-aħjar għalih personali bi ftehim mal-parti l-oħra. Hawn min jgħid li jekk jidħol id-divorzju jkun hawn mentalità divorzistà. Dan mhux bilfors hekk. Billi jkun hawn l-għażla ta' separazzjoni jew divorzju mhux se jitkissru iktar żwiġijiet li tassew irnexxew. L-għażla qiegħda bejn tagħżel li tissepara u tibqa' ma tiżżewwiġx skont il-liġi tal-Knisja jew li tiddivorzja bil-liġi ċivili u tkun tista' terġa' tiżżewweġ. **Kattoliċi li ma jridux jagħmlu użu minn din il-liġi huma liberi li jisseparaw biss u ma jerġgħux jiżżewġu.** Il-punt huwa li l-ebda ċittadin ma għandu jkollu d-drittijiet ċivili tiegħu mċaħħdin u jekk koppja sfortunatament tasal għall-aħħar pass tad-divorzju, **jrid ikun hemm ċerti kundizzjonijiet stretti marbuta ma' dan id-dritt speċjalment fejn jidħlu l-interessi tat-tfal.**

### *L-impatt tad-divorzju*

Fl-istess ħin tajjeb li wieħed jirrifletti ftit fuq xi konsegwenzi soċjali tad-divorzju u anke tas-separazzjoni. **L-ikbar effetti negattivi kemm tad-divorzju u kemm tas- separazzjoni ser iħossuhom it-tfal.** Saru ħafna studji dwar dan. Kien hemm saħanitra studji li urew li għat-tfal kien ikun aħjar li jisseparaw jew jiddivorzjaw milli jkomplu jiġġieldu ma' xulxin quddiem it-tfal li huma vittmi ta' effetti psikoloġiċi li jistgħu jħallu trawmi matul il-ħajja kollha tagħhom. Min-naħa l-oħra l-firda tal-ġenituri tagħmel ħsara psikoloġika fuq it-tfal. Dan l-aspett kien ippreżentat b'mod popolari fil-film ta' Dustin Hoffman, "*Kramer vs Kramer*". L-ispiża soċjali wkoll tikber. Kemm is-separazzjonijiet, kemm iktar 'il quddiem id-divorzju, jqumu lill-istat miljuni ta' flus f'servizzi u għajnuna soċjali. **Filwaqt li s-separazzjonijiet iżidu piżijiet kbar fuq in-nefqa soċjali, ta' min jistaqsi kemm hi n-nefqa soċjali tal-Gvern Malti għall-prevenzjoni? Għandna programmi biżżejjed ta' prevenzjoni?** It-tfal



qed ngħallmuhom il-ħiliet tal-ħajja jew qed ngħabbuhom bl-eżamijiet sa minn meta jkunu żgħar? Ara taħsbu li l-problemi matrimonjali jibdew wara ż-żwieġ!

### *M'hemmx bżonn ta' kruċjati*

Għalhekk naħseb li kulhadd jaqbel li m'għandniex nibdew kruċjati. **Għandu jkun hawn diskussjoni serja fil-pajjiż u għandha tirbaħ ir-raġuni mhux l-emozzjoni jew il-fundamentaliżmu. Kuq kollox nistennew li l-membri parlamentari fuq iż-żewġ naħat tal-kamra juru kif jaħsbuha huma personali u jagħmlu l-argumenti tagħhom validi.**

Jekk il-kwistjoni tad-divorzju tinqata' permezz ta' referendum dan ifisser li l-partiti ewlenin ikunu qed jibżgħu mill-ixju tad-divorzju. Dan iktar japplika għall-Partit Nazzjonalista għax jekk il-kap ġa stqarr li huwa kontra, ma jistax imexxi partit li jħalli liġi għad-dħul tad-divorzju tgħaddi. Min-naħa l-oħra, għalkemm hemm diversi membri fil-Partit Laburista li huma kontra d-divorzju, il-kap huwa favur. Allura għall- Partit Laburista huwa iktar possibbli li jipproponi d-divorzju fil-manifest elettorali li jmiss.

**Għalhekk jista' jinħoloq xenarju fejn il-mozzjoni tal-Onorevoli Pullicino Orlando titressaq fil-Parlament u ma t'għaddix. Jew inkella naslu għal referendum u dan ukoll ma jgħaddix. Fl-aħħarnett mbagħad jista' jibqa' l-possibbiltà ta' ċans ieħor waqt elezzjoni oħra fejn xi partit ewlieni jiddikjara li jrid li jdaħħal id-divorzju. Min ser ikun dan il-partit? Bla dubju ta' xejn jekk naslu f'dan ix-xenarju, l-ixju tad-divorzju tkun l-ixju prinċipali tal-elezzjoni li jmiss.**

*mariosaliba@gmail.com*

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

Passatempi tal-Għawdxin (1)

# Ir-Re tal-Passatempi - Il-Passatemp tar-Rejiet



kitba ta' ANTON SAID

**Il-passatemp tal-filatelija fl-imgħoddi kien meqjus bħala r-re tal-passatempi kollha, kif ukoll bħala l-passatemp tar-renjanti. Fil-fatt sal-lum stess ir-Reġina Eliżabetta II għandha l-aqwa kollezzjoni ta' bolli tad-dinja.**

Dan il-passatemp tista' tgħid li beda mal-ħruġ ta' l-ewwel bolla fl-1840 fl-Ingilterra, meta Sir Roland Hill introduċa l-ewwel bolla postali. Din kienet tirrappreżenta r-Reġina 'Victoria' u kienet intlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku, bejn għax li kienet xi ħaġa ta' arti fiċ-ċokon u bejn għax din ġabet fi tmiemha s-sistema skandaluża tar-rati għoljin tal-pustaġġ f'dak iż-żmien.

Din l-ewwel bolla tant intlaqgħet tajjeb li ħafna nies bdew jiġbruhom sempliċiment biex jiddekoraw bihom. Insibu li n-nisa kienu jiddekoraw l-imriewaħ tagħhom bil-*Penny Black* li kienet l-ewwel bolla; u oħrajn kienu jużawhom bħala dekorazzjonijiet saħansitra mal-ħitan tal-kmamar prominenti fid-djar tagħhom.

Madankollu, il-propja passatemp tal-ġbir tal-bolli beda minħabba l-fatt li n-nies indunaw li fit-tarf t'isfel ta' kull bolla kien hemm ittra kapitali żgħira stampata u din kienet differenti f'kull bolla. Għalhekk in-nies bdew iġemmgħuhom biex jew jgħaqqdu kollezzjoni ta' bolli bl-ittri kollha, jew biex jgħaqqdu, ngħidu aħna, mitt bolla bl-istess ittra. Maż-żmien dawn bdew jiġu mqiegħda f'kotba, dawk li llum nafuhom bħala "albums".

Wara xi żmien, it-*Two Penny Blue*, bl-istess stampa tar-Reġina 'Victoria' ħadet post il-*Penny Black*, u għaldaqstant issa l-iskop li wieħed jiġbor il-bolli kiber, għaliex kienet żdiedet varjetà oħra. Imbagħad ġara li pajjiżi oħra, fosthom dawk li kienu kolonji Ingliżi, bdew jimxu fuq l-eżempju tal-Ingilterra u bdew joħorġu huma wkoll bolli għas-servizz postali tagħhom.




Hekk ġara f'Malta meta fl-1860 ħarġet il-famuża *Half Penny Yellow*. Din kienet ftit iżgħar mill-*Penny Black* tal-Ingilterra, iżda bl-istess xbiha ta' wiċċ ir-Reġina Victoria. Kif kien mistenni, il-bolli f'dawk il-pajjiżi li kienu kolonji tal-Imperu Ingliż ġew stampati identiċi ma' dawk tal-Ingilterra.

Maż-żmien is-servizz tal-posta nfirex mal-pajjiżi kollha u allura dan ġab miegħu l-istampar ta' eluf kbar ta' bolli mad-dinja kollha. Minħabba dan il-fatt, illum m'għadux possibbli għall-filatelisti li jġemmgħu l-bolli kollha li jiġu stampati. Il-filatelisti llum jikkonċentaw fuq il-bolli ta' pajjiż wieħed jew tnejn – l-iżjed tlieta, għaliex is-sabiħ, jew aħjar il-preġju fi kwalunkwe kollezzjoni hu, li jkollok xi ħaġa kompluta jew kważi.

**L-għaqda tagħna il-*Gozo Philatelic Society* tħajjar lil dawk li jixtiequ jaqbdu dan il-passatemp biex jissieħbu magħna. Fiha jsibu min jagħtihom pariri x'għandhom jagħmlu għaliex b'hekk jiffrankaw ħafna ħela ta' flus, ħin u enerġija u għaldaqstant jieħdu aktar sodisfazzjon fil-*hobby* tagħhom.**

Ħalli nagħti eżempju : il-parir tagħna lil dawk li jitħajru jibdew dan il-passatemp hu li qabel xejn jagħżlu pajjiż bħal Malta. Imbagħad jaqsmu l-kollezzjoni tagħhom f'perijodi mill-Istorja. Ngħidu aħna, wieħed jista' jibda jiġbor il-bolli mill-bidu tal-millenju l-ġdid – mis-sena 2000 'l hawn; jew minn meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea (2004). Imbagħad ikompli billi jiġbor il-bolli li ħarġu mill-Jum il-Ħelsien (1979) jew mill-Jum tar-Repubblika (1974) sal-lum. Wara jista' jżid dawk li ħarġu mill-Indipendenza (1964). B'hekk, meta wieħed jirnexxilu jgħaqqad il-bolli ta' perijodu partikolari, jagħmel kuraġġ biex jaqbad u jkompli l-perijodu li jkun imiss. Hemm, imbagħad, il-bolli ta' meta Malta kienet kolonja. Dawn il-bolli għalkemm jiswew xi ftit mhux ħażin, għadek dejjem issib takkwistahom. Dan il-metodu ta' ġbir fih il-vantaġġ li jekk wieħed jieqaf għal xi żmien milli jkompli l-passatemp, ikun għallinqas ġabar parti sewwa mill-kollezzjoni kompluta biex meta jixtieq ikun jista' jerġa jkompli assidwament.

**Imbagħad għaż-żgħar għandna parir ieħor interessanti. Jistgħu minflok "pajjiż" jiġbru l-bolli fuq xi suġġett; bħal, per eżempju, bolli tal-għasafar, ta' nies prominenti, jew bolli li għandhom x'jaqsmu man-natura... Kollezzjoni b'dan il-mod tissejjaħ *thematic collection*, u tista' tqajjem interess kbir u tkun sors ta' tagħrif bla tarf.**

## L-Imħallef Paul Coleridge jitkellem dwar is-sitwazzjoni fl-Ingilterra

# IT-TKISSIR TAŻ-ŻWIEĠ U TA

**L-Imħallef Paul Coleridge ilu aktar minn 40 sena jħabbat wiċċu mal-problemi tal-familji kemm bħala avukat u issa bħala Imħallef tal-Qorti tal-Familja, f'Londra. Ser inġibu siltiet qosra minn tliet diskorsi li hu għamel dwar dan is-suġġett:**

***Siltiet mid-diskors li għamel nhar il-5 ta' April 2009 fil-laqgħa ġenerali ta' "Resolution" – grupp ta' 5000 avukat :***

It-tkissir tal-familja f'pajjiżna (l-Ingilterra) laħaq skala mifruxa li ħadd ma kien jimmaġinaha 10 snin ilu...

**Is-sitwazzjoni preżenti laħqet livell ta' EPIDEMIJA...**

Fil-Qrati tal-Familja, illum ikunu involuti numru kbir ta' familji u fuq kollox ta' tfal – "karnival kontinwu" ta' miżerja umana; xmara li ma taqtax ta' tbatija umana.

### *Daqs il-Global Warming*

Fl-għoxrin sena li ġejjin, l-effetti tat-tkissir tal-familji fuq il-ħajja tan-nazzjon u tan-nies komuni ser ikunu kbar u qerrieda daqs l-effetti tal-*global warming.*

**Il-familja qed iddub b'mod katastrofiku, daqs is-silġ li qed jinħall bil-kbir.**

### *Daqs it-terroriżmu u l-kriminalità*

It-tkissir tal-familja hu THEDDIDA għas-soċjetà
- daqs it-terroriżmu
- daqs il-kriminalità fit-toroq
- daqs id-droga.

**Theddida aktar qerrieda minn kull falliment ekonomiku kkawżat minn diżastru fis-swieq internazzjonali.**



***Siltiet mid-diskors li għamel nhar is-17 ta' Ġunju 2009, lill-Family Holiday Association:***

### *Epidemija*

Fiċ-ċentru ta' Londra hemm madwar 100 Qorti tal-Familja li kuljum qed jittrattaw it-tkissir tal-familji.

Issa mmultiplika dan in-numru mal-Ingilterra kollha u tibda tifhem kemm hi kbira l-epidemija li hawn.

### *Materja privata... jew pubblika?*

Hawn min joħroġlok b'waħda u jgħidlek : "X'nagħmel bil-ħajja privata tiegħi? Dik affari tiegħi; dik ħaġa privata!"

*Veru dan?*

Nisimgħu l-Imħallef kif jaħsibha :

"Qegħdin nassumu li kif immexxu l-ħajja privata tagħna f'relazzjoni mat-tnissil u t-trobbija tal-ulied, jew it-tmiem ta' relazzjoni bħala ġenituri, hija materja privata li taffettwa biss lill-adulti konċernati."

**"Le, din MHIX materja PRIVATA. Hija materja PUBBLIKA li tikkonċerna u tinteressa realment il-qasam pubbliku."**

"L-effetti tagħha huma bħal mewġ li jikkonċernaw
- il-familja wiesgħa tal-individwu
- il-komunità lokali
- u lill-pajjiż kollu kemm hu."

### *Iż-żwieġ : mudell tad-deheb*

Irridu nerġgħu nirrijaffermaw iż-Żwieġ bħala l-Mudell tad-Deheb – ukoll jekk mhux perfett.

L-istatistika tipprova li
- iż-żwieġ hu l-forma li żżomm l-aktar fit-tul
- it-tfal taż-żwieġ jirnexxu l-aktar.

### *Iż-żwieġ BISS jista' jsewwi lill-Ingilterra mkissra.*

Iż-żwieġ għandu jiġi promoss biex tieqaf l-anarkija soċjali tat-tkissir tal-familji.

***Siltiet mid-diskors li għamel hawn Malta fil-15 ta' Mejju 2010 bħala mistieden tal-Moviment "PROĠETTIMPENN" fi ħdan il-Moviment ta' Kana:***

### *Ruxxmata każijiet ta' divorzji*

- Illum, barra mill-każijiet ta' kriminalità, l-aktar każijiet li jiddominaw fil-qrati huma dawk ta' firdiet fil-familji.
  Illum, minn tarf għall-ieħor tal-Ingilterra, jum wara jum, **eluf ta' familji jinsabu fil-kju f'mijiet ta' qrati, quddiem mijiet ta' imħallfin, jitolbu**

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# IL-FAMILJA SAR EPIDEMIJA

**Mail Online**

## Only marriage can mend broken Britain, says top judge in attack on 'pass the partner' society

**MR JUSTICE COLERIDGE'S VERDICT**

**"Reaffirmation of marriage as the gold standard would be a start. It has proved to be the most enduring and the children of such relationships perform best. That is simple provable fact... however unpalatable to its detractors.**



■ (The BBC) the biggest and most highly regarded, publicly funded opinion former in the land regards these vitally important issues as 'too dark'. Yes, indeed it is dark, very dark, and sometimes disturbing, but we shall not throw any light on it if we refuse to acknowledge it and discuss it in a broad and sensible way.

■ Support for marriage makes pragmatic common sense because it is demonstrably in the public interest and ultimately saves money - like eating healthily.

**■ I'm drawing attention to the endless game of 'pass the partner', in which such a significant portion of the population is engaged... the endless and futile quest for a perfect relationship.**

**■ I am not suggesting that relationship breakdown can be avoided in all cases. Genuinely intolerable relationships have to be ended with as much dignity as the system can manage."**

**l-għajnuna biex isolvu l-konflitti tal-familji.**

Il-qrati kollha huma mgħobbijin b'każijiet bħal dawn. **Eluf u eluf ta' tfal huma mdaħħlin f'dawn il-każijiet.**

- 40% taż-żwiġijiet jispiċċaw b'divorzju. Il-biċċa l-kbira minnhom jitkissru fl-ewwel għaxar snin.

***Il-mard soċjali kollu ġej mill-kollass tal-familja***

Trid tara mnejn hu ġej il-mard soċjali kollu?

Ħaġa hija żgura. **Kważi l-mard soċjali kollu ġej direttament mill-kollass tal-ħajja tal-familja.**

**Agħmel analiżi tat-tfal li jidhru quddiem il-qrati u tiskopri li dawn ġejjin minn familji mfarrkin.**

Agħmel analiżi, per eżempju tad-*drug addicts*, jew *binge-drinkers*, jew dawk li jaħarbu jew dawk li jġibu ruħhom ħażin fl-iskola.

X'issib?

Issib li ġejjin minn familji mkissrin.

Miniex ngħid li kull familja mkissra tipproduċi tfal bi problemi. **Iżda qed ngħid li kull tifel problematiku huwa prodott ta' familja mfarrka jew fi kriżi.**

***Kemm jiswa lill-Kaxxa tal-Gvern?***

Ilkoll ikollna nħallsu l-ispiża tad-divorzju minn butna.

- Skont l-istima tal-aġenzija rispettabbli, *Center for Social Justice*, l-ispiża tat-tkissir tal-familji tammonta għal **24 biljun lira sterlina.**
- Imbagħad skont l-aħħar riċerka magħmula minn *The Jubilee Center*, li hi organizzazzjoni Kristjana, l-ispiża tqarreb is-somma ta' **42 biljun lira sterlina.**

Iż-żewġ figuri huma enormi u ma nlaħħqux magħhom.

***L-agħar li jmorru t-tfal***

**L-ulied tal-familji mkissrin huma**

- **"damaged" – imfarrkin**
- **"miserable" – imdejqin**
- **"disturbed" – mentalment imħawdin**

**DAN NGĦIDULU "PROGRESS"?!**

Solidarjetà Nisranija (12)



# L-Opri tal-Ħniena Spiritwali (3)



kitba ta'
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

*5. AĦFER IL-ĦTIJIET*

**Ma jistax jonqos li xi drabi f'ħajjitna, nirċievu xi offiżi mill-proxxmu tagħna, għad li mhux dejjem min jonqosna jkun qiegħed jagħraf biżżejjed in-niket li jkun qed joħolqilna. Din l-offiża xi drabi ssir b'xi kliem li jingħad lilna, b'xi nuqqas ta' rispett lejna, kif ukoll b'xi ħsara li ssir lill-propjetà tagħna jew lill-isem tajjeb li ngawdu.**

Il-pagani kienu jipprovaw ipattu minnufih l-offiża li ssirilhom, billi jieħdu azzjoni kontra min joffendihom. Anki l-Lhud, meta kienu jivvjaġġjaw fid-deżert, kienu jimxu fuq dik li tissejjaħ "il-liġi tat-taljun" jiġifieri jieħdu l-liġi b'idejhom u jagħmlu l-vendetta huma stess. Iżda mhux bi ħsara li tkun ikbar min dik li rċievew; "għajn b'għajn, sinna għal sinna."

Il-liġi ta' l-insara hija għal kollox differenti għaliex Kristu għallimna naħfru lil min joffendina u npattu bil-ġid lil min jagħmlilna d-deni. Kristu qalilna sabiex inkunu nixbħu lil Missierna tas-Sema li jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min m'huwiex. **Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan?** U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed?" (Mt. 5,45-47) kif ukoll "Tiġġudikawx u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx u ma tkunux ikkundannati, aħfru u ssibu l-maħfra"(Lq 6,37).



Fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* naqraw (n. 2764) li "id-diskors tal-muntanja hu tagħlim għall-ħajja; it-Talba tal-Mulej hi talba; iżda kemm fid-Diskors u kemm fit-Talba hu l-Ispirtu tal-Mulej li jagħti sura ġdida lix-xewqat tagħna, dak it-tqanqil minn ġewwa li jaħji 'l ħajjitna. Ġesù jgħallimna din il-ħajja ġdida bi kliemu u jgħallimna nitolbuha permezz tat-talb. Il-ħajja tagħna f'Alla tiddependi minn kemm ikun tajjeb it-talb tagħna." Fit-talba tal-Missierna, Kristu għallimna nitolbu l-maħfra ta' dnubietna, iżda biex jinħafrulna ħtijietna jeħtieġ li nkunu lesti naħfru aħna wkoll.

**Il-maħfra lil dawk li għamlulna xi deni, hija wieħed mill-impenji l-iktar diffiċli li jrid minna l-Mulej Ġesù.** Beda biex tana eżempju huwa nnifsu għaliex minn fuq is-salib ħafer lil dawk li kienu jaħqruh u talab għalihom lill-Missier tas-sema; "Aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Bħal insara, għandna wkoll dan l-obbligu tal-maħfra tal-egħdewwa. **"Smajtu li ntqal 'ħobb lil għajrek u obgħod il-għadu tiegħek;' imma jiena ngħidilkom; ħobbu l-egħdewwa tagħkom; itolbu għal dawk li jagħmlu għalikom"** (Mt 5,43).

Ġesù għallimna li aħna familja waħda u li l-Missier tagħna huwa Alla li qiegħed fil-għoli tas-smewwiet. Bħala membri fil-familja ta' wlied Alla, fil-magħmudija nieħdu ħajja ġdida, l-ħajja tal-grazzja, li fiha ngawdu l-libertà ta wlied Alla, Kristu mponielna d-dmir tal-maħfra bħala sinjal ta' din in-novità nisranija, sinjal li aħna ġġeddidna fir-ruħ tagħna u ma għadniex iktar ilsiera tad-dnub, 'għaliex intom ulied il-Missier' (Mt. 5,43).

**In-nisrani għandu mhux biss jaħfer, iżda wkoll jipprova jinsa l-offiżi li jkun irċieva minn għand il-proxxmu. Xi**

**drabi l-insara isibuha wisq diffiċli li jaħfru lil min għamlilhom id-deni, iżda bil-għajnuna tal-grazzja t'Alla, jaslu wkoll biex jaħfru minn qalbhom l-offiżi u bil-mod tfiq ukoll l-ferita li l-offiża tkun fetħet f'qalbhom.** Għalhekk jiswa ħafna li fost il-grazzji li nitolbu lil Alla, nitolbuh ukoll l-umiltà u l-qawwa biex naħfru lill-għedewwa tagħna, ma neskluduhomx minn imħabbitna u nkunu lesti li nagħmlulhom il-ġid.

*6. ĦU SABAR B'MIN IDEJJAQLEK QALBEK*

F'ħajjitna aħna niltaqgħu ta' spiss ma' persuni li jdejqquna, minħabba kliemhom jew l-imġiba tagħhom. Jiġri li xi drabi, l-anqas biss jintebħu li qegħdin idejqquna u dak li jagħmlu ma jagħmluhx apposta iżda aktarx għaliex hekk ikun il-karattru tagħhom. Dawn jistgħu jkunu t-tfal, bl-għajjat u bl-istorbju li jagħmlu, jistgħu jkunu anzjani jew nies malinkoniċi li dejjem jirrakkontaw l-hemm tagħhom, jistgħu jkunu persuni li jħobbu jikkmandaw jew jindaħlulna żżejjed. **Fi ftit kliem huma dawk kollha li jmorru kontra l-gosti u l-għażliet tagħna u li minħabba fihom inħossu li qegħdin nitilfu jew innaqqsu t-trankwillità tagħna.**

Iżda propju biex insalvaw il-paċi, u r-relazzjonijiet tajba ma' kulħadd, jeħtieġ li nidraw li bi spirtu nisrani **nissaportu l-persuni molesti, ċioè dawk li jdejqulna qalbna. Ikollna mertu kbir jekk nagħrfu nikkontrollaw l-istint tagħna u nieħdu paċenzja bihom.**

Jeħtieġ imbagħad, li aħna nipperswadu ruħna, li dawn il-persuni, li forsi xi drabi jdejqquna, għandhom it-tajjeb tagħhom u mhux kollox negattiv fi kliemhom, u fl-imġiba tagħhom. Il-kuntatt tagħna magħhom jista' jkun ta' għajnuna għalina, biex nintebħu bid-difetti tagħna, u nagħrfu x'hemm fina li jista' jdejjaq lill-oħrajn, bħal ma huwa s-sens ta' superjorità jew indħil żejjed. Fl-aħħarnett, **xi drabi ċerti nies ikollhom ir-raġun kollu li jikkritikawna u jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fuqna, osservazzjonijiet li jistgħu jkunu ġusti ħafna, għad li lilna ma jinżlulniex.**

Meta nsibu ruħna f'sitwazzjoni bħal din għandna okkażjoni oħra li nitħarrġu fil-virtù evanġelika tas-sabar. Kristu jgħallimna din il-virtù matul ħajtu kollha, iżda speċjalment fil-mumenti tal-passjoni tiegħu. Il-persuni li jafu jieħdu paċenzja, għandhom ukoll il-ħlewwa u jafu kif għandhom imorru ma' ħuthom il-bnedmin. Is-sabar fejn ikun jinsab ikattar il-għaqal, jimmatura lill-bniedem u jinnobbiltà u jżejjen il-qalb.

*7. ITLOB 'L ALLA GĦALL-ĦAJJIN U GĦALL-MEJTIN*

Hija ħaġa tajba u xierqa li ta' spiss nitolbu lil Alla, għalina nfusna u għall-oħrajn. Barra mit-talb ta' adorazzjoni u ta' radd il-ħajr hemm ukoll it-talb tal-interċessjoni, meta aħna niftakru fl-oħrajn u nitolbu għalihom.

Meta nagħmlu dan, aħna nkunu qegħdin nagħmlu wkoll att ta' fidi fil-kelma ta' Kristu li qalilna li min jitlob jaqla'. L-interċessjoni hija wkoll att ta' karità lejn l-oħrajn; difatti nitolbu għalihom għaliex inħobbuhom u tiġina ħniena minnhom. **L-interċessjoni hija għemil li nistgħu nagħmluh bla tbatija, f'kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl u f'kull post. Ħafna drabi, l-interċessjoni hija l-uniku mod li bih nistgħu nkunu ta' għajnuna lill-proxxmu tagħna**, fil-ħtiġijiet tiegħu, għaliex ma jkunx possibbli għalina, li ngħinuh b'ebda mod ieħor.

Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.2635) jgħallimmna li "L-interċessjoni, jiġifieri t-talba favur xi ħadd, sa minn żmien Abraham, hi talba ta' wieħed li jinsab f'armonija sħiħa mal-ħniena ta' Alla. Fi żmien il-Knisja, l-interċessjoni nisranija tissieħeb fl-interċessjoni ta' Kristu: turi x-xirka tal-qaddisin. **Fl-interċessjoni, min jitlob, jitlob mhux "dak li jaqbillu, imma dak li jaqbel lil ħaddieħor" (Fil 2,4) u jasal biex jitlob ukoll għal min jagħmillu d-deni."**

Meta nitolbu għall-oħrajn, għandna nibdew minn dawk li huma l-iktar qrib lejna, ċioè l-membri tal-familja tagħna. Hemm imbagħad lista sħiħa ta' nies li għandna niftakru fihom fit-talb tagħna. Bħala kattoliċi huwa dmirna li nitolbu għall-Papa, għall-isqfijiet u għas-saċerdoti. Hemm ukoll obbligu ta' rikonoxxenza li nitolbu għall-benefatturi tagħna. Ma ninsewx il-morda u dawk li huma tribulati b'xi salib ieħor. Kif issuġġeritilna ħafna drabi l-Madonna, fid-dehriet tagħha, huwa dmirna wkoll li nitolbu għall-midinbin.

X'għandna nitolbu għall-oħrajn, meta nagħmlu talb ta' interċessjoni? Għandna nitolbu l-istess grazzji u għajnuniet li nitolbu lilna nfusna, għax aħna fid-dmir li nħobbu lill-oħrajn kif inħobbu lilna nfusna u li nixtiequlhom l-istess ġid li nixtiequ lilna. Iżda qabel xejn u fuq kollox għandna nressqu quddiem Alla għalihom, talb biex jaqilgħu grazzji spiritwali, bħalma hija l-perseveranza finali u l-premju tal-ġenna. Iżda nistgħu nitolbu wkoll għajnuniet meħtiġin għall-ħajja f'din id-dinja, dejjem iżda bil-kundizzjoni li dawn ma jkunux ta' ħsara għar-ruħ.

*(jissokta)*

Alex Saliba

*I.T Sales and Services*

65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Tletin Parti)*

## *IL-PRESES TAL-MADUM (3)*

***Il-Madum tal-Mużajk***

Għall-madum tal-mużajk jenħtieġu forom ta' l-istess qisien bħal tal-madum l-ieħor: tal-pied, għaxar pulzieri u tmien pulzieri.

Tintrama l-plakka u fuqha titqiegħed biċċa karta tas-siment li kienet tkun maqtugħa apposta ta' l-istess qies tal-plakka. Jitlibbes il-kwadrant biex imbagħad jinxteħet il-materjal bil-kulur li kien ikun jikkonsisti f'siment ikkulurit, ramel tar-rħam u żrar. Jintgħaġen ġewwa l-mastella l-materjal u mbagħad permezz ta' sassla li kienet tkun *gauge* jew kejl għall-forma, jiġifieri tesa' eżatt kemm tieħu materjal il-forma, jinxteħet fil-forma.

Wara li titlesta t-taħlita ta' ramel ta' l-irħam, siment ikkulurit u żrar magħġuna flimkien, imbagħad il-forma jingħatalha t-**tfarfir**, il-materjal jew **melanġ** u jitqiegħed il-għatu biex tidħol taħt il-pressa.

Wara li l-forma toħroġ mill-pressa, jiżżarma l-ewwel il-kwadrant, imbagħad il-għatu, tinqala' l-karta tas-siment u l-maduma titneħħa bis-sengħa u titqiegħed ġo kaxxi apposta tal-ħadid.


*Madum tal-Bankini modern*

'Il għada fil-għodu dawn il-kaxxi bil-madum b'kollox jinġarru għal ġo ġiebja mimlija bl-ilma fejn il-madum kollu jdum ġurnata jixxarrab. 'Il-għada, wara li jixxarrab, il-madum jittella' fejn igħaddi għall-proċess tal-għorik.

Għal dan ix-xogħol kien ikun hemm magna apposta. Din kienet tkun rota kbira tal-ħadid b'wiċċ tal-ħadid. Fuqha jitqiegħdu tmien **ġurelli**. **Ġurella** kienet tkun sura kwadrata li ġo fiha tidħol il-maduma li titqiegħed wiċċha 'l isfel fuq din ir-rota. Fuq ġenb ta' din ir-rota l-kbira kien ikun hemm delu u vit ta' l-ilma. Il-vit ta' l-ilma kien iqattar għal fuq ir-rota, filwaqt li minn ġod-delu, li kien ikun imwaqqaf fuq ir-riħ tar-rota, jinżel **ramel fin tal-għorik** għal fuq ir-rota. B'hekk dak jogħrok il-mużajk u hekk jitfaċċa ż-żrar ġo wiċċ il-maduma.

Ir-**ramel tal-għorik** kien jiġi apposta mill-Italja għal dan ix-xogħol u jgħidulu 'ramel tal-għorik'.

Naturalment, dan kien il-metodu l-aktar antik. Illum isir kollox bil-magni moderni. Għall-mużajk illum hawn magni moderni li jixtħulhom it-taħlita tal-materjal u l-maduma toħroġ lesta.

***Il-Marmettone***

Il-qisien tal-forom li bihom kien isir il-madum tal-marmettone kienu dawn: **żewġ piedi**, **pied u nofs** u **pied**.

Il-madum tal-marmettone taż-żewġ piedi u tal-pied u nofs ma kienx isir bil-pressa.

Dan kien isir billi fuq mejda kbira li kien ikollha l-wiċċ wati u miksi bis-siment, imsejħa wkoll tavlar, kienu jintramaw forom tal-ħadid, listi msammrin, tal-pied u nofs jew taż-żewġ piedi.

***Kif isir il-marmettone***

Kien jiġi mill-Italja rħam oħxon oħxon xi nofs pulzier ta' diversi kuluri: **isfar, griż, iswed u abjad, perlato u labaccio.**



Madum tad-Disinn bil-Kulur



Madum tad-Disinn bil-Kulur

Dawn il-biċċiet, li fil-fatt ikunu skarti, jitqiegħdu bis-sengħa ġol-forma, filwaqt li jitħalla vojt bejn biċċa u oħra.

Jintgħaġen is-siment skont il-kulur li trid u jinxteħet ġol-fili bejn l-irħam ġol-forma. Dan kienu jħalluh nofs ta' nhar jixxotta, imbagħad kienu jkomplu jimlew il-forma b'siment iswed u ramel li kienu jixtħuh fuq dak tal-kulur biex jiġi l-qiegħ tal-maduma. Wara jumejn jinqala' minn fuq it-**tavlar** u jgħaddi għall-proċess tal-**għorik**. Dan kien jintgħorok taħt magna li kien ikollha **moli** differenti. Ir-rota tal-għorik kienet tissejjaħ **mola**.

### *Għaliex ix-Xogħol tal-Madum kważi spiċċa*

Illum ħafna mix-xogħol tal-madum m'għadux isir bħalma dari u l-madum jiġi lest minn barra, aktarx taċ-ċeramika, għax ta' barra jiġi irħas. Jekk il-madum isir Għawdex bħal qabel jiġi jiswa erba' darbiet daqs ta' barra. Minħabba f'hekk m'għadux jinħadem hawn. Għalhekk, dan il-madum antik sar rarità u ħaġa preġjuża. Dnub li hawn min ikissru u jarmih, l-aktar jekk ikun ta' diṡinn sabiħ. Imma l-barranin, bħall-Ġermaniżi, fejn isibu minnu għar-rimi jew għat-tkissir jiġbruh u jeħduh għal fejn jista' jkollhom bżonnu.

### *Għeluq: Nibżgħu għal li baqa'*

Il-Għawdxin hemm bżonn idaħħluha f'rashom li meta xi ħaġa ma tibqax tinħadem il-preġju tagħha jiżdied mill-ewwel. Għalhekk, dwar dak kollu li hu antik jeħtieġ li nsalvaw minnu kemm nistgħu. Għalkemm il-madum taċ-ċeramika ta' barra hu iktar moda, irħas u isbaħ, b'dana kollu ma fih preġju ta' xejn, għax dak bħalu għadu jsir u jibqa' jsir. Imma l-madum tas-siment li kien isir bl-idejn hawn Għawdex issa sar ħaġa ta' l-imgħoddi. Mela, fejn hemm minnu, ejjew nippreservawh, nibżgħu għalih u ma nkissruhx bl-addoċċ għax dak sar ħaġa ta' l-imgħoddi u għandu postu fil-ġrajja tas-snajja' u l-folklor tal-gżira tat-Tliet Għoljiet.. U llum jiswa l-flus ukoll!

Għalhekk, flok ma jitkisser u jintrema, il-madum jista' jinqala' bil-galbu biex ikun jista' jingħata jew jinbiegħ lil min ikun iridu. Dan jista' jsir għax naf min għamel hekk, u għax ħaseb li ma jiswa xejn, tah b'xejn lill-barranin!



Madum tad-Disinn bil-Kulur

### *RIFERENZI:*


Intervista fit-tul ma' Ġorġ Cassar mir-Rabat, Għawdex, li dari kien jagħmel il-madum.

Patri Ġiġi Camilleri, S.J., "Dawn Qdewna", *Ix-Xagħra*, Marzu, 2002, pp. 12-12.

Tagħrif ieħor dwar il-preses tax-Xagħra ngħata lili minn Dr. Aaron Attard Hili, LL.D.

*Guida Generale di Malta e Gozo.*

Diretterju tat-Telefon, 1950.





*Anniversarji*

# L-Oasi tal-Vajrinġa!

## Il-Librerija Pubblika ta' Għawdex tagħlaq 170 Sena ta' Storja u Kultura "tal-ktieb"

*riċerka ta'* JOSEPH W. PSAILA

**Fil-Belt Victoria, fi Triq Vajrinġa hemm il-Librerija Pubblika ta' Għawdex. Min jitla' d-disa' u tletin tarġa u jidħol fiha jsib ruħu mdawwar mill-art sas-saqaf bil-kotba, f'oasi ta' skiet u arja li tqanqal il-ħajra tal-qari, l-istudju u r-riċerka. Joseph W. Psaila li, bħal ħafna oħrajn li jħobbu l-ktieb iżur lil din l-oasi regolarment, ġabar dan it-tagħrif dwar il-Librerija Pubblika sabiex iservi ta' stedina ħalli aktar nies jinqdew bis-servizz eċċellenti li toffri din il-Librerija. Jixtieq ukoll li dan it-tagħrif ikun rikonoxximent lill-istaff tal-Librerija li jgħożżu kull ktieb u dokument bħala teżor u li jilqgħu b'entużjażmu lil kull min jirrikorri għas-servizz tagħhom.**

***Storja ta' 170 sena***

Il-Librerija Pubblika taf il-bidu tagħha 170 sena ilu, meta grupp ta' 38 professjonist iltaqgħu nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu 1839 u waqqfu *Gabinetto di Lettura* li aktar tard ġiet imsemmiha *Libreria di Societa'* għall-użu personali tagħhom. Wara 14-il sena dawn il-membri fundaturi għaddew il-librerja privata tagħhom lill-Gvern kolonjali bil-kundizzjoni li tiġi vvotata s-somma ta' erbgħin lira sterlina għax-xiri ta' kotba. Bl-approvazzjoni tal-Gvernatur **Sir William Reid**, ġiet ivvotata s-somma ta' ħamsin lira sterlina għax-xiri tal-kotba. Il-Librerija Pubblika fetħet il-bibien għall-pubbliku nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru 1853.



Bħala rikonoxximent lill-Gvernatur Reid, fl-1860 saret pittura tiegħu flimkien ma' oħrajn fosthom tal-Gvernatur Le Marchant, ta' Sir Adrian Dingli u ta' missieru, Sir Paul Dingli, li tqiegħdu f'post prominenti fis-sala ewlenija.

Il-Librerija Pubblika sa mit-twaqqif tagħha, mxiet minn lokal għall-ieħor, jiġifieri minn Triq Agius de Soldanis għal Triq il-Librerija, fil-belt Victoria, fejn damet għal 36 sena.

Fuq disinn ta' Mons. Giuseppe Farrugia, it-tieni Bibljotekarju, inbniet is-sala fuq l-ewwel sular ta' l-iskola primarja fi Triq Vajringa, sabiex takkomoda Librerija Pubblika. Dan il-bini kien ġie mbierek minn Mons Giovanni Marija Camilleri, Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien, nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru 1893. Il-ftuħ uffiċjali sar nhar it-Tnejn, id-9 ta' Marzu 1896. Għad li dawn kienu żminijiet meta l-*policy* tal-Gvern tal-ġurnata kienet li jikri postijiet mingħand il-privat għall-ħtieġa tal-uffiċini tiegħu, però rigward il-Librerija Pubblika, nħass li kien wasal iż-żmien li għandha tingħata attenzjoni xierqa u nbniet din is-sala għal dan il-għan.

Mitt sena wara dan l-avveniment, kien ġie mfakkar b'esebizzjoni dwar l-istorja tal-Librerija Pubblika, b'irħama kommemorattiva u b'kunċert mill-Orkestra Nazzjonali.

Mal-milja taż-żmien, bl-iżvilupp tal-kollezzjonijiet u minħabba nuqqas ta' spazju, is-sezzjoni tas-self tal-kotba, nhar il-Ħamis, 10 ta' Frar 1983 ġiet trasferita fi tliet swali f'parti mill-kumpless tal-Ministeru għal Għawdex. Barra dan saret estensjoni fl-istess librerija pubblika sabiex takkomoda l-Arkivju Nazzjonali / Sezzjoni Għawdex. Dan ġie miftuħ uffiċjalment għall-pubbliku nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 1989, fl-okkażjoni tal-25 anniversarju ta' l-Indipendenza ta' Malta.

***Organizzazzjoni ħajja***

**Kollezzjoni** – Il-Librerija Pubblika mhix xi mużew (għad li ġew żminijiet li serviet ta' mużew qabel infetaħ



il-mużew fiċ-Ċittadella), iżda hija organizzazzjoni ħajja u għaldaqstant trid tiġi mantenuta.

Dan qed iseħħ bl-introduzzjoni ta' servizzi u bix-xiri kontinwu ta' kotba ġodda, immirati għall-ħtiġijiet ta' kull żmien għal kull sezzjoni tal-pubbliku. Fil-fatt il-parti l-kbira tal-kotba jinxtraw fuq suġġeriment tal-pubbliku stess.

**Melitensia** – Din is-sezzjoni hija meqjusa bħala l-aktar waħda prestiġjuża, tkopri kotba stampati fil-gżejjer Maltin u oħrajn miktuba dwar il-gżejjer Maltin, però li ġew stampati barra minn Malta.

Il-Librerija Pubblika ta' Għawdex, bħal-Librerija Nazzjonali hija depożitarja skont il-liġi tal-1925 tal-materjal kollu li jiġi stampat fil-gżejjer Maltin. Dan ikopri l-kotba, il-ġurnali u l-*magazines*. Dawn ta' l-aħħar jiġu llegati f'volumi fil-legatorija ta' l-istess librerija. Dan ma jfissirx li ma hemmx kotba jew ġurnali li jmorru lura mill-1925. Infatti l-aktar ktieb prestiġġjuż dwar il-gżejjer Maltin li jmur lura għas-sena 1536 huwa kopja ta' Jean Quintin d'Autun *Insulae Melitae Descriptio*, stampat fl'Lyon fl-1536. Oltra dan, l-ewwel ġurnal li hawn fil-Librerija Pubblika jismu *Il Mediterraneo* (Awwissu 1838).

**Pubblikazzjonijiet dwar Għawdex** – Sezzjoni mill-*Melitensia* tinkludi kotba dwar Għawdex in ġenerali u anke dwar l-irħula individwali. Din qed tiġi sostnuta b'materjal mitbugħ mill-Kunsilli Lokali u mill-parroċċi rispettivi, b'kotba ġodda li għalkemm jittrattaw dwar il-gżejjer Maltin b'mod ġenerali, ma jonqsux li jagħtu attenzjoni xierqa lill-gżira t'Għawdex. Din is-sezzjoni hija mfittxa ħafna mill-istudenti għall-*projects* u anke minn barranin li jkunu jixtiequ jafu iżjed dwar il-Gżejjer Maltin, b'mod speċjali dwar Għawdex.

**Kotba Akkademiċi** – Barra is-sezzjoni tal-Melitensia hemm ukoll is-sezzjoni tar-riferenza. Din tinkludi kotba akkademiċi, bħal enċiklopediji, dizzjunarji, almanakki u *year books*. Din ta' kull sena qed tiġi msaħħa bix-xiri ta' kotba dwar suġġetti li qed jiġu studjati minn studenti li qed jattendu skola terzjarja. Fosthom insibu kotba tas-soċjoloġija, psikoloġija, *business*, *accounts*, *economics*, *management*, storja, eċċ.

### *Servizzi*

Il-Librerija Pubblika hija frekwentata minn kull sezzjoni tal-pubbliku, minn studenti primarji, sekondarji, terzjarji, kif ukoll mill-pubbliku ġenerali. Infatti, madwar 1,000 item ta' riferenza kull xahar jiġu mgħoddija lill-pubbliku għar-riċerka. Dawn jinkludu ġurnali, *magazines*, kotba dwar l-istorja ta' Malta, kotba akkademiċi, rapporti u statistiċi tal-Gvern, u materjal ieħor għall-*projects*. Minħabba l-fatt li dan il-materjal ma jistax jiġi misluf barra mil-Librerija Pubblika, teżisti l-faċiltà ta' fotokopji.

Il-pubbliku fir-riċerka tiegħu, barra l-materjal stampat għandu wkoll aċċess għall-informazzjoni minn fuq l-Internet. Dan huwa provdut b'xejn għajr għall-*printouts*, permezz ta' 14-il PC. B'hekk ir-riċerkaturi għandhom aċċess għall-informazzjoni elettronika. Minbarra dan jingħata servizz ta' *videos* u CDs ta' natura edukattiva u informattiva li wieħed jista' jara fil-post stess. 'Il fuq minn 400 persuna fix-xahar jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Minbarra l-materjal ta' riferenza għar-riċerka, l-Librerija Pubblika toffri wkoll tagħrif aġġornat dwar korsijiet, sejħiet għall-postijiet vakanti mal-Gvern u l-privat, tagħrif dwar il-lokalitajiet, u kull xorta ta' informazzjoni oħra ta' natura edukattiva.

### *Promozzjoni tal-'ktieb'*

L għajta nofs il bejgħ. Naturalment, mhix il-*policy* tal-Librerija Pubblika li toqgħod tistenna li l-pubbliku jisir jaf waħdu dwar il-Librerija. Ta' kull sena, jiġu organizzati *Żjajjar ta' Orjentazzjoni* għall-istudenti li jattendu l-iSkejjel Primarji u Sekondarji. Infatti matul is-sena, ġew 800 student. Fil-każ ta' żjajjar minn Skejjel Primarji, dawn kien hemm drabi fejn l-istudenti kienu akkompanjati mill-istess ġenituri. Waqt dawn iż-żjajjar, l-istudenti barra li tingħatalhom informazzjoni verbali u miktuba dwar is-servizzi tal-librerija, tingħatalhom l-opportunità li jressqu s-suġġerimenti tagħhom. Għal kull żjara qed tiġi

mtellgħa wirja ta' kotba, filwaqt li l-istudenti jaqraw siltiet mix-xogħlijiet tagħhom u siltiet minn kotba.

Jittellgħu wkoll wirjiet dwar awturi u xogħlijiet rispettivi tagħhom kif ukoll dwar avvenimenti storiċi.

Ta' kull sena il-Jum Dinji tal-Ktieb li jaħbat nhar it-23 ta' April, qed jiġi mfakkar b'wirja ta' kotba ġodda li tkun tinkludi kotba fuq diversi suġġetti, kotba ta' natura edukattiva, rikreattiva u ta' informazzjoni kif ukoll kotba b'diversi lingwi ndirizzati għall-istudenti sekondarji. Dawn il-kotba wara li jiġu proċessati, aktar tard jintbagħtu fil-*Gozo Lending Library*, fit-12-il *Branch Libraries* fosthom waħda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiex jiġu mislufa filwaqt dawk ta' natura akkademiċi jinżammu fil-Librerija Pubblika għall-konsultazzjoni.

Barra minn hekk, il-Librerija Pubblika qed tiftaħ il-bibien tagħha għall-pubbliku fl-avvenimenti kulturali li qed jinżammu f'Għawdex fix-xahar ta' Mejju fl-*Lejliet Lapsi / Notte Gozitana.*

### *F'daż-żmien tat-teknoloġija l-ġdida*

Bl-introduzzjoni tal-kompjuterizzazzjoni fil-proċess tal-kollezzjoni, saret qabża fil-kwalità. Infatti l-pubbliku minn daru stess, bl-użu tal-internet, għandu aċċess għall-katalogu elettroniku tal-Librerija Pubblika, tal-*Gozo Lending Library*, tal-*Branch Libraries*, tal-Librerija Nazzjonali u ta' diversi Libreriji Pubbliċi f'Malta, li jkopri parti sostanzjali mill-kollezzjoni tal-Libreriji Pubblika. Wieħed għandu l-opportunità li jista' jfittex bl-isem tal-ktieb, awtur, suġġett jew serje. Wieħed jista' jkollu aċċess għal din l-informazzjoni permezz tas-sit elettroniku *opac.libraries.gov.mt.* Tajjeb li wieħed jinnota li l-użu tal-internet mhuwiex inaqqas mill-interess fil-qari, anzi matul is-sena 2009, is-self tal-kotba f'Għawdex irreġistra żieda ta' 1,200 fuq is-sena preċedenti. Beda l-proċess sabiex anke servizzi offruti fil-*Branch Libraries* jiġu kompjuterizzati.

### *Proġetti għall-ġejjieni*

Hemm il-ħsieb li l-Librerija tkompli taġġorna ruħha mal-eżiġenzi ta' żminijiet bħala ċentru ta' informazzjoni għall-komunità.

- Għaldaqstant il-Librerija tilqa' s-suġġerimenti jew ilmenti mressqa mill-pubbliku.
- Tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi elettroniċi, bħall-internet u l-katalogu elettroniku li qed jiġu utilizzati




minn studenti, adulti u saħansitra minn Maltin u barranin li jkunu għal xi żmien fil-gżira ta' Għawdex.
- Iġġib 'il quddiem is-servizz personalizzat, fejn kull riċerkatur ikompli jingħata servizz ta' kwalità, b'riżultat ta' żieda fin-numru ta' persuni ta' kull età u klassi.
- Il-Librerija tkompli wkoll tilqa' s-suġġerimenti tal-istudenti u tal-għalliema fix-xiri ta' kotba akkademiċi u oħrajn ta' natura rikreattiva jew edukattiva għall-*Gozo Lendiing Library* u l-*Branch Libraries* minn fejn ikunu jistgħu jiġu mislufa.

Il-Librerija Pubblika għandha post sinifikanti fil-progress tal-Gżira Għawdxija. Dan huwa dovut għall-fatt li hija qed isservi ta' post fejn it-tagħrif u l-għarfien qed jiġu trasmessi lin-nies u u b'hekk tagħti kontribut siewi għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja.

Kelma ta' apprezzament tmur lejn il-librara u l-i*staff* kollu li fuq medda ta' daqstant snin iddedikaw ħidmithom sabiex iġibu 'l quddiem din l-istituzzjoni edukattiva. Fl-1999 il-ħidma tal-Librerija Pubblika ġiet rikonoxxuta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru bl-għoti ta' Servizz ta' Kwalita'. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr is-sostenn morali u finanzjarju min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex u mill-fiduċja sħiħa li tgawdi din l-istituzzjoni edukattiva fost il-poplu Għawdxi u saħansitra anki fost bosta Maltin u residenti barranin li bosta drabi jutilizzaw is-servizzi offruti.

Għaldaqstant il-Librerija Pubblika ta' Għawdex mhijiex il-katnazz li jostor it-tagħrif u l-għarfien iżda hija ċ-ċavetta li tiftaħ orizzonti ġodda lil kulmin jitħajjar jersaq lejha.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Kultura Nisranija*

# Prietka tas-Seklu Tmintax f'ġieħ San Franġisk t'Assisi



*kitba ta'* JOE ZAMMIT CIANTAR

***San Franġisk***

Franġisku kien bin Pietro di Bernardone (negozjant kbir tad-drappijiet) u martu Pica. Twieled f'Assisi, fl-Italja, għall-aħħar ta' l-1811 jew fil-bidu ta' l-1182. Miet nhar it-3 ta' Ottubru 1226. F'żgħożitu ħa l-mestier ta' missieru u kien jgħix ħajja ta' sinjur. Kien ġeneruż mal-fqar. Ta' 20 sena daħal fl-eżerċtu jiġġieled kontra l-Peruġini u spiċċa qatta' sena priġunier. Għamel sena jsofri minn marda serja. Ħa sehem ukoll fl-eżerċtu tal-Papa jiġġieled fil-Pulja.

Jingħad li kien fi vjaġġ lejn il-belt ta' Spoleto meta, waqt ħolma, Franġisku sema' vuċi tistiednu *'jimxi wara l-padrun aktar milli wara s-serv'*. Minn hemm bidel ħajtu u beda jqatta' ħafna ħin jimmedita u jitlob, u jżur il-morda fl-isptarijiet.

Fl-1205 deherlu li sema' leħen li talbu għal tliet darbiet: *'Franġisku, mur, irranġa d-dar tiegħi li, kif qiegħed tara, hija rovina sħiħa.'* Għal dan Franġisku qabad u biegħ xi drappijiet minn ta' missieru u rrinunzja sehmu mill-eredità. Minn hawn jibdew il-konverżjoni u l-konsagrazzjoni tiegħu nnifsu lil Alla. Għamel sentejn jgħix ta' eremita, jittallab u jiġbor il-flus biex isewwi l-ħsara ta' tliet knejjes. Kien hawnhekk li darba, waqt quddiesa, sema' l-Evanġelju ta' meta Ġesù bagħat id-dixxipli tiegħu jippriedkaw il-bxara t-tajba mingħajr ma jieħdu magħhom u la flus, u la qorq, u lanqas bastun (Mattew 10, 7-19), neża' t-tunika u l-qorq li kellu fuqu, libes libsa sempliċi bħal dik li kienu jilbsu r-ragħajja ta' l-inħawi, u beda jdur it-toroq t'Assisi jippriedka l-penitenza u l-paċi.

***Il-'fratres minores'***

Miegħu malajr inġabru għadd ta' żgħażagħ li bdew jissejħu 'Penitenti t'Assisi', imma Franġisku pprefera l-isem ta' *fratres minores* li, aktar tard, sar dak uffiċjali ta' l-Ordni li waqqaf; l-Ordni Franġiskan Minuri. Aktar 'il quddiem, wara r-riforma, l-ordni nqasam f'dak imsejjaħ sempliċement Minuri li l-patrijiet tiegħu jġibu t-taqsira OFM; f'dak imsejjaħ Minuri Konventwali, OFM Konv., u f'dak imsejjaħ Minuri Kapuċċini, OFM Kap. Fl-1210 Papa Innoċent III ta lil Franġisku l-ewwel approvazzjoni verbali tiegħu, talab li dawn jagħmlu t-tonsura, u li jmorru jippriedkaw il-penitenza kullimkien. Franġisku kien ordnat djaknu, imma għall-umiltà tiegħu u għall-istima kbira li kellu tas-saċerdozju waqaf hemm u ma ordnax saċerdot.



*L-Estasi ta' San Franġisk t'Assisi – il-viżjoni ta' l-Anġlu jdoqq – pittura ta' Francisco Ribalta (c. 1620-1625)*

***Il-ħames pjagi***

Darba, f'Settembru 1224, waqt li kien fuq il-muntanja ta' Verna qiegħed isum għal erbgħin jum, nhar jum l-eżaltazzjoni tas-Salib, Franġisku kellu viżjoni u riżultat tagħha rċieva l-istigmata. Wieħed minn sħabu, li kien miegħu, Brother Leo, ħalla miktub: *'F'daqqa waħda kellu viżjoni; ra serafin – anġlu b'sitt ġwienaħ fuq salib. L-anġlu tah ir-rigal tal-ħames pjagi ta' Kristu.'*

Franġisku miet fit-3 ta' Ottubru 1226, ikanta s-Salm 141.

***Ipproklamat qaddis***

Nhar is-16 ta' Lulju 1228, Papa Gregorju IX (ħabib ta' Franġisk u protettur ta' l-Ordni) ipproklamah qaddis. L-għada, l-istess Papa qiegħed l-ewwel ġebla tal-Bażilika ta' San Franġisk, f'Assisi.

San Franġisk inħatar protettur ta' l-annimali u ta' l-ambjent. Illum huwa wkoll wieħed miż-żewġ patruni ta' l-Italja (flimkien ma' Santa Katerina ta' Siena).

San Franġisk huwa meqjus bħala l-ewwel poeta Taljan. Kien hu li beda jikteb bid-djalett ta' l-Umbria – flok bil-Latin kif kienet id-drawwa – għax emmen li l-poplu seta' biss jikkomunika ma' Alla bil-lingwaġġ li juża fil-ħajja ta' kuljum. Il-kitbiet tiegħu huma kkunsidrati bħala ta' valur letterarju u reliġjuż.

***Nhar il-festa ta' l-1740***

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 1740, festa proprja tal-qaddis, fil-knisja tal-Franġiskani Minuri Konventwali – dik fi Triq ir-Repubblika – fil-Belt Valletta, il-kjeriku Ignazio Saverio

Mifsud, mill-Belt Valletta, ippreżenta priedka bit-Taljan, f'ġieħ San Franġisk t'Assisi, fid-9.00 ta' filgħodu, quddiem il-Gran Mastru Fra D. Raimondo Despuig u l-membri kollha tal-Kunsill ta' l-Ordni.

Dakinhar stess, fit-3.00 ta' wara nofsinhar, Mifsud ippreżenta paniġierku ieħor f'ġieħ San Franġisk, din id-darba bil-Malti, quddiem ħafna rġiel u nisa. It-testi ta' dawn insibuhom fost il-manuskritti tal-priedki ta' dan iż-żagħżugħ diliġenti – li aktar tard sar saċerdot, ħa d-dottorat fil-Liġi Kanonika, u nħatar saħansitra Konsultur ta' l-Inkwiżitur – fil-volum Numru 48, fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta. Fl-ewwel paġna tal-paniġierku bil-Malti, Mifsud stess kiteb: *'Panegirico / In Lode del Serafico Padre Francesco D'Assisi, detto / Nella Chiesa de' Frati M(inor)i Con(ventua)li di S. Francesco della / Città Valletta dell'Isola di Malta li 4. (Otto)bre / 1740 / Giorno di Martedi la sera ad ore 3. dopo pranzo. / D'Inanzi una moltitudine di Uomini, e Donne. / In Idioma Maltese.'*[1]

### Il-paniġierku

It-test tal-paniġierku bil-Malti nsibuh fil-BNM, MS. tal-Bib. 48, pp. 67-93.

Għalkemm hu ddedikat lil San Franġisk t'Assisi, Mifsud ma jgħid xejn dwar il-ħajja u l-ħidma tiegħu. Minflok, l-awtur joħloq xenarju fantastiku biex ipinġi lil San Franġisk, imsejjaħ 'is-Serafiku Patrijarka', bħala l-prekursur ta' Kristu fil-glieda kontra l-Antikrist, imsejjaħ 'l-Anġlu tal-Mewt'. Fit-taqbida, il-qaddis hu megħjun minn żewġ persunaġġi bibliċi, Ħenok u Elija li, minħabba ċ-ċirkostanzi misterjużi li fihom għebu mid-dinja, xi wħud isostnu li ma mitux, biex jibqgħu jiddefendu l-Liġi t'Alla sa l-aħħar taż-żminijiet. L-istħajjil ta' Mifsud huwa drammatiku. F'wieħed mill-passaġġi l-aktar ikkuluriti tal-paniġierku, il-predikatur jgħid li dakinhar li l-Patrijarka Serafiku twieled fi Spoleto, l-anġli



*L-ewwel paġna tal-paniġierku bil-Malti, f'ġieħ San Franġisk t'Assisi; Librerija Nazzjonali ta' Malta, MS 48, p.69*



*San Franġisk jirrinunzja għall-ħwejjeġ tad-dinja – affresk impinġi minn Benozzo Gozzoli fl-1452 fl-apside tal-kappella tal-knisja ta' San Franġisk, f'Montefalco*

tas-Sema għamlu festa kbira, filwaqt li x-xjaten ta' l-infern twerwru bil-biża' għax ħasbu li kien wasal il-Ġudizzju Universali.

L-*accomodatio* tal-predikatur tinfirex fuq tliet analoġiji ewlenin.

L-ewwel waħda hi msejsa fuq l-Apokalissi: Mifsud iqabbel l-anġli tal-Mulej li jħabbru t-taqbida aħħarija kontra l-Antikrist bid-daqq tat-trombi ma' l-istess Ordni Franġiskan, imsejjaħ b'antonomasja s-'Serafika Reliġjon'. L-Ordni Franġiskan, liebes l-ixkejjer tal-penitenza, jitqatel mal-forzi tal-ħażen, armat 'bil-bandiera tal-ġustizzja', bl-'istandard tal-miżerikordja' u, fuq kollox, 'bis-sejf tal-kelma t'Alla'; b'hekk ikun kapaċi jirbaħ il-falsità u l-inganni kollha ta' l-Antikrist li fil-bidu tal-priedka hu mxebbah ukoll ma' bhima feroċi li trid tibla' l-Knisja ta' Kristu.

It-tieni analoġija hi mibnija fuq il-viżjoni ta' Salamun fil-*Ktieb tas-Slaten*: Mifsud iqabbel lis-sultan ta' belt ċkejkna assedjata minn għadu kiefer ma' l-istess San Franġisk li qed jiddefendi l-Knisja kontra l-Antikrist. Minkejja li l-avversarju hu ferm qalil u b'saħħtu, il-qaddis xorta joħroġ rebbieħ għax hu mżejjen b'żewġ virtujiet kbar – il-kastità u l-umiltà, li kapaċi jżarmaw kull oppożizzjoni.

It-tielet analoġija hi msejsa fuq episodju bibliku ieħor, din id-darba meħud mill-*Ktieb tal-Makkabin*. Is-sultan infami Antjokju, li kien qed jippersegwita lil Lhud minħabba twemminhom, hu mqabbel ma' l-Antikrist, filwaqt li ż-żagħżugħ Lhudi li jibqa' sod fil-fidi minkejja t-torturi ħorox li kien qed isofri, hu mqabbel ma' San Franġisk, id-difensur tal-Liġi t'Alla, u b'estensjoni tal-Knisja nfisha. Mifsud saħansitra jikkwota lill-Papa Innoċenz III li ddikjara: *'Tassew li dan [San Franġisk] huwa dak li bil-ħidma tiegħu, u bit-tagħlim ta' Kristu, saħħaħ il-Knisja.'*

### Il-ftuħ tal-paniġierku

Mifsud jibda l-priedki kollha tiegħu b'vers bil-Latin li madwaru jibni l-argumenti ta' l-istess priedka.

F'dan il-paniġierku, Mifsud jikkwota lil Isaija, Kap. 11, vers 12: *'Levabit signum in nationibus, et congregabit profugos Israel, et dispersos Iudae colliget à quatuor plagis terrae.'* Bil-Malti: 'Jgħolli sinjal lill-ġnus, u jiġbor il-mormijin ta' Israel, u jiġma' l-imxerrdin ta' Ġuda mill-erbat itruf ta' l-art.'

1 *Għal tagħrif dwar il-ħajja, u studju komprensiv dwar il-Malti użat fil-priedki kollha ta' Ignazio Saverio Mifsud, ara Joe Zammit Ciantar,* Il-Priedki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud, *Malta, 2008. [Din hija pubblikazzjoni tat-teżi (aġġornata) li biha l-awtur kiseb id-Dottorat fil-Malti, ma' l-Università ta' Malta.]*

### *Il-Kantiku ta' San Franġisk bid-djalett ta' l-Umbria*

*Altissimu, onnipotente bon Signore,*
*Tue so' le laude, la gloria e l'honore et onne benedictione.*

*Ad Te solo, Altissimo, se konfano,*
*et nullu homo ène dignu te mentovare.*

*Laudato sie, mi' Signore cum tucte le Tue creature,*
*spetialmente messer lo frate Sole,*
*lo qual è iorno, et allumeni noi per lui.*
*Et ellu è bellu e radiante cum grande splendore:*
*de Te, Altissimo, porta significatione.*

*Laudato si', mi Signore, per sora Luna e le stelle:*
*in celu l'ài formate clarite et pretiose et belle.*

*Laudato si', mi' Signore, per frate Vento*
*et per aere et nubilo et sereno et onne tempo,*
*per lo quale, a le Tue creature dài sustentamento.*

*Laudato si', mi' Signore, per sor Aqua,*
*la quale è multo utile et humile et pretiosa et casta.*

*Laudato si', mi Signore, per frate Focu,*
*per lo quale ennallumini la nocte:*
*ed ello è bello et iocundo et robustoso et forte.*

*Laudato si', mi' Signore, per sora nostra matre Terra,*
*la quale ne sustenta et governa,*
*et produce diversi fructi con coloriti flori et herba.*

*Laudato si', mi Signore, per quelli che perdonano per lo Tuo amore*
*et sostengono infirmitate et tribulatione.*

*Beati quelli ke 'l sosterranno in pace,*
*ka da Te, Altissimo, sirano incoronati.*

*Laudato si' mi Signore, per sora nostra Morte corporale,*
*da la quale nullu homo vivente po' skappare:*
*guai a quelli ke morrano ne le peccata mortali;*
*beati quelli ke trovarà ne le Tue sanctissime voluntati,*
*ka la morte secunda no 'l farrà male.*

*Laudate et benedicete mi Signore et rengratiate*
*e serviateli cum grande humilitate.*

### *Talba ta' l-għeluq*



F'uħud mill-paniġierki – jew priedki twal – li kiteb u ppreżenta, Mifsud jagħlaq b'talb tassew oriġinali. Fil-każ tagħna – f'dan il-paniġierku bil-Malti f'ġieħ San Franġisk t'Assisi – l-awtur itemm b'din it-talba sempliċi li, biex il-qarrej ikun jista' jgawdi l-kitba oriġinali ta' Mifsud, qiegħed nippreżenta sewwasew kif kitibha Mifsud stess, kelma b'kelma u ittra b'ittra:

### *It-talba*

'Im(m)ela ò nisrani ò Nisrania trit tcun Salva? Hu Iddivotioni ù al Protettur ininti (sic) lil Seraficu Franciscu iedan illiberac [mid-]Demoniu hadu tant chbir ta l'insara; aliesc iech Franciscu chiet fi sema ipossiedi il Loc tà Luciferu, ecda iddifendi li Divoti mint ihu min ideih ù iassignacom fil gloria ta smeuiet; Nitolbuh immela billi inhedulu; ò gran Patriarca ta Smeuiet Franciscu. chif inti handec tiddifendi il Chnisia imcazza mill'Anticrist flaccar [fl-aħħar] min ta digna ecda nitolbuc illi fl'accar [aħħar] siha tal haia tana tiddifendina mil Demoniu illi icun chiet iamel il possibiltà tihu colla biesc ihu irruihitna, ù imbahat uara li tigma irrueihiet tana colla; t'assegnaom fil gloria tal genna; chif minnec cal Isaia: *Congregabit profugos Israel.*'

### *Qari u fantasija*

F'dan il-paniġierku, ir-riferenzi ta' Mifsud huma ekklettiċi għall-aħħar. Minbarra għall-Papa Gregorju l-Kbir, il-Papa Gregorju IX, il-Papa Ljun X, u l-Papa Ġulju II, Mifsud jirreferi għal Sant'Ambroġ, San Bonaventura, San Benedittu, u San Vinċenz Ferreri – li huma ismijiet pjuttost familjari. Jiċċita wkoll għejun oħra, fosthom lil Biagio Vega, Urso Leoni, Aimone, Leonardo de Utino, Valderama, il-Pisano, Roberto di Leono, l-Abbati Giacchino, u l-Kardinal Jacques de Vity. Jidher li Mifsud kien jaqra ħafna. Il-ħasra hi li xi drabi kien iħalli l-immaġinazzjoni tiġri bih.



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



*Passiġġata Biblika - 57*

*"L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tisssaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8).*

# It-tagħlim ta' San Pawl dwar l-imħabba vera

minn Fr. Charles Buttigieg

### *It-Terminu 'Imħabba' f'San Pawl*

Għal San Pawl l-'imħabba' hija l-qofol tad-doni kollha li jagħti Alla lill-bniedem. L-imħabba hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija u tal-ħajja tal-komunità. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kelma u l-ħsieb ta' l-imħabba jidwu kontinwament fl-ittri kollha ta' San Pawl. It-terminu li l-iktar li juża San Pawl għall-'imħabba', ibbażata fuq ir-rispett veru lejn xulxin b'rabta mal-imħabba divina, huwa l-verb Grieg **agapao**. Infatti n-nominattiv *agape* insibuh 75 darba; il-verb *agapao* 34 darba; il-parteċipju (maħbub) *agapetos* 27 darba. Hija għalhekk imħabba vera u għalhekk differenti mit-termini l-oħra għall-'imħabba' li nsibu fil-Grieg klassiku, per eżempju l-kelma 'eros', imħabba tal-bniedem lejh innifsu.

Insibu f'San Pawl termini oħra li għandhom din ir-rabta mal-imħabba, per eżempju *eleeo*, 'li turi ħniena', li nsibuh 12-il darba u n-nominattiv *eleos* 'il-ħniena', li nsibuha 10 darbiet; dejjem kważi huma applikati għal Alla. Għandna kelmiet oħra marbuta mal-Grieg *phileo*, per eżempju *philadelphia* 'fratellanza', jew 'imħabba familjari' li nsibuha darbtejn; *philanthropia*, 'imħabba għall-umanità' li nsibuha darba; *philema*, 'bewsa' li nsibuha 4 darbiet; *philotheos*, 'li jħobb lil Alla' insibuha darba; *philoxenia*, 'ospitalita'' ukoll darba oħra.

### *L-Imħabba ta' Alla fi Kristu*

San Pawl jibni l-messaġġ tal-imħabba fuq **l-imħabba salvifika ta' Alla fi Kristu** (bil-Grieg: *agape*). Liema



imħabba laħqet il-qofol tagħha fuq is-salib: "Iżda Alla uriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8); "Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa ta' l-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5). Din hija l-imħabba ta' Alla għalina: "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5); "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied addottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5).

Il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba permezz tal-fidi. Infatti l-imħabba f'San Pawl hija **marbuta mal-fidi**: "għax aħna smajna bil-fidi li għandkom fi Kristu Ġesù, u bl-imħabba tagħkom fi Kristu Ġesù u bl-imħabba tagħkom għall-qaddisin kollha" (Kol 1:4); L-imħabba hija possibbli għaliex il-fidi ta' Kristu twassal lin-nisrani biex jgħix ħajja tassew ġdida, mhix maħkuma iżjed mid-dnub jew mill-egoiżmu imma mill-Ispirtu ta' Alla: "Inħeġġiġkom, ħuti, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u permezz ta' l-imħabba ta' l-Ispirtu, tqabdu miegħi" (Rum 15:30); "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz ta' l-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19). Din l-imħabba mela tistedinna biex nemmnu fi Kristu u nħobbu lil xulxin.

### *L-Imħabba lejn il-Proxxmu*

L-imħabba għall-proxxmu hija għal San Pawl il-karatteristika l-iktar importanti tal-ħajja nisranija. Dak kollu li għandna nagħmlu bħala nsara għandu jirrifletti din l-imħabba vera lill-proxxmu: "Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba" (1 Kor 16:14). Hija l-iktar kariżma importanti: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba" (1 Kor 13:13). Din hija tassew il-glorja ta' l-imħabba ta' Alla fina li tidher fl-imħabba lejn il-proxxmu kif naraw tajjeb fil-kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra lill-Korintin: "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbax





fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8).

L-Imħabba hija meqjusa u elenkata **l-ewwel mill-frott ta' l-Ispirtu s-Santu**: "Il-frott ta' l-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi." (Gal 5:22-23). Hija fuq kollox għal San Pawl il-bażi tal-liġi: "Il-liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'" (Gal 5:14). Mela San Pawl iħares lejn din l-imħabba bħala l-liġi ta' Kristu: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Gal 6:2). L-imħabba hija l-qofol tal-liġi l-ġdida fi Kristu: "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb iħares il-bqija tal-ligi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi." (Rum 13:8-10).

San Pawl jeżiġi fuq kollox din **l-imħabba fil-qalba tal-ħajja tal-komunitajiet** li kien jew qed jevanġelizza, għaliex il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu, hija l-għaqda ta' bejn Alla u l-poplu tiegħu, u għalhekk għandha tkun dan it-tempju ta' din l-imħabba vera. L-imħabba li twaħħad ma' xulxin il-membri kollha tal-ġisem f'armonija sħiħa u unika: "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:14). Mingħajr l-imħabba dan il-ġisem tal-Knisja ma jistax jaħdem sew: "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; tagħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin." (Rum 12:9-10); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda." (Ef 4:3-5).

L-insara għalhekk għandhom jieħdu ħsieb xulxin: "B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu." (1 Kor 12:25-26); "Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin." (Rum 14:19). Hija din it-tip ta' mħabba **li tipprepara lin-nisrani sabiex jiltaqa' u jilqa' lil Kristu**: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

***Biblijografija***


Bruce, F.F., Paul. *Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), Torino 2000.

Ghidelli, C., *Un Anno con San Paolo, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo*, Torino 2008.

Lietzmann, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.





Għawdex Qabel ir-Ritratti (27) — minn JOHN CREMONA

# Il-Ġgantija f'Enċiklopedija dwar id-Dinja



Vue générale de la Tour des Géants.

Fil-bidu ta' din is-sensiela kont wegħedt li matul din is-serje ta' artikli ser nitkellem diversi drabi dwar il-Ġgantija peress li hija fost l-aktar suġġetti trattati f'inċiżjonijiet li saru dwar Għawdex.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika f'dan l-artiklu hija meħuda mill-kotba popolari *L'Univers Pittoresque* li kien speċi ta' enċiklopedija ppubblikata bil-Franċiż u wara bl-Ispanjol u bit-Taljan li kienet tittratta dwar l-istorja, antikitajiet, kostumi u tradizzjonijiet tal-popli tad-dinja. Il-volum *Histoire et Description de l'Isle de Malte* ġie ppubblikat minn Frederick Lacroix fl-1848.

Ta' min jgħid li fejn jidħol rakkont Lacroix ikkopja bla kontroll u bla misthija minn fuq il-volumi monumentali ta' Jean Houel li dwarhom tkellimna bosta drabi f'din is-sensiela. Bosta mill-inċiżjonijiet ukoll huma meħuda minn fuq Houel u kittieba oħra. Li huwa interessanti u innovattiv f'dan il-volum huma l-għaxar inċiżjonijiet tal-Ġgantija li qatt ma dehru f'xi xogħol ieħor u li huma oriġinali għall-aħħar. L-oriġinal ta' dawn l-inċiżjonijiet huma tmien tpinġijiet bil-lapes ta' artist li għadu mhux magħruf min kien u li jinstabu fil-manuskritt Libr. MS 440 fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta. Fil-katalgu tal-kotba tal-Biblioteka, dan ix-xogħol huwa attribwit lil Filippo Vassallo li kien Librar fl-1897 imma peress li dawn ġew ippubblikati ħafna snin qabel huwa improbabbli ferm li dan huwa xogħol ta' Vassallo. Hu min hu l-artist, dan ħalla sett ta' tmien tpinġijiet oriġinali bil-lapes tal-Ġgantija. Forsi 'l quddiem għad insiru nafu min kien l-awtur tagħhom.

L-inċiżjoni li tidher f'dan l-artiklu turi l-faċċata tat-tempji tal-Ġgantija u għalkemm mhix nieqsa minn xi ftit liċenzja artistika, madankollu mhix nieqsa lanqas minn ċerta ħlewwa u kapaċità artistika.

L-inċiżjoni li hija intitolata *Vue generale de la Tour des Geants* iġġib in-numru 28 u għandha qisien ta' 91mm x 140mm. L-istampa ġiet riprodotta mill-inċiżur magħruf Franċiż Augustin-Françoise Lemeitre li ħalla numru kbir ta' inċiżjonijiet dwar Malta u Għawdex f'diversi pubblikazzjonijiet. Il-proċess tagħha huwa magħruf bħala *steel engraving* peress li kienet tintuża folja ta' l-azzar biex fuqha titnaqqax l-istampa. Dan il-materjal iebes kien jippermetti li jsiru ammonti kbar ta' inċiżjonijiet mill-istess *plate* għall-kuntrarju ta' inċiżjoni fl-injam jew fir-ram li huma materjali aktar rotob u allura n-numru ta' inċiżjonijiet stampati kien ikun ferm iżgħar. *Steel engraving* normalment tingħaraf minn linji rqaq u fini li jiffurmaw l-istampa.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 185
Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2010

# In-Nutar Ewlieni tal-Università

**Id-dokument numru mija ħamsa u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-komunier tal-Università. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 27r (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 27r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*Magnifico Notaio Gio-Francesco Debono, tesoriere di questa Università del Gozo pagarete al Notaio Aloysio Magri Cremona, mastro Notaio dell'Officio, Scudi trentacinque di moneta; se gli devono, cioè Scudi 20 per suo salario d'un anno incominciato il p(rimo) settembre scorso da finire l'ultimo instante, gli da detta Università per suo trattenimento; Scudi 15 per haver fatto il libro dell'Impiego dell'anno terza Indizione 1709 e 1710 ad effetto di notare in quello le vettovaglie che dalli dohani e rilevanti saranno inoltrate per saldo delle corr(enti) partite di che tirando nostra cautela ponerete nei nostri conti, lì 7 agosoto 1710.*

In-Nutar Aloysio Magri-Cremona ħadem ta' nutar hawn Għawdex mis-sena 1696 sas-sena 1752. Tliet mit sena ilu, hu kien qiegħed jaħdem mal-Università bħala l-mastru nutar, jew in-nutar ewlieni. Hu msemmi bħala n-nutar ewlieni biex ma jkunx hemm ekwivoku għax it-teżorier tal-Università kien nutar ukoll, in-Nutar Giovanni-Francesco Debono. In-Nutar Debono, li jissemma wkoll f'dan id-dokument, kien jipprattika hawn Għawdex mis-sena 1697 sas-sena 1733.

Dan id-dokument jirreferi għall-**indizzjoni**, kelma li qajla tissemma f'din il-manetta li minnha qegħdin nisiltu dan id-dokument. L-indizzjoni hi taqsima ta' ħmistax-il sena, komputazzjoni taż-żmien li aktarx inħolqot fl-Eġittu u li bdiet tintuża fl-Imperu Ruman fi żmien l-Imperatur Kostantinu. L-ewwel indizzjoni, jew l-ewwel grupp ta' ħmistax-il sena, bdew fis-sena 313 tal-era Kristjana, komunement magħrufa bħala AD – *Anno Domini*. Wara li jgħaddu ħmistax il-sena jibda perjodu ieħor ta' ħmistax-il sena mingħajr ebda riferenza għall-indizzjoni ta' qabel.

Meta dokument ikollu datazzjoni bl-indizzjoni biss diffiċli tkun taf ta' liema sena jkun. Dan id-dokument jispeċifika li kienet it-tielet indizzjoni, is-sena 1709 u 1710. Tliet mit sena ilu, il-komputazzjoni tal-indizzjoni kienet tibda mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara.

Ir-Rumani kienu jużaw il-perjodu biex kull darba li jagħlaq jiġbru taxxa speċjali mingħand in-nies. L-użu tal-indizzjoni għadu jintuża f'xi dokumenti ekkleżjastiċi. Din is-sena 2010 – għal min hu interessat – hi *t-tielet indizzjoni.* Daż-żmien, il-komputazzjoni tal-indizzjoni ssir mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

In-nutar Magri-Cremona jissejjaħ nutar ewlieni għax naturalment kien hu responsabbli mill-kuntratti tal-Università. Ta' dan ix-xogħol, hu kien jitħallas is-somma fissa ta' 20 skut fis-sena (€3.88). Iżda barra dan kien jieħu ħsieb il-proviżjoni tal-qmuħ u d-dazju tas-sisa li ried jitħallas fuq il-bejgħ tiegħu. Talli żamm ir-reġistri marbuta mal-proviżjonijiet, in-Nutar Magri-Cremona messu s-somma ta' 15-il skut ieħor (€2.91).

Dawn il-15-il skut daħħalhom bħala **komunier**. Il-kelma *komunier* tnisslet min-nom/aġġettiv Taljan *comune*, iżda l-kelma *comuniere* la teżisti fit-Taljan, u lanqas fl-Isqalli. Ġużè Aquilina (*Maltese-English Dictionary*, I, 674) kiteb li din il-kelma żviluppat lokalment u għandha definizzjoni speċifika ħafna.

Il-*komunier* hu amministratur ta' ħwejjeġ ħaddieħor u barra l-paga jitħallas ukoll perċentwal mill-amministrazzjoni li jagħmel. Il-kelma għadha l-iktar tintuża f'ċrieki ekkleżjastiċi bl-istess tifsira bħal, ngħidu aħna, komunier tal-Kapitlu, dak li jżomm rekord ta' membri ta' Kapitlu u jħallashom skont is-servizz li jkunu taw; jew komunier tal-funerali, dak li jżomm lista tal-ispejjeż u ta' kulmin ikun ħa sehem f'funeral, biex jagħmel il-kontijiet u l-ħlasijiet.

In-Nutar Magri-Cremona messu 15-il skut tal-komunija.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Marija Karolina Vella (1914-1999)

Marija Karolina Vella, għalkemm ma għamlet xejn straordinarju, nistgħu ngħidu li għexet ħajja verament nisranija fiċ-ċaħda u fil-karità.

Karolina, kif kienet magħrufa, twieldet fir-raħal tal-Qala, Għawdex nhar is-26 ta' April 1914. Tgħammdet jumejn wara mill-Kappillan Dun Ġwann Saliba. Meta kienet żgħira ffrekwentat l-iskola primarja, fejn tgħallmet tikteb u taqra sewwa. Ta' min jinnota li hija trabbiet mazzijiet tagħha, li wieħed minnhom kien Dun Ġużepp Vella, li fis-6 ta' April 1927 ħa l-pussess bħala s-seba' Kappillan tal-Qala (Ara x-"Xhieda Nisranija" ta' Frar 2010).

Meta kibret kienet tmur taħdem fl-għalqa ma' missierha. Kienet tmur iġġib il-melħ mill-Blata l-Bajda, li tinsab bejn iż-Żewwieqa u l-Qala u kienet tmur tbiegħu biex taqla' xi ħaġa. Wara t-tieni gwerra dinjija ħadet riħ qawwi u l-tobba qatgħu qalbhom minnha. Iżda l-providenza ta' Alla riedet li hija tfiq mirakolużament.

Kien f'dan iż-żmien li, wara li fieqet, hija marret seftura ma' anzjani f'Malta. Għamlet xi erba' snin ma' Monsinjur anzjan f'Ħal Lija; imbagħad marret Ħ'Attard fejn għamlet madwar 16-il sena ma' anzjan ieħor; wara għamlet xi tlieta jew erba' snin f'Tas-Sliema ma' spiżjar anzjan u fl-aħħar il-Belt Valletta ma' mara anzjana. B'kollox f'Malta għamlet bejn 24 sena u 26 sena, seftura bi ħlas miżeru.

Wara dan iż-żmien reġgħet lura lejn il-Qala. Kienet iżżur ħafna l-morda u tagħmlilhom kuraġġ. Għamlet xi tlieta jew erba' snin ma' mara anzjana f'raħal twelidha. Mhux biss kienet tgħinha iżda kienet anki torqod magħha, b'xejn.

Kien f'dan iż-żmien li Alla nebbaħha li tmur toqgħod fl-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem biex, mingħajr ebda ħlas ta' xejn tagħti daqqa ta' id fix-xogħol tad-dar. Għall-ewwel ix-xogħol prinċipali tagħha kien li tieħu ħsieb il-ġnien li hemm ma' din id-dar biex tforni lill-istitut bil-ħaxix li kienet tkabbar. It-tfal kienu jammirawha u l-kbar ġie li kienu jagħtuha xi daqqa ta' id fil-ġbir tal-frott.

Peress li Karolina kienet toqgħod fl-Istitut ta' San Ġużepp minn filgħodu sa filgħaxija, u torqod hemm ukoll, kienet punt ta' riferenza għal kull bżonn. Lit-tfal li kienu hemm kienet tħobbhom ħafna iżda ma kinitx tfissidhom. Kienet tmur tajjeb ħafna magħhom bil-kelma t-tajba. Għalihom issagrifikat ruħha għal bejn wieħed u ieħor erbatax-il sena.

Ġie li kienet tiekol milli jibqa' minn tal-oħrajn jew tieħu l-anqas tajjeb biex it-tfal jieħdu aħjar minnha. Dejjem kienet toqgħod lura biex hi tqiegħed lil ħaddieħor tajjeb. Meta bdiet tikber fl-età, imbagħad kienet tagħti daqqa ta' id fil-kċina, kif ukoll tgħin fil-ħwejjeġ tat-tfal. Għalkemm hija ma kinitx omm naturali, madankollu kellha maternità spiritwali mat-tfal.

Filwaqt li kienet taħdem ħafna kienet tinħeba u ma kinitx tħobb tidher. Lanqas ma kienet trid li jeħdulha ritratti. Kienet ħawtiela ħafna u din l-enerġija kienet ġejja minn intenzjoni retta biex isservi lil ħaddieħor.



Fl-istitut kienet toqgħod l-erbgħa u għoxrin siegħa tal-jum u kienet tmur tara lill-familjari tagħha biss nhar ta' Ħadd u kienet tmur bil-mixi. Wara li ħalliet l-istitut minħabba saħħitha, marret toqgħod mal-familjari tagħha; u l-aħħar tliet snin qattgħethom fil-klinika tas-Sorijiet Dumnikani f'Victoria, fejn ħalliet din id-dinja fid-9 ta' Frar 1999.

Kienet mara ta' fibra spiritwali. Ħajjitha sawritha fuq l-"Imitazzjoni ta' Kristu" (Il-Kempis), li tiegħu kellha kopja antika. Kienet taqra l-ġurnal "Il-Leħen is-Sewwa". Kienet ukoll mara ta' talb, u quddiesa kuljum ma kinitx titlifha; filwaqt li kienet tinsisti ma' ħaddieħor li t-talb għandu jsir sewwa u matul ir-rużarju ma għandu jsir l-ebda xogħol manwali.

Kellha verament filosofija ċara tal-ħajja frott tal-esperjenzi li għamlet matul ħajjitha. Kienet tgħid ċerti proverbji li bihom kienet tgħallem ħafna. Ħajjitha kienet ibbażata fuq ħidma volontarja u anki l-ftit flus tal-pensjoni qatt ma għamlu biha, anzi kienet tqassam minnhom. Kienet dejjem tgħaddi bl-anqas u kienet tibqa' nieqsa biex tgħin lill-oħrajn. Għaliha kienet dejjem iżżomm biss il-meħtieġ. Kienet tagħti wkoll ħafna karitajiet bil-moħbi.

Nistgħu niġbru dan li qegħdin ngħidu b'riflessjoni qasira dwar ħajjitha li dehret fuq is-santa tal-mewt li tgħid dan: "Eżempju ġenwin ta' ħajja nisranija, għanja fit-talb u fis-servizz ta' volontarjat. Ħadmet bl-umiltà u fis-skiet, imħeġġa biss mill-imħabba vera, fis-sagrifiċċju moħbi u totali tagħha nfisha, biex tfarraġ, twennes u tgħajjex lill-imsejkna. Tibqa' xhieda cara għalina fl-imitazzjoni ta' Dak li għalih ikkunsmat ħajjitha fl-imħabba."

Persuni bħal dawn jgħallmuna ħafna, għax ikunu mxew wara Kristu fis-satra u b'ċaħda totali tagħhom infushom għall-ġid tal-oħrajn.

*(Dan il-profil huwa msejjes fuq intervisti li għamilt lil Dun Ġorġ Cordina , lil Dun Anton Sultana u Ġuża Sultana)*

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (21)



# Aħbarijiet dwar Għawdex



riċerka u kitba ta' **SALVU FELICE PACE**, sfelicep@go.net.mt

Mhux faċli li toħloq servizz ta' aħbarijiet dwar gżejjer żgħar. Aħna l-Maltin u Għawdxin kultant ninsew iċ-ċokon tagħna, għax bil-ħidma tal-moħħ u ta' l-id irnexxielna noħolqu Stat Sovran bl-istess drittijiet u doveri ta' stati oħrajn li ħdejhom aħna daqs ta' belt waħda kbira fi ħdanhom.

Ġieni dan il-ħsieb meta dħalt fil-websajt **www.gozonews.com** li bħala sit elettronika tħabbatha ma' l-aqwa siti fuq l-internet. Fiha aħbarijiet minn Malta u minn barra, bil-*World News* tal-BBC, aħbarijiet mill-Unjoni Ewropea u l-aħbarijiet finanzjarji, kif ukoll numru ta' servizzi bżonnjużi bħat-tluq u l-wasla tal-ajruplani fl-Ajruport Internazzjonali tagħna, l-iskeda tal-vapuri tal-*Gozo Channel* u n-negozju fil-Borża ta' Malta.

It-taqsima *Gozo News* hija varjata ħafna fit-tip ta' aħbarijiet li twassal dwar Għawdex u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din il-gżira. Meta dħalt fis-sit fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju fost aħbarijiet oħra kien hemm dawn: **il-bidu tas-servizz tal-*lifeguard* mir-*Red Cross Gozo* fil-bajja tar-Ramla**, it-twaqqigħ ta' kmamar mibnija illegalment fil-limiti tal-Għarb, il-gradwazzjoni tal-istudenti taċ-Ċentru Sir M. A. Refalo f'Victoria, l-infjorata li ssir ta' kull sena fl-Għarb, iż-żjara tal-Banda *St Joseph* ta' Għajnsielem fi Sqallija u l-bidu tax-xogħol ta' tindif tat-Torri tax-Xlendi li ser iwassal ukoll għar-rikostruzzjoni ta' dan it-torri storiku minn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill tal-Munxar.

Fl-istess aħbarijiet kien hemm rapport minn Dun Geoffrey G. Attard dwar l-ordinazzjoni saċerdotali taż-żagħżugħ Għawdxi Anthony George Caruana fl-Iskozja nhar l-Imnarja. Nota interessanti kienet dwar l-ordinazzjoni fl-1891 ta' Malti bil-kunjom Caruana wkoll fl-Iskozja - Don Mauro - li aktar tard kien laħaq Abbati tal-Benedittini f'Fort Augustus fl-Iskozja u fl-1915 kien maħtur Isqof ta' Malta bit-titlu personali ta' Arċisqof.

Fis-sit issib ukoll numru ta' reklami relatati mat-turiżmu, kummenti tal-viżitaturi, arkivji li jmorru lura għal numru ta' snin, stħarriġ tal-opinjoni pubblika, is-servizz tat-temp tal-ġurnata u invit biex int tinkiteb biex jew tibda tirċievi *newsletter* u anke biex tibgħat xi aħbar lis-sit. Kuntatt mas-sit isir permezz ta' *email* lil *gozonews@gmail.com*

*Nota: Fl-aħħar artiklu l-kunjom ta' Frenċ tal-Għarb ingħata bħala Portelli meta fil-fatt kien Mercieca.*






TIEQA FUQ L-AMBJENT (20)

# IL-GAWWIJA PRIMA

*(Dan huwa l-għaxar artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**



*Gawwija Prima adulta*

**Il-Gawwija Prima** hija waħda mill-erba' tajriet tal-baħar li jbejtu f'Għawdex. Tajra kbira li fiha minn 48 sa 52 ċm, filwaqt li l-fetħa tal-ġwienaħ tlaħħaq sa madwar 130ċm. Hija l-akbar tajra li tbejjet f'pajjiżna. Bajda silġ, b'dahar griż. Il-ġwienaħ griżi minn fuq, bojod min taħt, u bil-ponot suwed bi dbabar bojod. Saqajha sofor, bis-swaba' bħal tal-papri, magħqudin flimkien b'rita, addattati biex taqdef bihom fl-ilma. Munqarha isfar, b'dabra ħamra fit-tarf, in-naħa t'isfel. Din id-dabra ħamra għandha rwol importanti fi żmien il-bejta, biex ix-xjuħ jitimgħu lill-frieħ.

Residenti u tinstab fl-ibħra Maltin matul is-sena kollha. In-numru tagħha jiżdied fix-xitwa għax ħafna



*Bejta bil-bajd tal-Gawwija Prima.*

oħrajn jinżlu mit-tramuntana tal-Mediterran wara l-ħarifa. Tbejjet fi ftit kolonji żgħar fis-sisien tan-nofsinhar ta' Malta u Għawdex, bl-akbar kolonja fuq Filfla, fejn kienet żdiedet wara li twaqqaf it-taħriġ ta' sparar bil-bombi fuq dik il-gżira żgħira. Fis-snin sebgħin tas-seklu li għadda madwar 90 par kienu jbejtu matul is-sisien għoljin f'Ta' Ċenċ. Minħabba l-kaċċa illegali minn fuq il-baħar qrib l-irdumijiet, kienet kważi nqerdet għal kollox minn Ta' Ċenċ. Iżda issa tidher li qed terġa' tbejjet hemm. Fi snin sebgħin kien hemm ukoll kolonja ta' madwar 20 par fl-irdumijiet ta' l-inħawi tal-ponta tal-Wardija, 'l ġewwa minn Kerċem. Illum anqas minn 10 pari jbejtu hemm.



*Ferħ tal-Gawwija Prima għadu kemm faqqas*

L-isem xjentifiku tal-**Gawwija Prima** (bl-Ingliż *Yellow-legged Gull*) huwa ***Larus* michahellis**. Il-kelma ***Larus*** ġejja mill-Grieg *laros*, li tfisser għasfur ta' l-ilma, imsemmi hekk minn Aristotile, il-famuż filosofu Grieg. Il-kelma **michahellis** ġejja mill-isem ta' Dr Karl W. Michahelles, għax imsemmiha għalih. Dr Michahelles kien studjuż Ġermaniż taż-żooloġija, li kien igħix f'nofs is-seklu dsatax, u li kien għamel xi snin jistudja n-natura fil-grigal tal-Adrijatiku u fil-Greċja. Fil-passat il-**Gawwija Prima** kienet titqies bħalha sottospeċi ta' Gawwija oħra (Gawwija Saqajha Roża - *Larus argentatus* - bl-Ingliż *Herring Gull*), iżda llum it-tassonomisti firduha u jqisuha bħala speċi differenti.

**Il-Gawwija Prima** tqatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajjitha fuq il-baħar, iżda fejn ma tingħatax fastidju tidħol spiss fuq l-art. Tiekol kulma ssib fuq il-baħar u anke



*Frieħ tal-Gawwija Prima lesti biex itajru.*

żżur il-miżbliet. Kollox igħodd għal żaqqha: ħut, bebbux, arzell, granċijiet, u anki għasafar u annimali oħra żgħar, kif ukoll kull tip ta' skart organiku li tiltaqa' miegħu fil-baħar jew fl-art matul ix-xatt.

Mill-aħħar ta' Novembru sa Jannar ix-xjuħ jibdew jinġabru fil-kolonji. Fi Frar in-namrar ikun fl-aqwa tiegħu, u jibdew jibnu bejta ċatta ma' l-art, qalb veġetazzjoni baxxa jew fuq art għera. Il-mara tbid minn 2 sa 3 bajdiet, normalment 3, fl-aħħar nofs ta' Marzu. Il-bajd ikun kulur it-tafal b'ħafna dbabar kannella ċari u skuri. Iż-żewġ adulti jieħdu sehem isaħħnu l-bajd, li jieħu madwar 30 jum biex ifaqqas.




*Mappa li turi fejn tbejjet il-Gawwija Prima f'Għawdex*

L-ewwel frieħ ifaqqsu fl-aħħar nofs t'April u jibdew itajru għall-aħħar ta' Mejju. Meta jfaqqsu jkunu miksijin bis-suf, qishom flieles kbar. Hekk kif ix-xjuħ jersqu ħdejhom bl-ikel. li jkunu diġa belgħuh fl-istonku, il-frieħ itektku b'munqarhom fuq id-dabra ħamra tal-munqar tax-xjuħ, dawn itellgħu l-ikel mill-istonku u jitilquhulom fl-art quddiemhom, u l-frieħ jibdew inaqqru minnu. Meta jkunu lesti biex itajru, il-frieħ ikunu griżi kannella ċari, b'ħafna tikek, dbabar u strixxi skuri u munqarhom iswed. Jieħdu ma' l-erba' snin biex jimmaturaw, kull sena joħorfu u jibdlu r-rix sakemm isiru jixbħu lix-xjuħ.


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 7.00pm - 10.00pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

PLAY - FORUM (6)

# Ma' Mewġ il-Ħajja



**Din hi s-sitt kontribuzzjoni fis-sensiela ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktubin mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta' diskussjoni, biex joħolqu kuxjenza nisranija dwar sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà tagħna.**

# ID-DEĊENZA: BIL-QIES JEW BLA QIES?

***I Xena : F'Dar fil-Kwiet***

*Ċikku* Tonina, lili jaħasra ser tgħidli għalxejn!

*Tonina* Dan x'jiġifieri, qed noqgħod ngħidlek għalxejn?

*Ċikku* Għax jien hawn ġew ma niswa xejn!

*Tonina* Mela fejn tiswa int?

*Ċikku* Skont int, jiena ma niswa xejn, la hawn ġew u lanqas barra.

*Tonina* U ajma j'ommi, kemm ġej ksuħat dalgħodu; għax ma tgħidx li int moħħok biex tfarfar ir-responsabbiltà li għandek bħala missier.

*Ċikku* Infarfar ir-responsabbiltà, min jisimgħek. Jien qatt ma bżajt minn xejn, u fejn kelli nitkellem tkellimt.

*Tonina* L-aktar ma' wliedek!

*Ċikku* Uliedna, Tonina, uliedna!

*Tonina* Uliedna xi jrid ikun!... Irrid inkun naf kemm il-darba kellimt lil Michael jew lil Margaret?... Ikolli ngħid, inti tibża' minnhom!

*Ċikku* Diġà għedtlek li jien ma nibża' minn ħadd. Iżda meta nara li jiena m'inhix stmat... li ngħid x'ngħid ma jfisser xejn... allura bilfors ikollok tagħlaq ħalqek.

*Tonina* Dak l-iżball, Ċikk, li tagħlaq ħalqek. B'daqshekk ma ssolvi xejn.

*Ċikku* Imma tal-anqas ma ninfiskax fija nnifsi meta nara li m'inhix stmat...

*Tonina* Insomma Ċikk, issa ser ikollok tagħmel xi ħaġa. Ser ikollok tiftħu ħalqek.Hemm bżonn li tkellem sewwa lil Margaret.

*Ċikku* Issa jien x'ser ngħidilha, min jisimgħek. Jaħasra, iżjed tista' tasal int, milli nasal jien. Kelma bejnietkom in-nisa, aktar issarraf, u tħossukom aktar ħielsa li titkellmu sew.

Tonina Ċikk, Margaret ma għadhiex tagħti kas ta' li ngħidilha.

Ċikku Ma tagħtix kas tiegħek, aħseb u ara kemm ser tagħti kas tiegħi.

Tonina Tagħti, tagħti...Margaret tagħna bik biss tiftaħar. Lilek biss issemmi...

Ċikku U tridx tmur!

Tonina Dejjem kellha *soft spot* għalik...

*Ċikku* Dan is-*soft spot* xi jkun?

*Tonina* Tagħmilhiex ta' iblah, tafx. Int għal Margaret dejjem kont il-preferut.

*Ċikku* Iva, insomma. Xi tridni ngħidilha?

*Tonina* Mela int għajnejk mhux f'wiċċek?

*Ċikku* Jien s'issa għadni ma fhimt xejn minn dak li inti tridni ngħid lil Margaret tagħna.

*Tonina* Ċikk, int qatt rajt lil Margaret ħierġa għax-xogħol? Qatt rajtha liebsa dak l-ilbies inkaxxat magħha u dublett daqs nitfa...

*Ċikku* U s-Santa Marija... Issa b'daqshekk x'fiha?

*Tonina* X'jiġifieri x'fiha?... Mela int veru li qed titlef?

*Ċikku* Nerġa ngħidlek: b'daqshekk x'fiha? L-ewwelnet jekk qed tikxef sinjal li għandha x'turi. Ilbes hekk int, Tonina, u tara kif jiġbruk. Ħa, ħa, ħa...

*Tonina* Kiesaħ... għalhekk qisek ma waqajtx għalija, min jisimgħek!

*Ċikku* Dak kien żmien ieħor... U barra minn hekk, Tonina, Margaret tagħna taħdem f'uffiċċju mimli tfajliet u nisa oħra, u ħadd ma jkun irid jidher agħar minn ħadd.

*Tonina* Iva, allura, biex ma tidhirx agħar minn ħaddieħor trid tilbes dak l-ilbies?... Imbagħad dak it-tqaċċit kollu għalfejn?... Meta mhux ukoll xi *blouse* trasparenti!

*Ċikku* U jaħasra kemm bqajt moħħok magħluq!... Tonin, qum min-nagħsa li għandek. Illum iż-żminijiet tbiddlu...

*Tonina* Għalhekk, imbagħad, dawk id-diżastri kollha fil-familji. Daqstant xjaten iduru miegħek... Xi erbgħa minnhom iduru fl-uffiċċji tiegħek ikun jonqsok...

*Ċikku* Insomma, Tonina, nara nkellimhiex, xi jrid ikun!

*Tonina* Kellimha llum!!!

*Ċikku* U dan hemm bżonn ikun illum?... Int ħalli f'idejja... jien naħtaf l-okkażjoni kif tiġi?

*Tonina* U jekk ma tiġix l-okkażjoni?

*Ċikku* Tiġi, tiġi, tibżax...

*Tonina* Ħalli naraw x'ġej?... (pawsa)... Bilħaqq Ċikk; Michael lilek kellmek jew le?

*Ċikku* Skont fuqhiex!

*Tonina* Qalli li sejjer Sqallija ma' tal-futbol...







*Ċikku* Iħallas minn flusu u jmur kemm irid…

*Tonina* Rajtx kemm int ħelu! Iħallas u jmur!...

*Ċikku* Iva, allura, tridni nħallaslu jien, jew!...

*Tonina* Inti taf li ser imorru magħhom it-tfajliet ukoll?

*Ċikku* Le ma kontx naf; iżda ftit li xejn jimportani!

*Tonina* Reġa' koppi! Michael ser jieħu miegħu lit-tfajla tiegħu.

*Ċikku* Iva b'daqshekk x'ġara?

*Tonina* Ċikk, jiena xi kultant niddubita jekk int għandekx demm jiġri fil-vini, inkella ilma mielaħ… Issa inti taraha ħaġa sewwa li jmorru xebbiet u ġuvintur flimkien, ħallata ballata, joqogħdu l-lukanda flimkien…

*Ċikku* Joqogħdu l-lukanda flimkien? X'inhi din! Jiena ħsibthom li t- tfajliet ser joqogħdu f'post u l-ġuvintur f'post ieħor.

*Tonina* Imma kemm tiflaħ tkun balalu… Mhux ser jorqdu għand is-Sorijiet… ruħi qalbi… Diġà semmieli xi ħaġa li ser ikunu żewġ koppji, żewġ koppji f'kull kamra.

*Ċikku* Ara, ma jmur xejn…

*Tonina* Hekk għidlu, ma jmur xejn. Imbagħad it-tim tal-futbol kif ser jgħaddu mingħajru?

*Ċikku* Jgħidu li jridu tal-futbol; mela ma nħallix lit-tifel imur Sqallija mat-tfajla tiegħu. Ngħidlu jien.

*Tonina* Mela jekk għandek tkellmu, kellmu, għax s'għada hemm żmien biex iħallas il-biljett u l-lukanda.

*Ċikku* Taf x'qed ngħid?... Kemm ċapċaptli żewġ biċċiet xogħol ħelu ħelu. Tridx inkellmuhom flimkien, jien u int; xejn xejn nagħmlu kuraġġ b'xulxin.

*Tonina* Iva mela le. Il-lejla stess inkellmuhom

****** ***** *****

***II Xena Fi triq tar-raħal (Mużika fade out)***

*Klara* Ara Tonina; fejn sejra Tonina, għodu għodu?

*Tonina* Ser nasal wasla sa għand it-tabib, forsi jipprovali l-pressjoni.

*Klara* Jaqaw!... Ma tħossokx f'siktek?

*Tonina* Jinkwetawni, dak li nħoss!... Inti taf x'gew qaluli dwar Margaret?

*Klara* Isma' ma tridx temmen kollox.

*Tonina* Nemmen, mela ma nemminx. Min ġie jgħidli, għax jirrispettani. U ratha b'għajnejha stess.

*Klara* Iva, mela x'qaltlek?

*Tonina* Rat lil Margaret tiċċaċċra u titkessaħ ma' wieħed ġuvni…

*Klara* Tonina, trid tara jekk din li ġiet tgħidlek, hijiex xi waħda skrupluża jew inkella moħħha magħluq… Għax taf kemm hawn għanqbut!

*Tonina* Ara, la hi skrupluża u lanqas moħħha fl-għanqbut. Il-kuġina ta' Ċikku qaltli… u lil dik nemminha. Għax ara, kieku ġiet tgħidli xi ħaġa hekk oħtha, Miriam, kont nibgħatha tixxejjer għax dik għandha għira kilitha.

*Klara* Minn daqshekk Janie tal-affari tagħha…

*Tonina* Mela, mela… U jien min jaf kemm tkażajt bit-tfajliet tal-ġirien minħabba xi mossi li jagħmlu jew l-ilbies li jilbsu.

*Klara* Isma' minni Tonina, u titkaża b'ħadd. L-ewwelnett ilkoll kemm aħna f'baħar wieħed u ħadd mhu aħjar minn ħadd. It-tieni, dawn iż-żgħażagħ jgħalluk. Aħna t-tifla t'oħti kemm kemm tkellimni. U dan taf għaliex: sempliċiment għax żammejt m'ommha għaliex ma ridithiex tilbes dik il-biċċa ta' malja li xtrat.

*Tonina* Issemmilix taf, issemmilix! Qorti sħiħ għamilna jien u Ċikku magħha u ma' Michael. Spiċċajna ħafna għajjat, tgergir u gdiedem, u emminni ma nafx kemm irnexxielna nipperswaduhom lit-tnejn li huma.

*Ċikku* Ajma qtajt nifsi…. Kemm ġrejt…!!



*Tonina* Ċikk tibdilix int, fhimt!

*Ċikku* Iva nibdielek, lanqas belgħa kafè ma ħadt biex niġi nfittxek.

*Tonina* Min bagħtek?

*Ċikku* Margaret. Qaltli biex niġi nilħqek, għaliex beżżgħajtha kif kont ħamra nar.

*Tonina* Iva beżżgħajthiex tgħid!... L-ewwel ittellgħalek demmek f'rasek, imbagħad tibża' li jiġrili xi ħaġa.

*Ċikku* Ara. Tonina, ikkalma ftit. Imxi mmorru lejn id-dar. Nitkellmu bil-kwiet u fl-istess ħin tikkalma. Jekk jinvistak bħalissa t- tabib mhux il-pressjoni jsiblek iżda attakk tal-qalb gravi...

*Klara* Sewwa qed jgħidlek Ċikku... Imxu... jien 'l hemmhekk kont sejra.

*Tonina* Ħalli nisma' minnkom... iżda ara biss tiġi tkellimni Margaret għax noqtolha.

*Klara* Issa b'daqshekk x'ser tieħu? Mhux bintek tibqa'?

*Ċikku* Isma' dan imbagħad lanqas qatlet lil ħadd, tafx.

*Tonina* Ċikk, ara nerġa' nisimgħek tirrepeti din is-sentenza. Mela biex toffendi lil Alla trid toqtol jew...?

*Klara* Tonina, int għandek raġun. Margaret żbaljat, u setgħet kienet ukoll ta' skandlu għal ħaddieħor...

*Ċikku* U mela llum baqa' min jieħu skandlu, jew?

*Klara* Ċikk, biżżejjed ikun hemm tifel jew tifla, għaddejjin minn hemm.

*Ċikku* U ajma kemm se nġibuha bi kbira! Żbaljat!... u daqshekk. Tmur tqerr.

*Tonina* Dan anki fil-knisja!...Ma tistax toqgħod bi kwietek!... Mal-ewwel daqsxejn tas-sħana, kulħadd iqaċċat. U jippretendu li jidħlu l-knisja b'dak l ilbies.

*Klara* U allaħares tkellimhom!... Għax donnhom għandhom xi dritt!

*Tonina* Ilbies ta' ħdejn il-baħar, u tarahom jitilgħu jitqarbnu. Dan għax ma jkellimhomx waħda sew il-kappillan.

*Klara* U dak xogħol il-kappillan biss? Mela ser joqgħod ikejjel it-tul u l-qosor tal-libsa; jew imbagħad, ngħiduha kif inhi, aktar nistgħu nagħmlu ġid aħna l-lajċi billi nkellmu bil-kwiet lil dik li tkun u nuruha li dik mhix libsa tal-knisja.

*Ċikku* Il-marelli... mur ġibhom jidħlu l-qorti lebsin hekk. L-irġiel kollha bil-ġlekk imorru l-qorti. Igergru tafx. Imma jilbsuh il-ġlekk. Imbagħad għall-knisja le.

*Tonina* U hekk mela Ċikk! Darba f'mitt qamar, aqbel magħna! Hekk nieħu pjaċir bik jien!

*Ċikku* Mhux hekk, Tonina. L-aħħar kelma, mod jew ieħor, hi dejjem tiegħek!




*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Padania jirbħu l-VIVA World Cup għat-tielet darba konsekuttiva... jirbħu wkoll il-VIVA World Cup tan-Nisa*



Padania rnexxielhom jirrepetu ż-żewġ suċċessi li kellhom f'Sapmi u Padania meta f'Għawdex ukoll rebħu l-finali meta għal darb'oħra ħarġu rebbieħa kontra Kurdistan biex kisbu trippletta impressjonanti. Anke fil-kompetizzjoni Femminili huma kellhom suċċess ieħor b'żewġ rebħiet kontra t-tim Għawdxi.

B'sitt timijiet maqsuma f'żewġ gruppi, Padania bdew l-impenji tagħhom fi Grupp A b'rebħa sofferta kontra t-tim Għawdxi. Fil-fatt huma ħarġu rebbieħa b'mod strett ta' 2-1. Kienu huma li fetħu l-iskor minn Mauro Mannini wara seba' minuti logħob. Iżda r-reazzjoni Għawdxija kienet effikaċi fejn irnexxielhom jiksbu d-*draw* fl-40 minuta permezz ta' xutt fil-baxx ta' John Camilleri wara kross ta' Chris Camilleri. Madankollu Padania kisbu l-gowl tar-rebħa seba' minuti mit-tmiem b'daqqa ta' ras tas-sostitut Matteo Prandelli wara korner ta' Mosti. Fit-tieni ġurnata Padania kisbu rebħa oħra stretta kontra Occitania meta gowl waħdani ta' Simone. Fl-aħħar ġurnata tal-Grupp, Occitania kisbu rebħa kbira ta' 5-0 kontra t-tim Għawdxi b'gowls ta' Marc Ballue (2), Sebastien Taillan, Jordan Amiel u Gullhem Soro.

Fi Grupp B, Kurdistan bdew b'rebħa kbira ta' 4-1 kontra d-debuttanti tar-Regno Delle Due Sicilie b'gowls ta' Shkar Muhsin, Karzan Abdallah u doppjetta ta' Hydar Qamaran, filwaqt li Pietro Capuccelli skorja l-uniku gowl għar-Regno Delle Due Sicilie. Fil-ġurnata ta' wara r-*Regno Delle Due Sicilie* rkupraw mit-telfa kbira meta b'penalti ta' Pietro Capuccelli għelbu lil Provence. L-aħħar logħba ta' dan il-grupp kienet drammatika fejn Provence riedu jirbħu kontra Kurdistan biex ikunu huma li jgħaddu iżda spiċċaw telliefa 2-3. Għal Provence skorja darbtejn Bruno Borghesi, iżda l-Kurdi rkupraw b'gowls ta' Hydar Qaraman (2) u Deyar Rahman.

### *Semi-Finali*

L-ewwel semi kienet id-derby Taljan fejn Padania b'żewġ gowls fit-tieni taqsima ta' Mauro Nannini u Maurizio Ganz issuperaw lir-*Regno delle Due Sicilie.* Fis-semi finali l-oħra Kurdistan reġgħu dawru telfa f'rebħa meta għelbu lil Occitania bl-iskor ta' 2-1. Kien Eric Gamet li poġġa lil Franċiżi fil-vantaġġ. Imbagħad Hydar Qaraman kiseb id-draw Kurd u s-sostitut Karzaz Mohammed poġġa lil Kurdistan fil-finali b'xutt fil-baxx.

### *Finali*

Padania b'gowl waħdani skurjat b'xutt minn barra l-kaxxa ta' Luca Mosti fl-24 minuta rriżulta deċiżiv biex fi tmiem il-finali kien il-kaptin tagħhom Stefano Tignonsini li rċieva l-*VIVA World Cup* mingħand il-president tal-NF Bord Christian Michelis. Kienet finali li rriżultat ferm akkanita, bil-Kurdi jipprovaw ipattuha lill-istess avversarji li kienu rebħulhom fl-edizzjoni tas-sena l-oħra. Fis-76 minuta Kurdistan kellhom gowl skurjat bir-ras minn Ayoob Mohammed Ayad imħassar għal *offside.* Interessanti kien li għall-ewwel darba f'Għawdex, logħba kienet ikkontrollata minn sitt uffiċjali, bir-referi jkun Mario Mazzoleni assistit minn fuq il-linji minn Luciano Casnati u Karim Hatim Azad, bir-raba' uffiċjal ikun Joe Bajada. Bħala assistenti referis addizzjonali kien hemm Per-Anders Blind u Aaron Refalo.

### *Finali 3/4 Post*

Occitania b'gowl f'kull taqsima akkwistaw it-tielet post meta għelbu lir-Regno Delle Due Sicilie. Kien Sebastien Taillan li poġġiehom fil-vantaġġ u Eric Gamet aċċerta minn din il-pożizzjoni għal Franċiżi.

### *Finali 5/6 Post*

Għawdex irnexxielhom iżommu l-ħames post miksub fl-aħħar edizzjoni meta b'żewġ gowls wara l-intervall irnexxielhom idawru telfa f'rebħa ta' 2-1 kontra Provence. Kien Stephane Juan li poġġa lil Franċiżi minn fuq fid-19 il-minuta. L-Għawdxin wettqu reazzjoni fejn kienu sfortunati meta fit-32 minuta Jason Portelli laqat sieq il-lasta. Iżda fid-59 minuta Rodney Buttigieg b'xutt fil-baxx kiseb id-draw u mbagħad kien Nikolai Filipov li b'xutt angulat minuta mit-tmiem li kiseb il-gowl tar-rebħa.

### *Padania jagħmlu double bir-rebħ tal-VIVA World Cup tan-Nisa*

B'żewġ rebħiet fiż-żewġ konfronti kontra s-Selezzjoni Għawdxija, Padania rebħu dan l-unur għall-ewwel darba. Fl-ewwel leg huma prattikament aċċertaw mis-suċċess tagħhom meta skurjaw erba' darbiet mingħajr risposta. Kienet Lucrezia Lupi li fetħet l-iskor fit-13 il-minuta b'xutt minn barra l-kaxxa. Fil-50 minuta Martina Baroni rduppjat b'xutt angulat. Imbagħad fit-68 minuta Valentina Colamanco wara li ħarbet lid-difiża Għawdxija kabbret il-vantaġġ. L-aħħar gowl tat-Taljani kien skurjat fis-77 minuta permezz ta' Lara Laterza wara azzjoni ta' korner.

Fit-tieni partita rrefjata minn Joe Bajada, Padania reġgħu kienu aħjar, bl-Għawdxin jilgħabu l-logħba tal-*offside* biex jillimitaw id-danni. Madankollu doppjetta ta' Valentina Povia fl-10 u fl-40 minuta komplew aċċertaw dan is-suċċess tagħhom. Fit-78 minuta kienet Monica Iustoni li ssorprendiet lil Vella biex issiġillat ir-rebħa. Fi tmiem il-finali l-*captian* tagħhom Monica Iustoni rċeviet it-trofew mingħand Christian Michelis, President tal-N-F Board, l-organizzaturi tal-*VIVA World Cup.*

# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Richard Grech*



## 7. IL-ĦARRAX U TA' KULJAT

*Il-Ħarrax u ta' Kuljat*
*żewġ għoljiet qishom tewmin,*
*nistħajjilhom Sijamiżi*
*għax minn ġenbhom magħqudin.*

*It-tewmija l-kbira fosthom*
*hija l-għolja Ta' Kuljat,*
*tal-Ħarrax taħbat ftit iżgħar*
*b'wiċċ imkemmex u rrigat.*

*Ta' Kuljat kienet imgħammra*
*sa mill-ibgħad żminijiet,*
*tal-Ħarrax, iżda, jaħasra,*
*ftit li xejn bħalha ssemmiet.*

*Dawn l-għoljiet tajbin għall-kaċċa*
*kemm tal-fenek, kemm tat-tajr,*
*għax m'humiex bgħid wisq mir-Rabat*
*fihom naslu wkoll malajr!*

*Dari r-raba' kien jinħadem*
*minn fuq nett sa ġewwa l-wied:*
*żara', silla, ful, u bħajra...*
*o xi ħlew ta' żminijiet!*

*Illum ħafna mill-għelieqi*
*jibqgħu ġmiem ma jinħadmux,*
*tas-sejjiegħ ħitan jiġġarrfu*
*u ħlief ħerba ma jħallux.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Joseph W. Psaila

## ERBA' NIĊEĊ FAMUŻI "TAL-PEDESTALL"



San Ġorġ tal-Ħaġar, Victoria



San Ġwann l-Evanġelista, Nadur



Is-Salvatur tal-Kappuċċini, Victoria



San Ġużepp ta' Gelmus, Victoria




# BLOKRETE

GROUP


















Blokrete Ltd, Mosta Road, Lija, LJA 9012, Malta
Tel: (+356) 2143 3953, 2148 4735, 2144 4562
Fax: (+356) 2143 3957

www.blokrete.com.mt
info@blokrete.com.mt